ISBN 978-99957-819-7-2
9 789995 781972

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR



# Id-Dizzjunarju ta' Mons. C. Psaila

Dwayne Ellul

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# Id-Dizzjunarju ta' Mons. C. Psaila

Dwayne Ellul

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u
d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2025

ISBN: 978-99957-819-7-2

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Editur tal-pubblikazzjoni: George Farrugia

Stampat: Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Dan l-istudju ġie ppreżentat fil-Konferenza Dun Karm nhar il-31 ta' Ottubru 2023, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Is-sors tar-ritratti:
Ritratti 1-3: mhux magħruf ta' min huma iżda s-sors immedjat huwa https://vassallohistory.wordpress.com/auberges-in-malta/
Ritratti 4-9, 20 u 23: Arkivju Nazzjonali ta' Malta
Ritratti 10-11: *Il-Malti* (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)
Ritratti 12-19, 24-25: Arkivju tal-Università ta' Malta
Ritratti 21-22: *Il-Gazzetta tal-Gvern* tat-3 ta' Lulju 1936
Ritratt 26: Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti

## Werrej


Id-Dizzjunarju ta' Mons. C. Psaila
Daħla 5

L-Istorja tad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* 9

Il-Ħsibijiet ta' Psaila dwar
il-Lessikografija u Suġġetti Oħra 63

Kummenti Kritiċi 77

Appendiċi - 1
Kronoloġija 117

Appendiċi – 2
Tabelli u Figuri 143

Biblijografija 181

# Id-Dizzjunarju ta' Mons. C. Psaila

## Daħla

Ftit li xejn inkiteb dwar id-Dizzjunarju Ingliż u Malti ta' Dun Karm. X'aktarx li dan id-dizzjunarju jissemma ħafif ħafif f'xi kitbiet dwar ħajjet u xogħol il-poeta. It-tagħrif li normalment jingħata dwar dan id-dizzjunarju huwa limitat għal dak li deher fl-Avviż ippubblikat fil-*Gazzetta tal-Gvern* tat-3 ta' Lulju 1936 jew għad-daħla miktuba minn Dun Karm stess, magħrufa bħala l-"Erba' Kelmiet ta' Qabel".

Dan l-istudju għandu proprju l-għan li jippreżenta l-istorja sħiħa tad-Dizzjunarju għall-ewwel darba, wara li l-awtur eżamina bir-reqqa dokumenti miġbura minn tliet arkivji ewlenin: l-Arkivju tal-Università ta' Malta, l-Arkivju Nazzjonali tar-Rabat, u l-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina.

Ix-xogħol huwa mqassam fi tliet kapitli ewlenin. L-ewwel kapitlu jagħti tagħrif importanti dwar il-kuntest storiku u ċ-ċirkustanzi li wasslu għall-kitba ta' dan id-dizzjunarju: il-Kwistjoni tal-Lingwa, l-avvanzi li beda jagħmel il-Malti f'diversi oqsma fosthom fl-edukazzjoni, fil-letteratura u fl-istudju tal-lingwa, u d-Dizzjunarju bħala l-pass naturali li kien imiss. Kif jgħidilna Ellul stess, f'dan il-perjodu bdiet tinħass il-ħtieġa ta' xogħlijiet lessikografiċi ġodda. Dun Karm innifsu kien jemmen li xogħlijiet bħal dawn kienu meħtieġa għax il-Maltin, fosthom żgħażagħ, bdew jemmnu aktar fi lsienhom bħala medju li tista' tużah ukoll biex tikteb bih u għaldaqstant xtaqu li jkollhom dizzjunarji tajbin biex jgħinuhom

iwettqu kitbithom bl-aħjar mod. Għall-ħeffa u l-konvenjenza, l-avvenimenti kollha li wasslu għall-ħolqien ta' dan id-dizzjunarju huma ppreżentati b'reqqa kbira f'tabella kronoloġika fl-ewwel Appendiċi ta' dan ix-xogħol.

It-tieni kapitlu jittratta l-ħsibijiet ta' Psaila dwar il-lessikografija u suġġetti oħra fosthom, l-ideat tiegħu dwar il-lingwi, il-pożizzjoni u l-importanza tal-Malti, kif ukoll l-idea tiegħu dwar il-ħtieġa ta' dizzjunarju ġdid fid-dawl tad-dizzjunarji li kienu jeżistu qabel.

It-tielet kapitlu jiffoka fuq il-kritika li nkitbet dwar id-Dizzjunarju ta' Dun Karm minn diversi studjużi magħrufa, fosthom Pietru Pawl Saydon, Ġużè Aquilina, u Ġużè Diacono. Din il-kritika tiġi analizzata bir-reqqa u evalwata b'metodi kwantitattivi mill-awtur ta' dan ix-xogħol biex jivverifika l-punti msemmija.

Minkejja li llum għandna bosta dizzjunarji tal-Malti, id-Dizzjunarju ta' Dun Karm jibqa' fundamentali fl-iżvilupp lessikografiku tal-Malti għaliex minbarra li fi żmienu għen lil bosta Maltin jifhmu aktar l-Ingliż filwaqt li japprezzaw u jagħrfu l-potenzjal tal-Malti bħala lingwa li tista' tintuża b'suċċess f'kull kuntest, nistgħu ngħidu li serva wkoll ta' bażi soda għall-ħolqien ta' dizzjunarji li ġew warajh.

Dan ix-xogħol jikkumplimenta t-taħdita li ta l-awtur innifsu nhar il-31 ta' Ottubru 2023 fl-Università ta' Malta organizzata mid-Dipartiment tal-Malti bis-sehem tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u huwa ħolqa oħra fis-sensiela ta' pubblikazzjonijiet dwar Dun Karm li qed jippubblika l-istess Dipartiment minn żmien għal żmien.

**Prof. George Farrugia**
Editur tas-Sensiela

lil sħabi kollha tad-Dipartiment tal-Malti
lil Manwel u lil Michael, li emmnu fija
lill-għalliema kollha tiegħi, għax kulma naf, nafu lilhom


**Nota tal-awtur**

Ħajr lil: Joe Borg, Prof. Arnold Cassola, Dr Sergio Grech u Trevor Żahra – li ddiskutejt magħhom xi punti f'fażijiet differenti tar-riċerka – kif ukoll l-arkivisti tal-Arkivju tal-Università ta' Malta, tal-Arkivju Nazzjonali tar-Rabat u tal-Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina.

Ħajr lill-Prof. George Farrugia tal-kordinazzjoni kemm tal-Konferenza kif ukoll tal-pubblikazzjoni ta' dan l-istudju.

Ħajr speċjali lill-Prof. Mario Cassar li għoġbu jiddiskuti miegħi sal-inqas dettall il-parti storika tal-istudju.

# L-Istorja tad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*

## *Żvilupp fl-Ilsien Malti fi żmien il-Kwistjoni tal-Lingwa*

### Is-sitwazzjoni lingwistika f'Malta mal-qalba tas-seklu 19

Sas-sebgħinijiet tas-seklu 19 ix-xena politika f'Malta kienet iffukata l-aktar fuq il-kwistjoni tar-rappreżentanza għaliex il-mexxejja tal-Maltin kienu urtati ħafna li l-poplu Malti ma ngħatax gvern rappreżentattiv.[1] Iżda meta fl-1878 waslet Malta l-Kummissjoni Rjali Rowsell-Keenan-Julian, dan kollu nbidel u nfetaħ is-siparju fuq il-Kwistjoni tal-Lingwa li damet għaddejja mas-sittin sena sakemm fil-kostituzzjoni tal-1939 kienu biss il-Malti u l-Ingliż li ġew dikjarati bħala l-lingwi uffiċjali ta' Malta.

Il-Kummissjonarji Francis Rowsell, Patrick Keenan u Sir Penrose Julian ġew Malta biex jirrapportaw dwar ir-riformi kbar li nħass li kienu meħtieġa fit-tmexxija ta' pajjiżna. Fir-rapport tiegħu dwar is-sistema edukattiva[2], Keenan irrakkomanda, fost affarijiet oħra, li fl-iskejjel primarji t-tfal Maltin ma jibqgħux jintgħallmu żewġ ilsna barranin: kellhom jitgħallmu jaqraw bil-Malti minn kotba li jinkitbu apposta għal dan il-għan. Imbagħad, il-Malti kellu jservi

---

[1] Frendo, H. "Language and Nationality in an Island Colony: Malta" fil-*Canadian Review of Studies in Nationalism*, III, 1975.

[2] Friggieri, O. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*. PEG, 1995, p. 36.

biex jibdew jitgħallmu l-Ingliż, li kellu jkun il-lingwa tal-iskejjel. Min-naħa l-oħra, ir-rapport ta' Julian dwar l-organizzazzjoni taċ-ċivil f'Malta[3] saħaq li l-Ingliż kellu jsir l-ilsien uffiċjali ta' Malta u jkun l-unika lingwa li tintuża fil-Kunsill tal-Gvern, fil-qrati, fl-iskejjel u l-bqija. Fil-fehma tiegħu, il-ħaddiema taċ-ċivil mhux talli kellhom ikunu familjari ħafna mal-Ingliż, talli saħansitra kellhom jikkomunikaw bih biss uffiċjalment, filwaqt li jeskludu kull ilsien ieħor, jiġifieri t-Taljan u l-Malti. Il-movimenti reazzjonarji li nħolqu minn min kien favur dawn ir-riformi (ir-Riformisti) u minn min kien kontrihom (l-Anti-Riformisti) kienu ż-żerriegħa li minnha nibtu l-ewwel partiti politiċi Maltin.

Dan is-suġġett ġie trattat estensivament minn diversi studjużi bħal Henry Frendo, Oliver Friggieri, Joseph M. Brincat, Joseph Zammit Mangion, Joseph A. Xerri, George Cassar, J.J. Camilleri, u Paul G. Camenzuli li ħarsu lejh minn perspettivi differenti u ddiskutew l-effett tal-Kwistjoni tal-Lingwa fuq diversi aspetti bħall-politika, l-edukazzjoni u t-tnissil tal-kuxjenza nazzjonali Maltija. Għalhekk mhijiex l-intenzjoni tiegħi li nikteb dwar din it-tema.

Madankollu, importanti nżommu f'moħħna l-klima tas-sitwazzjoni f'dak iż-żmien. Filwaqt li l-ħakkiema ppruvaw isibu mezz kif it-Taljan jingħata l-ġenb, f'popolazzjoni li l-maġġoranza kbira tagħha kienet taf titkellem biss bil-Malti u fejn it-tfal ftit li xejn kienu jmorru skola, l-Ingliż ma setax jaqbad art (tal-inqas fl-iskejjel) mingħajr l-għajnuna tal-lingwa tal-massa. Dawk li kienu jħobbu l-Malti għarfuh dan; u ma baqgħux b'idejhom

---

[3] Julyan, P.G. *Report on the Civil Establishments of Malta*. Londra, W. Clowes & Sons, 1879, pp. 56-59.

fuq żaqqhom. Għalhekk, il-Malti beda jagħmel passi żgħar iżda konsistenti 'l quddiem f'diversi oqsma li huma tabilħaqq importanti għall-iżvilupp ta' kull ilsien: ewlenin fosthom l-edukazzjoni (anki bl-appoġġ tal-Ingliżi[4]) u t-trawwim tal-letteratura. Il-letteratura Maltija ħadet spinta qawwija tul il-perjodu kollu tal-Kwistjoni tal-Lingwa filwaqt li mill-għoxrinijiet 'il quddiem bdew iseħħu avvanzi kbar fl-edukazzjoni, l-aktar bis-saħħa tal-figura ewlenija tad-Direttur Dr Albert Victor Laferla. Ħarsa mqar ħafifa lejn l-iżviluppi ewlenin f'dawn l-oqsma tgħinna nifhmu aħjar l-importanza tas-suġġett tad-diskussjoni tagħna: id-Dizzjunarju ta' Dun Karm.

## L-iżvilupp tal-Malti fl-edukazzjoni fi żmien id-Direttur Dr A. V. Laferla

Wara li kkonsulta diversi sorsi primarji, Paul G. Camenzuli (*Reforms*) jagħti rendikont dettaljat ħafna tar-riformi li seħħu fl-edukazzjoni b'rabta mal-Malti fl-ewwel erbgħin sena tas-seklu 20. Hawnhekk se nislet biss uħud mir-riformi li nqis bħala l-aktar importanti u relevanti li seħħu fi żmien id-Direttur Laferla (1920-1943), figura determinanti għall-firxa u l-iżvilupp tal-Malti fi żmienu u li kellha rwol deċiżiv fl-istorja mżewqa tad-Dizzjunarju ta' Dun Karm.

Is-sitwazzjoni li sab Laferla mal-ħatra tiegħu bħala Direttur tal-Istruzzjoni Elementari fl-1920 jiddeskriviha fl-ewwel

[4] Ara, ngħidu aħna, Xerri, Joseph A. *L-Iżvilupp tal-Edukazzjoni f'Malta 1430-1924.* SKS, 2016, pp. 58-60.

rapport annwali tiegħu,[5] fejn jelenka sitt difetti ewlenin: (i) it-tfal kienu jibdew l-iskola tard, ta' sitt snin; (ii) l-għalliema ma kinux imħarrġin biżżejjed, l-aktar fil-pedagoġija; (iii) il-pagi tal-għalliema kienu baxxi; (iv) ma kienx hemm koperazzjoni bejn il-ġenituri u l-iskejjel u l-attendenza tat-tfal kienet irregolari; (v) it-tfal kienu jitilqu ta' età żgħira mill-iskola; (vi) is-suġġetti u l-lingwi li bihom jintgħallmu kienu ddettati mill-politika u mhux mill-ħtiġijiet tat-tfal.

Fl-1923 il-Gvern għadda l-att magħruf bħala *l-Pari Passu* li kien jirregola t-tagħlim u l-użu simultanju tal-Ingliż u tat-Taljan fl-istituzzjonijiet pubbliċi, fosthom l-iskejjel. B'din il-liġi, l-Ingliż u t-Taljan tqiesu ugwali fl-importanza tagħhom, iżda skont skeda annessa mal-liġi l-ġdida, il-lezzjonijiet fil-Liċeo kellhom isiru bl-Ingliż ħlief tal-Latin u r-Reliġjon li kellhom isiru bit-Taljan u għall-ewwel darba l-Malti tħalla jintuża bħala l-lingwa tat-tagħlim għas-suġġett tal-Arti. Għalkemm il-Partit tal-Ħaddiema u l-Partit Kostituzzjonali ħaduha qatta bla ħabel kontra din il-liġi, Camenzuli (203) jinterpreta dan il-preċedent bħala pass 'il quddiem għall-Malti għaliex fi kliemu, sa qabel l-1924 kien tabù li jintuża l-Malti bħala lingwa tat-tagħlim.

Sena wara daħal l-Att dwar l-Attendenza Obbligatorja (il-*Compulsory Attendance Act*). Laferla ra li l-għalliema jkunu mħarrġa aħjar u li jitjibulhom il-pagi konsiderevolment (*Reforms* 202). Introduċa wkoll it-tagħlim dwar suġġetti b'rabta mal-identità nazzjonali bħall-istorja, il-patrijottiżmu u ċ-ċivika (196). Imbagħad, fl-1929, il-Malti ġie introdott fil-qrati. Minħabba

[5] Laferla, A. V. "Reports on the Elementary Schools Departments 1920-1921", Suppliment tal-*Gazzetta tal-Gvern* nru XXV, 1922, p. 181.

l-importanza dejjem tikber tal-lingwa, inħasset il-ħtieġa li fil-Liċeo tinfetaħ klassi ta' filgħaxija tal-Malti (flimkien ma' suġġetti oħra) bi programm mifrux fuq sentejn ta' studju (208).

Fl-1932 il-poplu Malti reġa' ngħata l-kostituzzjoni tal-Gvern Responsabbli wara ż-żjara tal-Kummissjoni Rjali mmexxija minn Lord Asquith. Il-Gvern Ingliż mexa mar-rakkomandazzjonijiet ta' din il-Kummissjoni u filwaqt li żamm l-Ingliż u t-Taljan bħala ilsna kulturalment indaqs, it-tagħlim tat-Taljan ma baqax jiġi eżaminat qabel id-dħul fil-Liċeo jew fl-iskejjel sekondarji u għalhekk ma baqax obbligatorju (210).

Meta din il-kostituzzjoni daħlet fis-seħħ, Laferla bagħat javża lill-kapijiet tal-iskejjel elementari li ma kienx se jkun hemm devjazzjonijiet minn dak stipulat fiha. Għalhekk talabhom orarju proviżorju għall-istandards III-VI fejn kellu jkun hemm sagħtejn fil-ġimgħa tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż rispettivament (224).

Waqt laqgħa mal-għalliema fl-1933, Laferla spjega li billi ma kienx hemm kotba għall-iskejjel bil-Malti, it-tagħlim tal-Malti kellu jsir minn fuq talb bħall-*Missierna*, *is-Sliema*, *il-Kredu* u l-*Confiteor* (*Nistqarr 'l Alla*) (226). Minħabba dan in-nuqqas ta' riżorsi, Laferla ra kif għamel biex isib in-nies li setgħu jgħinuh fil-kompilazzjoni ta' kotba xierqa bil-Malti għat-tfal Maltin. Fost dawn tispikka l-*Ġabra ta' Ward* ta' Emmanuel Benjamin Vella; is-sensiela ta' kotba tal-Ġeografija ta' Ġanni Cilia *Tagħlim fuq id-Dinja*; *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* u *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* ta' Ninu Cremona; *Story of Man in Malta* ta' Laferla stess maqlub għall-Malti minn Salvu Gatt u Ġużè Ebejer; u r-rumanzett *Raġel bil-Għaqal* ta' Ġużè Galea. Kien fi żmienu wkoll li nbeda x-xogħol

fuq dizzjunarju ġdid tal-Malti li kellu jiżviluppa fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm.

Laferla kien ukoll strumentali biex il-Gvern iniedi kompetizzjonijiet għall-kitba tar-rumanzi li minnhom ħarġu *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġużè Galea, *Anġli tan-Niket* ta' Ġino Muscat Azzopardi, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, u oħrajn. Dan flimkien ma' ħafna xogħol ieħor maħsub biex jara l-Malti mifrux kemm jista' jkun. Fi kliem Camenzuli (239): "He availed himself of any opportunity [...] which was of help in making Maltese spread like wild fire."

Fl-1934 ħareġ sillabu dettaljat tal-Malti għall-iskejjel elementari. Madankollu, it-tagħlim tal-Malti kien jibda fi Standard I u għalhekk fis-snin ta' qabel it-tagħlim kellu jsir bl-Ingliż (226). Fl-1935 reġgħu nbidlu r-regolamenti tal-Liċeo u issa kellu jkun hemm klassi tal-Malti. Din hi l-ewwel darba li l-Malti ma jissemmiex biss bħala lingwa tat-tagħlim, imma bħala suġġett li jiġi studjat għall-merti tiegħu f'dan il-livell.[6]

Fil-Kostituzzjoni tal-1936 ġie pproklamat li l-Ingliż kien il-lingwa uffiċjali tal-Imperu Ingliż u li l-Malti kien il-lingwa uffiċjali tal-poplu Malti u dawn għalhekk saru ż-żewġ lingwi uffiċjali.

---

[6] Hawnhekk qegħdin neskludu l-Iskola tal-Fqar ta' Malta li kien hemm il-Belt u li kienet immexxija mill-Metodisti. Olvin Vella jgħidilna li din kienet "l-unika waħda [skola] li fil-programm tagħha daħħlet it-tagħlim tal-Malti." Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, *Minn Tagħna*, 2023, p. 25.

## L-iżvilupp tal-Malti f'diversi oqsma oħra

Fi *Storja tal-Ilsien u l-Letteratura Maltija: Kronoloġija,* Mario Cassar jagħtina ġabra eżawrjenti tal-avvenimenti u x-xogħlijiet li sawru l-istorja tal-ilsien Malti minn nofs is-seklu 13 sal-2020. Sabiex nibni l-kuntest tal-iżvilupp li kien għaddej minnu l-Malti f'diversi oqsma fil-perjodu li fih inħema d-Dizzjunarju ta' Dun Karm u ftit qabel, se nislet minn dan il-kompendju għażla ta' xogħlijiet, fosthom grammatiki, studji, dizzjunarji, rumanzi, poeżiji u xogħlijiet oħra rappreżentattivi ta' dak li Dun Karm stess iqisu bħala r-"rebbiegħa tal-lsien Malti."[7]

L-1878 kienet is-sena li fiha Ġużè Muscat Azzopardi ppubblika l-ewwel rumanzett storiku tiegħu, *Toni Bajjada*. Wara dan, l-istess awtur ħareġ oħrajn bħal *Mattew Callus* u *Nazju Ellul*. Fl-1889 Anton Manwel Caruana ppubblika *Ineż Farruġ,* filwaqt li fl-1910 deher *Is-Saħħar Falzun* ta' Agostino Levanzin. Ma' dawn l-awturi bdew jiktbu oħrajn bħal Emilio Lombardi u Arturo Caruana. L-1930 tatna r-rumanz ċelebri *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo. Tmien snin wara, imbagħad, dehru *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, *Il-Qawwa tal-Imħabba* ta' Ġużè Bonnici, u *Triq id-Dejqa Nru 313* ta' Ivo Muscat Azzopardi.

Matul dan il-perjodu mimli battibekki bejn ir-Riformisti u l-Anti-Riformisti, bdew ifaqqsu l-ġurnali bil-Malti bl-għan li jwasslu l-messaġġ politiku tagħhom. Għalhekk bdew jidhru gazzetti bħal *Il-Ġaħan*, *Il-Ħmar*, *Il-Ħabib*, *In-Naħla*, *Il-Berka*, *Ix-Xemx*, *Malta Maltija*, *Il-Progress* u *Il-Bandiera tal-Maltin*.

[7] AUM Ms. 216/4, p. 12.

Dawn mhux talli għenu lil min kien jaf jaqra biss bil-Malti jkun jaf x'qiegħed jiġri madwaru u jinforma b'dan lil sħabu illitterati,[8] iżda talli swew ta' ġid kbir anki għal-lingwa Maltija, kemm għax għenuha tkun aktar viżibbli kif ukoll għaliex ma' wħud minnhom bdew joħorġu f'faxxikli għadd ta' xogħlijiet mill-pinna ta' awturi li bdew jiktbu bil-Malti. Ma' dawn wieħed ma jistax ma jinnutax l-importanza ta' rivisti bħal *Il-Ħabib* (1912–1928) ta' Mons. Pawlu Galea u Ġużè Muscat Azzopardi li fi kliem Mario Cassar (*Storja* 93), "Fl-opinjoni ta' bosta, għenet qatigħ biex jissawwar dak li kien meqjus bħala l-Malti letterarju – mera ta' Malti mirqum u idjomatiku." Dun Karm stess jistqarr[9] li fl-iżvilupp tal-Malti kien iqis partikolarment importanti l-ħruġ tar-rivista *Il-Ħabib* fl-1912.

Dan kien ukoll iż-żmien li fih bdew jiffurmaw l-għaqdiet tal-Malti li wħud minnhom għadhom magħna sal-lum. Fl-1880 twaqqfet ix-Xirka Xemija li bdiet toħroġ il-fuljett letterarju *Is-Sebħ, Qari bil-Malti* u l-kotba *Qari għall-Maltin*. Fl-1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti minn Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm, Franġisku Saverju Caruana, u oħrajn bl-għan li ssawwar ortografija standard u xxerred l-ilsien Malti u l-letteratura tiegħu. Fl-istess sena twaqqfet ix-Xirka Filoloġika-Letterarja. Imbagħad, fl-1931, Ġużè Bonnici u Rużar Briffa waqqfu l-Għaqda tal-Malti – Università. Fl-1939 twaqqfet ix-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti minn Ġużè Bonnici, Ġużè Chetcuti, Ġorġ Pisani, u Anton Buttigieg.

---

[8] Mario Cassar f'p. 98 jirreferi għaċ-ċensiment li kien sar fl-1921 li wera li 9.67% biss tal-popolazzjoni 'l fuq mill-ħames snin kienet taf tikteb u taqra bil-Malti.

[9] AUM Ms. 216/5 *Kif tnisslet l-idea ta' dan id-dizzjunarju* p. 1.

F'dawn id-deċennji dehru wkoll diversi studji dwar aspetti tal-Malti, kemm lokalment minn persuni bħal Annibale Preca, Pietru Pawl Castagna, Anton Manwel Caruana u Napuljun Tagliaferro, kif ukoll barra minn Malta minn studjużi bħal Luigi Bonelli u Hans Stumme. Ma' dawn ħarġu wkoll xi grammatiki bħal ta' Edmund Sutcliffe u, qabilha, l-aktar waħda importanti – *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* – miktuba minn Ninu Cremona u Ġanni Vassallo fl-1924.

Wara l-ħidma ta' Ġan Anton Vassallo fis-snin ta' qabel, bdew jidhru aktar poeżiji bil-Malti. Fost oħrajn dehru l-ġabriet ta' Vincenzo Busuttil (1896 u 1902), Dun Ġużepp Farrugia, u Ġużè Orlando Smith (1924). Fl-1912 Dun Karm xandar f'*Il-Ħabib* l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti "Quddiem Xbieha tal-Madonna" u, għaxar snin wara, kiteb l-"Innu Malti". Fl-1933 Dun Karm kiteb "Wied Qirda", "Il-Ġerrejja u Jien", u "Żagħżugħ ta' Dejjem", fost oħrajn u, ħames snin wara, "Il-Jien u Lil Hinn Minnu". Fl-1938 kien ħareġ ukoll *Nirien* ta' Karmenu Vassallo.

Is-settur tad-divertiment bil-Malti wkoll kien ħa spinta. Fl-1884, twaqqfet il-kumpanija Indipendenza – magħrufa l-aktar għal xogħlijiet ta' Mikelanġ Borg bħal *Żeża tal-Flagship* u *Dik l-Affari* – li bdiet ittella' rappreżentazzjonijiet regolari bil-Malti fit-Teatru Manoel. L-ewwel dramm klassiku bil-Malti – *Il-Fidwa tal-Bdiewa* – inkiteb fl-1913 minn Ninu Cremona u ġie ppubblikat fl-1936. Fl-1931 dehru wkoll fis-suq l-ewwel diski Maltin.

Bdew jidhru wkoll kitbiet dwar varjetà ta' oqsma bħal *Ktieb il-Qabla* ta' Salvatore Luigi Pisani (1883), *Il-Ktieb tal-Infermier* ta' J.S. Galizia (1904), il-kotba li beda jippubblika Dun Ġorġ Preca mill-1911 u t-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa mil-Lhudi

u l-Grieg ta' Pietru Pawl Saydon, biċċa xogħol massiva li damet għaddejja tletin sena.

F'dawk id-deċennji ħarġu żewġ sensiliet importanti ħafna li għadhom magħrufa u msemmija sal-lum. Fl-1899 bdiet toħroġ is-sensiela *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* ta' Alfons Maria Galea li fil-150 volum li ħarġet ikkontribwew fiha awturi bħal Dun Xand Cortis, Patri Manwel Magri u saħansitra ħarġet l-ewwel ġabra ta' poeżiji bil-Malti ta' Dun Karm fl-1914. Imbagħad, bejn l-1934 u l-1936, E.B. Vella beda joħroġ il-*Ġabra ta' Ward*, antoloġija li damet mal-erbgħin sena użata fl-iskejjel tal-Istat.

Matul is-snin tal-Kwistjoni tal-Lingwa ħarġu wkoll numru sabiħ ta' dizzjunarji. Fl-1882 ħarġu żewġ dizzjunarji ta' G.B. Falzon: wieħed Taljan-Ingliż-Malti u ieħor Malti-Taljan-Ingliż (2ni edizzjoni). Tliet snin wara ġie ppubblikat l-ewwel dizzjunarju Ingliż-Malti ta' Salvatore Mamo. Imbagħad, bejn l-1900 u l-1906, ħarġu d-dizzjunarji ta' Busuttil (Malti-Ingliż u Ingliż-Malti), ta' Caruana u l-ewwel parti tad-dizzjunarju Ingliż-Malti ta' Magro. Qabel l-1918, is-sena li fiha miet Salvatore Mamo, kien ikkompila dizzjunarju ieħor Ingliż-Malti u Malti-Ingliż li sa issa għadu manuskritt.[10] Sadanittant, bejn l-1921 u l-1932, kien ħiereġ ukoll, ftit ftit, id-Dizzjunarju Enċiklopediku ta' Vincenzo Busuttil u Tancredi Borg.

---

[10] Ara l-artiklu tiegħi "Sittax-il folja mid-dizzjunarju manuskritt mitluf ta' Salvatore Mamo: Storja tad-dizzjunarju manuskritt u tqabbil mad-dizzjunarju l-ieħor ta' Mamo stampat fl-1885" f'*Leħen il-Malti*, 2023, pp. 83-103 kif ukoll p. 142 ta' dan l-istudju.

Madanakollu, xorta waħda nħass il-bżonn li jindamm dizzjunarju ġdid,[11] u hekk fl-1936 jitfaċċa l-ewwel faxxiklu minn dak li kellu jibqa' magħruf bħala "Id-Dizzjunarju ta' Dun Karm".

## *Il-bżonn ta' aktar dizzjunarji*

### Għaliex inħass il-bżonn ta' dizzjunarju ieħor?

Fi ħsieb Dun Karm, il-ħtieġa ta' xogħlijiet lessikografiċi ġodda nibtet mill-fatt li l-Malti bdew ifittxuh għadd dejjem joktor ta' nies, fosthom żgħażagħ li bdew jiktbu bil-Malti, u li kienu jeħtieġu dizzjunarji tajbin f'idejhom biex jgħinuhom iwettqu kitbithom bl-aħjar mod. Għalhekk, minkejja li kien hemm għadd ta' dizzjunarji fl-idejn, ma kienx hemm wieħed li kien konformi la mal-alfabett (1921) tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u lanqas mar-regoli ortografiċi tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924).

Raġuni oħra li jagħti Dun Karm fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" miktuba bħala daħla għad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*, il-kompilatur jorbot il-ħtieġa ta' vokabolarju jew dizzjunarju tal-Malti mfisser bi lsien ieħor, mal-fatt storiku li Malta minn dejjem kellha relazzjonijiet "speċjali" (p. i) ma' ġnus oħra. Fil-fatt isemmi

---

[11] Din kienet il-fehma ta' bosta li kienu midħla tal-Malti. Ngħidu aħna, fl-editorjal tiegħu għall-*Journal of the Malta University Literary Society*, Vol 2, nru 1, Nov 1934, Ġużè Aquilina jikteb "... Furthermore a standard Dictionary, reliable, comprehensive, and compiled by writers expert in philology, in Maltese vocabulary, in idiomatic phraseology, and in the English language, is urgently needed" (p. 28).

li dizzjunarji ta' din ix-xorta bdew jidhru sa mis-seklu sbatax,[12] proprju għaliex dawk li dammewhom għarfu l-importanza tal-ilsna biex dawk li jitkellmuhom jesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba. Hekk tidher ċara ħafna f'moħħ Dun Karm l-idea li d-Dizzjunarju kellu jitqies bħala "għodda neċessarja li biha jistgħu jifhmu sewwa l-kelma Ingliża bl-għajnuna tal-kelma Maltija li tfissirha bil-għaqal, u hekk issir ħaġa ħafifa, l-aktar għall-istudenti żgħażagħ, it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti u mill-Malti għall-Ingliż" (Dizzjunarju, ii).

## Editorjali b'temi lessikografiċi f'*Il-Malti* tat-tletinijiet

Dun Karm tkellem fit-tul dwar il-ħtieġa ta' għodod lessikografiċi f'ħames editorjali ta' *Il-Malti* – l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li dik il-ħabta kien President tagħha.[13] Fl-erba' ħarġiet tal-1933 u fil-ħarġa ta' Settembru tal-1936 tkellem dwar il-ħtieġa ta' żewġ tipi ta' dizzjunarji tal-Malti.

---

[12] Bħala Assistent Biblijotekarju, Dun Karm aktarx kien midħla tal-*Biblioteca Maltese* ta' Ignazio Saverio Mifsud (1764) li fih, skont Cassola, A. (*Regole*, 1992, xvii) fl-*Indice Cronologico degli Scrittori, delli quali si fa menzione nell'Appendice*, il-manuskritt tal-Kavallier Thezan kien katalogat hekk: "Anno di Cristo 1600 – Cavalier Thezan – *Grammatica Maltese, e suo Dizionario*, p. 324." Dan jidher ukoll fir-raba' paragrafu tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" id-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* meta jirreferi għad-*Damma* ta' Agius de Soldanis bħala "wieħed minn tal-aħħar fost dawn" il-fdalijiet ta' manuskritti ta' dizzjunarji tal-Malti mfissra b'lingwi barranin.

[13] Għal ħarsa lejn dak li kiteb dwaru fl-editorjali matul is-snin li fihom serva bħala President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, ara Cassar, Marita, *Dun Karm: il-Proża bil-Malti Miġbura*, 2021 pp. 9-47.

F'"Dizzjunarju tas-Sinonmi [sic] Maltin",[14] Dun Karm juri kemm hu mhenni u mfarraġ bl-għadd ta' żgħażagħ li kienu ntefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom fil-kitba tal-poeżija jew tal-proża bi lsienna u juri kemm kien japprezza s-sehem tagħhom.[15] Iżid jgħid li:

> "Lil dawn iż-żgħażagħ ta' rieda tajba jeħtieġ nagħtuhom xi ktieb li jgħinhom isibu malajr dik il-kelma li tonqoshom jew għax ma għarfuha qatt, jew għax dak il-ħin ma tiġix f'rashom bil-għasir kollu li jagħsru moħħhom: nagħtuhom *Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin*" ("Dizzjunarju tas-Sinonmi" 4).

Bi kliem sempliċi li jista' jifhmu kulħadd, Dun Karm jispjega dwar is-sinonimi u l-isfumaturi fit-tifsir tal-kliem. Jgħid li dizzjunarju bħalma kien qed jipproponi hu għandu jiswa ta' ġid għax lil xi ħadd li jkollu mqar ħjiel ta' dak li jrid jesprimi, id-dizzjunarju jlaqqgħu ma' kelmtejn jew tlieta "li għandu mnejn ikunu jfissru aktar bil-qies u aktar bir-reqqa l-ħsieb tiegħu, u hekk jitgħallem ukoll jagħraf dawk l-irqaqat li jagħżlu t-tifsir ta' kelma mit-tifsir ta' oħra" ("Dizzjunarju" 4).

Dun Karm jisħaq li l-ilsna nazzjonali barranin kollha kellhom dizzjunarju tas-sinonimi u xi drabi aktar minn wieħed ukoll. Hawn jasal biex jipproponi żewġ mudelli li jqishom bħala

---

[14] Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, *Il-Malti*. 1933 (i).

[15] Uħud minn dawn iż-żgħażagħ kienu jduru fuq Dun Karm stess għall-pariri fuq xi kitbiet minn tagħhom. Dan jidher, pereżempju, minn ittra li l-poeta nazzjonali bagħat bħala tweġiba lil Ġużè Aquilina fit-3 t'April 1936 biex jagħtih xi pariri u jqawwilu qalbu fil-kitba tal-poeżija jew mill-ittra li bagħat bi tweġiba lil Alfred Sant fit-23 ta' Ottubru 1956. Iż-żewġ ittri jinsabu fl-AUM Ms. 211/10.

"tajbin ħafna" u li għalhekk fuqhom seta' jimxi min kellu l-ħajra jxammar il-kmiem u jibda jaħdem. Dawn huma dawk li Niccolò Tommaseo[16] u Stefano Pietro Zecchini[17] kienu dammu fis-seklu 19 għat-Taljan. Dun Karm jagħlaq l-editorjal ta' Marzu bil-mistoqsija: "Tgħid insibu min jindaħal għalih?"[18]

Iżda Dun Karm ma jiqafx hemm u fl-editorjali ta' wara jara li jħejji sewwa t-triq biex jiggwida lil dawk interessati, u dan jagħmlu b'ċertu dettall. Jibda billi jissuġġerixxi li dan il-ktieb għandu jkollu daħla li fiha jiġi mistħarreġ il-kunċett tas-sinonimija għaliex kien konxju li dil-kelma tfisser "kliem li għandu tifsir wieħed" jiġifieri "kliem li jfisser sewwasew bħal xulxin" ("Dizzjunarju" 40) meta fir-realtà, Dun Karm jinnota li fl-ebda lingwa ma jeżistu sinonimi f'dan is-sens ladarba "xi divrenzja żgħira bejn dak li tfisser kelma u dak li ssarraf oħra, issibha dejjem."

Dan juri li l-fehma ta' Dun Karm dwar is-sinonimija jidher li kienet mgħarrfa sew,[19] tant li taqbel saħansitra ma' prinċipji

---

16 Tommaseo, N. *Nuovo Dizionario dei Sinonimi della Lingua Italiana*. Firenze, 1838.

17 Zecchini, S.P. *Dizionario dei Sinonimi della Lingua Italiana*. Turin, 1848.

18 L-ewwel wieħed li wieġeb għal din is-sejħa jidher li kien Michael Agius. Dwar dan ara ż-żewġ kitbiet tiegħi "Ħarsa ħafifa lejn l-ewwel dizzjunarju Malti-Malti u teżawru miġbura minn Michael Agius" f'*Leħen il-Malti* 2018 u "Proposta għall-kritika ta' xogħlijiet lessikografiċi u ħarsa kritika lejn it-teżawru manuskritt ta' Michael Agius" f'*Leħen il-Malti* 2019.

19 Fid-daħla tiegħu għad-dizzjunarju tas-sinonimi *Webster's New Dictionary of Synonyms* (1984), l-Editur Philip B. Gove (5a) juri kif sa mill-isem stess tal-ewwel ktieb dwar is-sinonimi fl-Ingliż li ħareġ fl-1766 minn John Trusler – *The Difference between Words Esteemed Synonymous* – jintefa' dubju dwar kemm bosta mill-kliem li huma komunement meqjusa b'sinonimi huma fil-fatt hekk għax, minkejja li ġeneralment jaqsmu

moderni tas-semantika[20] li "l-kelma 'sinonimi' għandha tittieħed fis-sens ta' tnejn, tlieta, erba' kelmiet jew aktar fi lsien wieħed, illi jaqblu fil-qalba tat-tifsir tagħhom, iżda li jingħażlu minn xulxin f'xi dwar jew ċirkostanzi" ("Dizzjunarju", 40).

F'dan il-waqt rari ta' diskors fuq il-lessikografija, Dun Karm joħloq saħansitra l-ewwel termini bil-Malti biex jiddeskrivi kunċetti lessikografiċi essenzjali bħal "ġliba" għal entrata orizzontali sħiħa (*dictionary article*) u "l-mamma" għall-kelma ewlenija (*lemma sign*).[21]

Id-dizzjunarju tas-sinonimi li kellu f'moħħu Dun Karm kellu jkun alfabetiku[22] u bi gradazzjoni fis-sinonimi mogħtija hekk li l-ewwel sinonimu fil-lista jkun dak li jaqsam l-aktar tifsiriet mal-

---

t-tifsira ewlenija, ħafna drabi jkollhom sfumaturi differenti. Gove (5a) iżid li f'din it-tradizzjoni komplew oħrajn bħal Piozzi, Perry, Taylor, Crabb, Whately, Roget, Smith, Soule u oħrajn. B'mod partikolari jispikka l-kumment ta' Whately li, hi u tiftaħ dwar il-psewdosinonimi, tgħid li dawn għandhom "sufficient resemblance of meaning to make them liable to be confounded together. And it is in the number and variety of these that ... the richness of a language consists. To have two or more words with exactly the same sense is no proof of copiousness, but simply an inconvenience" (12a).

20 Ara, pereżempju, Lyons, 1981; Cruse, 2004; u Aitchison, 2012.

21 Illum issir differenza bejn it-termini "lemma" u "headword". Skont id-*Dictionary of Lexicography* ta' Hartmann u James, "headword" hija "The form of a word or phrase which is chosen for the lemma, the position in the dictionary structure where the entry starts" filwaqt li "lemma" hi "The position at which an entry can be located and found in the structure of a reference work."

22 Xogħlijiet b'makrostruttura tematika kienu ilhom jeżistu iżda reġgħu ngħataw spinta fl-1852 bil-pubblikazzjoni tat-teżawru magħruf ta' Peter Mark Roget fl-Ingliż. Dun Karm ipprefera t-tqassim alfabetiku.

kelma ewlenija u l-aħħar sinonimu dak li għalkemm iżomm il-qalba tat-tifsiriet tal-mamma, jitbiegħed l-aktar minnha fil-bqija tat-tifsiriet. Barra minn hekk, kellhom jitfissru d-differenzi fit-tifsir bejn kull kelma fis-sett tas-sinonimi u jingħataw l-eżempji biex id-differenzi – xi drabi tabilħaqq sottili – joħorġu aktar ċari.

Kemm il-bqija ta' dan l-editorjal ta' Ġunju kif ukoll it-tnejn ta' warajh li dehru f'Settembru u Diċembru, Dun Karm jiddedikahom biex jagħti xi eżempji ta' kif kellhom ikunu dawn l-entrati. F'Ġunju jagħti eżempju b'*għalaq*, *qafel*, *tebaq*, *sakkar* kif ukoll b'*dam*, *tnikker*, *twaħħar* u *ddawwar*. F'Settembru jagħti l-eżempji: *nixxiegħa*, *qattara*, *ċarċara*, *għajn*, *fawwara* kif ukoll *tarf* u *tmiem*. F'Diċembru jitkellem dwar id-differenzi fit-tifsiriet ta' *mqareb*, *qalil*, *aħrax*, *kiefer* kif ukoll *fieragħ*, *battal*, *ħaffief*.

Bħala eżempju, hawn se nġib biss l-ewwel wieħed li Dun Karm jagħti f'paġna 41 fil-ħarġa ta' *Il-Malti* ta' Ġunju 1933:

> *Għalaq* jidher ċar li hi *l-mamma* għaliex *l-għamil* imfisser minn din il-kelma jinsab fit-tlieta l-oħra; iżda mhux hekk mill-oħrajn.
>
> *Għalaq* ifisser biss il-maqlub ta' *fetaħ*. Turija: Jien *għalaqt* it-tieqa u r-riħ *fetaħha*;
> *Qafel* iżid xi ħaġa ma' *għalaq* u jfisser mhux biss *ma ħalliex xi ħaġa miftuħa*, iżda wettaqha wkoll b'xi *qafla* jew *qfil*;
> *Tebaq* ifisser *għalaq*, iżda b'mod illi ma jista' jidħol u joħroġ xejn, anqas l-iżjed ħaġa żgħira;
> *Sakkar* ifisser *għalaq u wettaq bis-sokra*, jiġifieri b'mod illi ma jkunx jista' jinfetaħ iżjed jekk ma titneħħiex is-sokra.

Imbagħad Dun Karm jgħaddi biex isaħħaħ dawn it-tifsiriet li jagħti billi jqegħedhom f'kuntest permezz tal-eżempji. U

jfiehem li bieb jista' jkun *magħluq*, *maqful* u anki *msakkar* waqt li l-istonku jista' jkun biss *magħluq* jew *mitbuq*; żarbun jista' *jinqafel* meta jintlibes u *jissakkar*, l-iktar l-iktar, meta jkun se jintrefa' f'xi senduq biex ma jinsteraqx; l-għajnejn jistgħu *jingħalqu* u *jintebqu* iżda mhux *jinqaflu* jew *jissakkru*.

Dan, Dun Karm jagħmlu b'ċerta għoġba għal tliet editorjali sħaħ. Donnu minbarra li ried iħejji galvu li fuqu setgħu jimxu ta' warajh, idejh bdew jikluh biex id-dizzjunarju jfittex jibdieh hu: "[...] ingħidu b'qalbi f'idejja, kont nagħmlu jien, li kieku kont għadni lura fis-snin" ("Sinonmi" Ġunju 1933). Iżda ma kellux ikun *dan* id-dizzjunarju li jintrabat ma' ismu.

Fl-editorjal ta' Settembru tal-1936 ("Dizzjunarju Malti"), Dun Karm jerġa' jagħżel li jitkellem dwar ix-xena lessikografika. Sa dik is-sena l-Malti kellu diġà numru ta' dizzjunarji magħrufa bħal ta' Agius de Soldanis u Vassalli (seklu 18), Vella, Falzon, Azzopardi, Mamo (seklu 19) kif ukoll Busuttil, Caruana u l-ewwel parti ta' Magro (seklu 20) iżda fi kliemu, "bosta nies li jħobbu l-Malti" kienu jħossu li "ma hawnx dizzjunarju tajjeb li, filwaqt li jagħtik il-vokabolarju kollu tal-ilsien Malti, jagħtik ukoll is-suriet kollha li kelma tista' tieħu u l-frażijiet li jitnisslu minnha, bit-tifsir tagħhom" ("Dizzjunarju Malti" 71).

Huwa jfaħħar ħafna din l-idea iżda fl-istess waqt jikkummenta li "min jitkellem hekk fuq dizzjunarju Malti juri li qatt ma ħaseb, u bosta anqas ma fehem, ix-xogħol ta' ħsieb, ta' ħeġġa, ta' ġabra, ta' reqqa u ta' sabar li jitlob dizzjunarju ta' din il-għamla" u li xogħol bħal dan "jitlob studju, ħsieb u reqqa li ħadd ma jifhimhom ħlief min imidd għonqu għal dak ix-xogħol" ("Dizzjunarju Malti" 71). Dan aktar u aktar meta l-Malti ma setax jitqabbel ma' lingwi li

kienu ilhom bil-bosta li rrankaw u li kellhom sisien grammatikali sodi u letteratura stabbilita bi storja li tmur lura mijiet ta' snin.

Jagħraf li bosta ilsna Ewropej kellhom "dizzjunarji tajbin li jgħaġġbuk"[23] ("Dizzjunarju Malti" 72) u li meta tfittex fihom issibhom mogħnija b'kollox u ssibilhom minn tagħrif etimoloġiku sa derivazzjonijiet, espressjonijiet u, naturalment, it-tifsir. Filwaqt li Dun Karm jitpaxxa b'dawn id-dizzjunarji, jagħmilha ċara li dawn ma jindammux minn persuna waħda u huma r-riżultat ta' tradizzjoni sħiħa ta' dizzjunarji li "twieldu u mietu qabilhom biex huma waslu għal dik it-tjieba, dik is-saħħa u dak il-ġmiel [...]"

Dun Karm jagħlaq dan l-editorjal billi jerġa' jfaħħar ix-xewqa għal dizzjunarju ġdid fost dawk li jħobbu l-Malti, iżda jitlob ċerta kawtela għax "billi aħna nafu xi ftit xi jfisser dizzjunarju tajjeb u x'jeħtieġ biex isir, lil dawn il-ħbieb ingħidulhom li bil-qalb it-tajba jissabbru xi ftit u jistennew, għaliex dizzjunarju tajjeb qatt ma sar bil-għaġla." Hawn Dun Karm jikkonferma li fil-fatt *kien* qiegħed jinħema dizzjunarju ġdid tal-Malti u li hu stess kien imdaħħal fil-kompilazzjoni tiegħu.

[23] Bħala eżempju, jirreferi speċifikament għat-tmien edizzjoni tad-*Dictionnaire de l'Académie* li l-ewwel volum tiegħu kien ħareġ fl-1932, filwaqt li t-tieni wieħed kien ħareġ tliet snin wara.

## *L-istorja mżewqa tad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti

L-istorja tad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*[24] ma tibdiex b'Dun Karm mitfugħ b'ruħu u ġismu jdomm id-dizzjunarju li ntrabat ma' ismu. Fil-fatt la kien hemm Dun Karm u lanqas l-idea li dan jikkompila dizzjunarju. Tibda, minflok, b'żewġ personaġġi oħra, ukoll magħrufin ferm fejn jidħol ilsienna: Temi Zammit u Ninu Cremona. U, terġa', ma nsibux id-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*, iżda dizzjunarju ieħor: id-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo.[25]

## Id-dizzjunarju manuskritt ta' Salvatore Mamo

F'nota li għadda lil Ġużè Cassar Pullicino ("Unpublished" 134-135) Ninu Cremona jirrakkonta kif Temi Zammit kien laqqgħu ma' Salvatore Mamo (1838[26]-1918[27]): eks Kap tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi[28] u l-kompilatur tal-*English-Maltese Dictionary* ippubblikat Malta fl-1885. Zammit informa lil Cremona b'biċċa xogħol kbira ("of this great work") li kien għadu kif lesta Mamo.

---

24 Minn issa 'l quddiem *id-Dizzjunarju* b'ittra kapitali tirreferi għad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* magħruf aħjar bħala *d-Dizzjunarju ta' Dun Karm*.

25 Minn issa 'l quddiem, għall-ħeffa, nirreferi għal dan id-dizzjunarju bħala *DMM*.

26 *Liber Baptisatorum* tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, p. 7 jiddokumenta li Salvator Valentinus Georgius Mamo huwa iben Luca Mamo u Annuntiata (imwielda Zammit) u li tgħammed fit-8 ta' Diċembru 1838.

27 Mamo miet ta' 79 sena fil-15 ta' Frar 1918 (tagħrifa mir-Reġistru Pubbliku).

28 *Malta Blue Book 1863*, "Civil Establishments Malta for the year 1863" p. 176.

Din il-biċċa xogħol kienet – fi kliem Cassar Pullicino (134) – dizzjunarju (did-darba manuskritt) elaborat Malti-Ingliż u Ingliż-Malti li Mamo ddedika l-bqija ta' ħajtu[29] għall-kompilazzjoni tiegħu.

Meta sar jaf b'dan, Cremona ssuġġerixxa lil Mamo li dan id-dizzjunarju manuskritt jippubblikah; iżda dan tbissimlu u rrimarka li kien xjaħ wisq għal biċċa xogħol bħal dik u li x-xogħol fuq id-DMM kien għadu mhux lest għalkollox.

Imbagħad, wara l-mewt ta' Mamo – fi kliem Cremona "during the first period of our Parliamentary life"[30] (Cassar Pullicino 135) – lil Ninu Cremona kien avviċinah Dr R. L. Casolani – li kien jiġi n-neputi ta' Salvatore Mamo u rappreżentant tal-eredi – u staqsieh jekk l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti xtaqitx tixtri bi prezz baxx id-dizzjunarju manuskritt f'żewġ volumi ta' nannuh. Għal diversi raġunijiet, Cremona ssuġġerixxa lil Casolani biex jistenna ftit sakemm jasal il-mument opportun.

F'Novembru tal-1927, bħala Editur u Traduttur tal-Pubblikazzjonijiet tal-Gvern bil-Malti, Cremona indika lil Casolani li billi l-Malti kien qed isib postu fl-iskejjel u fil-qrati, dan iż-żmien kien wasal (Cassar Pullicino 135). Għalhekk, fit-3 ta' Mejju 1929, Casolani kiteb lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika Augustus Bartolo[31] dwar l-intenzjoni li kellu l-Gvern

---

29 Għandna nifhmu li minn wara li ppubblika d-dizzjunarju tal-1885.

30 Allura bejn l-1921 u l-1924.

31 Il-Professur Augustus Bartolo kien serva bħala Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika u l-Emigrazzjoni bejn l-1927 u l-1930. Kien sid id-*Daily Malta Chronicle* u Assistent Direttur tagħha. Kien ukoll il-fundatur tal-Partit

li jindamm dizzjunarju tal-Malti standard. Casolani infurmah li għandu f'idejh manuskritt ta' dizzjunarju Malti-Ingliż u Ingliż-Malti f'żewġ volumi (ta' nannuh Salvatore Mamo) li xi żmien qabel kien flieh Ninu Cremona bħala Editur mal-Gvern tal-Pubblikazzjonijiet bil-Malti u li fil-fehma ta' Cremona, id-dizzjunarju kien "most useful both for common ... and as a reference book."[32] Jgħid li Cremona rrikkmanda wkoll li dan ix-xogħol jiġi akkwistat mil-Librerija Pubblika minħabba l-possibbiltà li jintilef.

Meta l-Ministru Bartolo talab l-opinjoni ta' Cremona dwar dan id-dizzjunarju, Cremona evalwah u ssuġġerixxa li jekk il-Gvern jiddeċiedi li jippubblikah, "it should be thoroughly revised for necessary amendments and additions" (Cassar Pullicino 135).

Fis-6 ta' Mejju 1929[33] Ninu Cremona jikteb lill-Ministru Bartolo u jinfurmah li d-DMM, deskritt minn Temi Zammit bħala "an elaborate compilation" kien jikkonsisti f'żewġ volumi ta' foolscaps mhux illegati. Huwa jagħti l-parir li dan il-manuskritt jinxtara mingħand is-sidien ħalli jkun jista' jiġi rivedut u ppubblikat mill-aktar fis. Cremona jgħaddi dawn l-osservazzjonijiet:

- Il-kitba bil-Malti kienet skont l-alfabett u l-ortografija moderna. Il-kliem kien mibni tajjeb ħlief forsi f'xi rqaqat grammatikali.

---

Kostituzzjonali li mbagħad ingħaqad mal-Anglo-Maltese Party ta' Strickland (Schiavone, 184).

32 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*.

33 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, folji 1-4.

- Iż-żewġ volumi kellhom numru kbir ta' kliem komuni bl-ekwivalenti. Kien hemm ukoll numru deċenti ta' frażijiet fiż-żewġ lingwi rispettivi mqegħdin f'ordni alfabetiku.
- Meta mqabbel ma' dizzjunarji oħra bħal ta' Vella, Azzopardi u anke d-dizzjunarju li Mamo stess kien ippubblika fl-1885, id-DMM jisboqhom fil-kobor, fil-korrettezza u fit-traskrizzjoni popolari.
- Madankollu, ma jistax jitqies bħala dizzjunarju komplut u teknikament preċiż; għalhekk, kieku kellu jiġi stampat, kien jeħtieġ li jiġi rivedut.
- Xi kliem li m'għadux jintuża ("obsolete") tħalla barra u dak li ġie inkluż ma ġiex immarkat b'"(o)" kif twiegħed mill-kompilatur fid-daħla għad-dizzjunarju.
- Għalkemm waħdiet, kien hemm anki kliem modern li tħalla barra.
- Tħalliet barra wkoll xi terminoloġija teknika tat-trobbija tal-bhejjem, l-ornitoloġija, l-ittijoloġija, it-tbaħħir, l-għodda eċċ. li madankollu qatt ma tkun inkluża fl-intier tagħha f'dizzjunarji għall-użu ġenerali.

Fl-aħħar, Cremona jikkonkludi li l-Gvern għandu jikkunsidra kull talba li jagħmlu s-sidien tal-manuskritt mhux biss minħabba l-valur intrinsiku tiegħu iżda anki għax-xogħol impenjattiv li kien għamel il-kompilatur li qatta' parti kbira minn ħajtu jdommu.

Fil-11 ta' Marzu 1930[34] il-Gvern xtara mingħand Casolani d-DMM b'£50[35] u ġurnata qabel il-manuskritt kien diġà qiegħed

[34] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 15.
[35] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 14 u hemża 39.

fl-uffiċċju tal-Ministru Bartolo.[36] Minħabba d-domanda kbira li kien hemm għal dizzjunarju aġġornat u li jsegwi l-ortografija standard, bħala għalliem tal-Malti, Ninu Cremona jirrakkomanda li ssir reviżjoni tad-DMM u jiġi stampat mill-aktar fis.[37] Sa April kien diġà sar l-ippjanar kollu meħtieġ tant li kien diġà magħruf il-format tad-dizzjunarju, l-ammont ta' kopji li kellhom jiġu mitbugħa, kemm kienet se tiġi l-ispiża u kemm kellu jinbiegħ.[38]

Billi bejn l-1930 u l-1933 il-Kostituzzjoni li tat lil Malta Gvern Responsabbli kienet ġiet sospiża darbtejn[39] id-DMM baqa' – skont Cassar Pullicino (135) – fil-kamra tad-Direttur jew tal-Ministru tal-Edukazzjoni u baqa' qatt ma ġie stampat. Imbagħad,

---

[36] Fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (Dizzjunarju ii) Dun Karm jikteb li l-Gvern xtara l-manuskritt ta' Mamo bejn l-1928 u l-1929, iżda l-evidenza turi li dan kien inxtara u wasal fl-uffiċċju tal-Ministru Bartolo fl-10 ta' Marzu 1930 (CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 10).

[37] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, l-ewwel karta mhix numerata fil-fajl tal-minuti. Madankollu, fis-6 ta' Mejju 1930, Cremona jbassar li "[...] the revision and printing of the dictionary will take more than a couple of years to be carried out [...]" (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 21.)

[38] Cremona (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 18) jinforma lill-Ministru Augustus Bartolo li:

1. Id-dizzjunarju ta' Mamo se jkun ippubblikat f'żewġ volumi: Ingliż-Malti u Malti-Ingliż.
2. Kellhom jiġu stampati 5,000 kopja.
3. L-istima tal-ispiża kienet ta' £2,191. 10x [2,191 lira u 10 xelini]

Iż-żewġ volumi kellhom jinbiegħu għal 7 xelini. Wara, il-prezz ġie rranġat għal 10 xelini.

[39] L-ewwel darba minħabba l-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn Strickland u l-Knisja u mbagħad minħabba li bdiet tiżdied f'pajjiżna l-influwenza Faxxista (https://vassallohistory.wordpress.com/ministerial-cabinets-since-1921/).

meta bl-Ittra Rjali tas-16 ta' Awwissu 1934, il-Malti nħatar ilsien uffiċjali flimkien mal-Ingliż u t-Taljan, l-affarijiet reġgħu bdew jiċċaqalqu.

Minn manuskritti[40] li kien qed jikteb Dun Karm bi tħejjija għall-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" tad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* nsiru nafu li "l-Għaqda tal-Malti[41] ħasbet, u naħseb jien [Dun Karm][42] li sewwa ħafna, li jkun hemm Dizzjunarju Ingliż u Malti u Malti u Ingliż ..." u għalhekk "saru dimandi lill-awtoritajiet tal-pajjiż"[43] biex jieħdu ħsieb li jiġi ppubblikat dizzjunarju Ingliż-Malti.

Wara ftit, jidher li kien reġa' beda x-xogħol ta' tħejjija għaliex fl-10 ta' Ottubru 1934 l-Uffiċċju tal-Istamperija tal-Gvern (Government Printing Office) informa lid-Direttur tal-Edukazzjoni Dr A.V. Laferla li l-istampar tad-dizzjunarju seta'

---

[40] AUM, Ms. 216/4, p. 7.

[41] Mhux magħruf jekk din hijiex taqsira tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti inkella r-referenza hijiex għall-Għaqda tal-Malti – Università. David Agius Muscat f'*Il-Librerija u l-Arkivju tal-Akkademja tal-Malti* (2007) jiddokumenta li "L-ewwel minuti li għandna jibdew fit-18 ta' Mejju tal-1940" (p. 8). Kif jirrakkonta Ġużè Cassar Pullicino f'"It-Twaqqif tal-Għaqda tal-Malti (Università) fil-Gazzetti Lokali" p. i, il-minuti tal-ewwel snin tal-Għaqda tal-Malti – Università wkoll huma mitlufin. Mingħajr dawn il-minuti tant prezzjużi, ftit li xejn nistgħu nsiru nafu aktar.

[42] Il-parentesi kwadri huma żidiet tiegħi.

[43] AUM, Ms. 216/4, p. 5. Varjazzjonijiet ta' dan il-punt jissemmew f'kull daħla manuskritta iżda mhux f'dik ippubblikata. Pereżempju f'AUM, Ms. 216/4 pp. 15 u 23 Dun Karm jikteb li "saret talba lill-awtoritajiet tal-pajjiż" filwaqt li f'AUM, Ms. 216/3 jinfurmana li "appeals to the local authorities were made in this respect."

jsir mill-Istamperija tal-Gvern u tah id-dettalji kollha b'rabta mal-istampar, l-ispejjeż u l-prezzijiet.[44]

L-importanza li jibda jingħata dan id-dizzjunarju tibda tikber għaliex dwaru, Laferla jibda jirrapporta direttament lil-Logutenent Gvernatur li dik il-ħabta kien Sir Harry Charles Luke. Fit-3 ta' Novembru 1934, Laferla jitlob il-permess tal-Logutenent Gvernatur biex ikun jista' jgħaqqad bord[45] ta' sebgħa min-nies ħalli jaħdmu – mingħajr ħlas – fuq ir-reviżjoni tad-DMM. Bħala membri tal-bord li kien se jmexxi hu, Laferla ppropona lil Temi Zammit, Franġisku Saverju Caruana, Ninu Cremona, Emanuel Benjamin Vella, Pietru Pawl Saydon u Dun Karm.[46]

Tlett ijiem wara l-approvazzjoni tal-Logutenent Gvernatur, Laferla jinfurmah li billi l-alfabett li uża Mamo mhuwiex eżatt bħal dak tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fid-dizzjunarju

---

[44] Mill-Uffiċċju tal-Istamperija tal-Gvern jissuġġerixxu li għall-ewwel edizzjoni ta' mhux aktar minn elf kopja, il-pubblikazzjoni ssir f'faxxikli ta' 16-il paġna l-wieħed li jinbiegħu xelin. L-ispiża massima għal din l-ewwel edizzjoni ma kellhiex taqbeż it-£800 u l-ispejjeż kellhom jonqsu sew fl-edizzjonijiet ta' wara. Jinfurmawh ukoll li jekk ix-xogħol ikun ta' 200 folja li minnha joħorġu 16-il paġna, kull kopja tkun tiswa 16/8 [16-il xelin u 8 soldi]. Għal elf kopja, l-istima kienet ta' £843.6.8 [843 lira, 6 xelini u 8 soldi. (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, karta sfuża mhux numerata).

[45] Fid-dokumenti li kkonsultajt, il-grupp ta' nies li taħt il-presidenza ta' Laferla kien responsabbli mid-dizzjunarju li kellu joħroġ il-Gvern, issejjaħ kemm *Bord* kif ukoll *Kumitat*. Għalhekk dawn il-kelmtejn nużahom kif sibthom iżda r-referenza hija dejjem għall-istess grupp ta' nies.

[46] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 28.

"considerable pruning is necessary both in English and in Maltese."[47]

Sadanittant, bejn il-21 u s-27 ta' Novembru, bdew jaslu l-ittri bi tweġiba għas-sejħa ta' Laferla. L-ewwel tnejn li wieġbu fil-21 ta' Novembru kienu Temi Zammit[48] u Dun Karm.[49] Tal-ewwel għarraf lil Laferla li ma setax iservi fil-Bord filwaqt li t-tweġiba ta' Dun Karm kienet fil-pożittiv:

> [...] I feel that I should be undertaking much more than I can really do at present, if I were to accept service on the small Board instituted to revise Mamo's Dictionary.
>
> Nevertheless, I am quite prepared to help whenever I am able to do so.

Hawn interessanti ninnutaw li lil Dun Karm, Laferla kien għamillu talba oħra minbarra din – li jservi bħala membru fil-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-kompetizzjoni tar-rumanzi li kien nieda l-Gvern fl-1935. F'dan il-każ, Dun Karm wera d-dispjaċir tiegħu li ma setax jaċċetta minħabba li l-vista tiegħu ma kinitx tippermettilu, iżda kien lest li jagħti l-pariri jekk ikun hemm bżonn.[50] Għażla bħal din tkompli tixhed kemm Dun Karm kien jemmen li lingwa ma tistax tgħaddi mingħajr dizzjunarju.[51]

---

47 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 39.

48 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta u hemża 40.

49 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta u hemża 41.

50 ANM, GMR 1298. *Reports on the working of Government Departments during the financial year 1935-1936*. Malta Government Printing Office, 1937, p. 350.

51 Ara, pereżempju, AUM, Ms. 216/4 p. 18 u Ms. 216/5 p. 1.

Jidher ukoll li kien, fuq kollox, konxju tal-ġid kbir li dizzjunarju tajjeb seta' jagħmel lill-Malti biex ikompli jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu tant li, minkejja l-problemi li kellu bil-vista, għażel li jagħti sehmu fil-Bord tad-Dizzjunarju.

Franġisku Saverju Caruana wkoll aċċetta li jservi fl-istess Bord b'ittra qasira li bagħat lil Laferla fit-22 ta' Novembru,[52] kif għamel l-għada Pietru Pawl Saydon[53] fejn afferma li kien "[...] ever willing to serve on the said Board and to work for our language as much as time and health permit."

Ninu Cremona kien l-uniku wieħed fost il-bqija li kien diġà midħla tax-xogħol ta' Mamo u l-ittra tiegħu hija xhieda ta' dan.[54] Cremona jinforma lil Laferla bix-xewqa li jikkopera fil-proċess tar-reviżjoni u l-editjar tad-DMM filwaqt li jagħmilha ċara li mbilli ma kien hemm ebda ħlas għax-xogħol li kien se jsir, dan ma jfissirx li x-xogħol kellu jiġi sottovalutat:

> [...] I trust that you may quite realize that as the dictionaries that we have had thus far, including Mamo's, are incomplete or not sufficiently reliable, the revision will make no mean demand on our time and brains.

Ippropona wkoll li l-Bord ikollu tajpista tal-Gvern għad-dispożizzjoni tiegħu biex jittajpja kopji tal-manuskritt oriġinali sabiex jitqassmu lill-membri tal-Bord ħalli eventwalment,

---

52 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta u hemża 42.

53 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta u hemża 44.

54 Cremona kiteb fis-27 ta' Novembru (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta u hemża 43). L-ittra ta' E.B. Vella ma tidhirx fis-sorsi li kkonsultajt.

minbarra r-reviżjoni ġenerali, kull membru tkun tista' tingħatalu biċċa xogħol partikolari. L-aħħar suġġeriment li għamel kien li l-Bord jikber imqar b'persuna oħra. Dawn kienu suġġerimenti li, fil-parti l-kbira tagħhom, intlaqgħu.

Fl-4 ta' Diċembru Laferla jibgħat javża lil min laqa' s-sejħa tiegħu li l-ewwel laqgħa tal-"Mamo Dictionary Committee"[55] kienet se ssir fil-Berġa ta' Franza s-Sibt 15 tax-xahar fid-9:30 ta' filgħodu. Fl-10 ta' Diċembru Saydon kiteb lil Laferla u infurmah li ma setax jattendi għal din l-ewwel laqgħa. Hawnhekk Saydon ħa l-okkażjoni biex jagħmel xi mistoqsijiet kif ukoll suġġerimenti dwar kif setgħet timxi ħidmet il-Bord.

Il-mistoqsijiet li jagħmel Saydon juru kemm kien bniedem li jaħseb fit-tul tant li diġà kien qed jaħseb f'ċerti dettalji li anke bil-kriterji tal-lum huma essenzjali fl-ewwel fażijiet ta' ppjanar ta' dizzjunarju.[56] Saydon jistaqsi:

> On what lines is this revisory work to be carried out? Is it meant to be simply an addition of words and phrases, or rather a thorough revision affecting, if necessary, even the method of the original author? In what order are derived words to be disposed: alphabetically or under their respective roots? In what form are verbs to be entered, in the form of the perfect

---

[55] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti u hemżiet 45-48.

[56] Ara, ngħidu aħna, Gouws u Prinsloo (15) li jissuġġerixxu li fil-fażi tal-preparazzjoni ġenerali għandha tiġi deskritta tajjeb is-sistema li se tintuża fid-dizzjunarju u jinkiteb manwal għal-lessikografi biex jassigura ċerta uniformità. Atkins u Rundell (20) iqisu d-dizzjunarji bħala ekosistema fejn ħaġa taffettwa lil oħra u għalhekk huwa importantissimu li jsir ippjanar bir-reqqa.

tense, 3rd pers. sing. number, masc. gender, or in the form of the present tense, 2nd pers. sing. number?

Saydon jissuġġerixxi li Franġisku Saverju Caruana jiġi appuntat Segretarju tal-Bord u jiġi fdat bl-ittajpjar tad-DMM skont l-ortografija tal-Għaqda, bi ħlas għal dil-biċċa xogħol żejda. Imbagħad jagħmilha ċara li jekk il-membri tal-Bord li kien semmielu Laferla f'laqgħa li kellhom bejniethom fis-6 ta' Ottubru ma jkunux jistgħu jikkoperaw f'dan il-proġett u posthom jittieħed minn persuni oħra bi kwalitajiet inferjuri u li ma jagħrfux l-importanza ta' din il-biċċa xogħol, jitolbu li jinħall mill-wegħda tiegħu li jservi fil-Bord.

Fil-15 u fid-29 ta' Diċembru saru l-ewwel laqgħat tal-Bord u hija ħaġa tassew f'waqtha li nqabblu flimkien il-minuti tal-ewwel laqgħa ma' dawk tat-tieni waħda. Imqar jekk jitqabblu biss it-titli tal-minuti, diġà hemm indikazzjoni ċara tal-kors li kellha tieħu l-istorja, għaliex filwaqt li t-titlu tal-ewwel laqgħa huwa "Mamo Dictionary Committee"[57] isem Mamo jitneħħa mit-titlu tat-tieni laqgħa u fil-fatt huwa biss "2nd Meeting".[58]

Fl-ewwel laqgħa – preseduta minn Laferla u li għaliha attendew E.B. Vella, Ninu Cremona, F.S. Caruana u r-Rev. Clo. Farrugia Gay[59] – Laferla spjega li l-għan tal-Bord kien li jeżamina d-DMM u jirrevedih ħalli jkun jista' jiġi ppubblikat. L-aktar żewġ deċiżjonijiet importanti li ttieħdu dakinhar kienu li x-xogħol kellu

57 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża 50.

58 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża 55.

59 Farrugia Gay jissemma hawn l-ewwel darba. Għalkemm ma hemm ebda dokumentazzjoni, jidher li Farrugia Gay intalab iservi fil-Bord wara li Temi Zammit kien irrifjuta.

jinbeda mill-manuskritt Ingliż-Malti u li kellu jiġi ppubblikat f'faxxikli ta' 16-il paġna l-wieħed. F.S. Caruana kellu jittajpja biżżejjed kopji tal-ittra A biex ikunu jistgħu jeżaminawhom il-membri tal-Kumitat ħalli mbagħad jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.

Fit-tieni laqgħa Laferla rrapporta li mill-aħħar laqgħa, F.S. Caruana kien ittajpja l-ittra A tad-DMM u li ntbagħtu l-kopji lill-membri tal-Kumitat. Imbagħad, wara diskussjoni dwar ta' liema natura kellha tkun ir-reviżjoni tad-DMM ġie deċiż li r-reviżjoni "cannot but go far beyond a mere revision" u li din kellha tiġi estiża għall-kompilazzjoni ta' dizzjunarju ġdid li kellu jkun riżultat ta' ħidma kollaborattiva bejn il-membri. Din kienet deċiżjoni importantissima u għandha titqies bħala l-konċepiment tad-dizzjunarju li baqa' marbut ma' isem dik il-persuna li ma kinitx preżenti għall-ewwel laqgħa iżda attendiet għat-tieni – Dun Karm.

## Il-ħidma kollaborattiva fuq id-dizzjunarju l-ġdid

Il-ħidma tal-Kumitat fuq id-Dizzjunarju bdiet fl-ewwel jiem tal-1935.[60] Fit-2 ta' Jannar Laferla jkun diġà qiegħed jikteb l-ittri lil Sir Hannibal P. Scicluna (il-Librerija Pubblika ta' Malta), lis-Sur

[60] Dan huwa kkonfermat minn diversi sorsi bħat-tweġiba parlamentari 302/1/2 li ngħata Dr Frendo Azopardi (ANM, *Reply to question no 302/1/2 by Dr Frendo Azopardi*); ir-rapport tas-sena finanzjarja tal-Gvern 1935–1936 (p. 350), fejn Laferla jikteb: "The members of the Dictionary Board have also been busily compiling a Maltese Dictionary." kif ukoll minn ittra li Dun Karm stess bagħat lil Laurent Ropa fi Frar tal-1935. Ara aktar 'l isfel.

Borg Cardona (l-Istamperija tal-Gvern), u lis-Sur Edgar Staines (l-Uffiċċju tar-Reġistri tal-Qrati Superjuri) biex jitlobhom permess iħallu lil Dun Karm, Ninu Cremona, u F.S. Caruana jattendu l-laqgħat tal-Kumitat li kellhom isiru nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fit-3 ta' waranofsinhar. Tliet tweġibiet pożittivi waslu l-għada, 3 ta' Jannar 1935.[61] Madankollu, minħabba li l-kompilazzjoni tad-dizzjunarju ma kinitx ix-xogħol ewlieni tal-membri tal-Kumitat, jidher li x-xogħol ma kienx miexi bil-pass ħafif kif mixtieq. Fil-fatt, Dun Karm jilmenta dwar dan f'ittra li kiteb lil Laurent Ropa fi Frar tal-1935:

> [...] si è incominciato a compilare uno [dizzjunarju] da membri della Għaqda: ma il lavoro procede assai lentamente giacchè tutti i compilatori hanno lavori d'ufficio da compiere ogni giorno, e non s'incontrano per la compilazione del dizionario che due volte la settimana per un paio di ore, nel dopopranzo.[62]

Għal xi żmien ix-xogħol tal-kompilazzjoni kien miexi bil-mod wisq u saħansitra waqaf. Din ma kinitx biss xi opinjoni ta' Dun Karm iżda huwa fatt dokumentat mid-Direttur tal-Edukazzjoni fir-rapport tas-sena finanzjarja tal-Gvern 1935-1936[63] li fih jammetti li "it was felt that greater speed was desirable." Barra minn hekk, ittra li kien irċieva l-Gvernatur mingħand student Malti wkoll tipponta lejn dik id-direzzjoni tant li dan l-istudent jinjora għalkollox il-fatt li kien beda ħiereġ f'faxxikli d-Dizzjunarju tal-Gvern (ta' Dun Karm) u jitlob lill-Gvernatur – li l-istudent għaraf li kellu "keen interest in the matter" – biex

---

[61] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 56–58.
[62] AUM, Ms. 181.
[63] ANM, GMR 1298, p. 350.

jara x'jista' jsir sabiex titkompla l-pubblikazzjoni tad-dizzjunarju ta' Magro li kien waqaf f'daqqa u baqa' qatt ma tkompla.[64]

Dan id-dewmien tal-Kumitat biex joħroġ aktar faxxikli kellu jiġi indirizzat. Wara li s-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern kien talab lil Laferla jgħaddilu fajl – probabbilment dwar id-dizzjunarju l-ġdid – fil-5 ta' Mejju 1936 Laferla jinfurmah li s-sena ta' qabel kien beda jiġi kkumpilat dizzjunarju tajjeb u li x-xogħol kien wasal sal-entrata ta' *ancillary*.[65] Ir-raġuni li Laferla jagħti għal dan il-waqfien kienet in-nuqqas tal-membru tal-Kumitat, E.B. Vella,[66] li dak iż-żmien kien intbagħat jistudja fl-Iskola tal-Istudji Orjentali fl-Università ta' Londra.[67] Jgħidlu li għalkemm id-damma l-ġdida kienet se tieħu xi ftit taż-żmien, din kienet meħtieġa għax la ta' Magro u lanqas ta' Mamo ma kienu dizzjunarji sodisfaċenti.

F'laqgħa li l-membri tal-Kumitat tad-Dizzjunarju kellhom ħmistax wara, fit-18 ta' Mejju, ġie deċiż li sitta min-nies oħra jintalbu jiffurmaw sottokumitat li kellu jikkompila partijiet mid-Dizzjunarju bl-approvazzjoni tal-Kumitat Ewlieni. Dawn il-

---

64 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 61.

65 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 59.

66 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 59.

67 ANM, GMR 1298, p. 349. Jidher ukoll li Laferla kellu komunikazzjoni għaddejja ma' Vella li fiha kien qed jaġġornah dwar kif kien miexi x-xogħol tal-kompilazzjoni. Fit-8 ta' Ottubru 1935 Laferla jiktiblu: "I shall bear your suggestion in mind. I am sure the others will agree." Minħabba li kemm l-ittra ta' Vella kif ukoll dik ta' Laferla ma nstabux fl-arkivji li kkonsultajt, ma jistax ikun magħruf preċiżament x'kien is-suġġeriment li Vella kien għamel lil Laferla. Madankollu, minħabba żviluppi li seħħu xhur wara, jista' jkun li Vella jew issuġġerixxa li l-Kumitat kellu jikber inkella li l-ħidma fuq id-Dizzjunarji titkompla minn Dun Karm.

membri l-ġodda kienu Joseph (Ġużè) Aquilina, Gaetano Cauchi, John M. (Ġanni) Cilia, Joseph (Ġużè) Ebejer, Salvatore Gatt u Godfrey Zarb Adami, u li Laferla bagħat jitlobhom jattendu għal laqgħa fis-26 ta' Mejju fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni fil-Berġa ta' Franza fit-3 ta' waranofsinhar.[68] Fl-istess laqgħa ġie deċiż li d-Dizzjunarju kien se jiġi ppubblikat f'faxxikli u li l-Kumitat Ewlieni kellu jkompli jaħdem fuq l-ittra A.

Ma' dawn is-sitta, Laferla kiteb lil tnejn oħra biex jitlobhom jaħdmu fuq id-Dizzjunarju. Dawn kienu Nazzareno Pisani[69] u Ġużè Chetcuti.[70] Fl-ittri rispettivi, Laferla jgħarraf lil Pisani li jekk jaċċetta kellu jaħdem ma' Ebejer u Cilia fuq l-ittra B filwaqt li

---

68 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 63-64.

69 Kien Siġġiewi u Kap tal-Iskola Primarja tas-Subien tal-istess raħal bejn l-1923 u l-1946 meta nħatar Spettur tal-Iskejjel (Vella, C. p. 55). Fl-1937 kien President tal-MUT (https://mut.org.mt/about/union-officials/) u bejn l-1962 u l-1966 ġie elett bħala Membru Parlamentari f'isem il-Partit Nazzjonalista (https://www.parlament.mt/en/members-group/pisani-nazzareno/).

70 Fir-realtà, l-ittri ta' Laferla (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, folji mhux numerati wara minuta 64 u 64A) huma indirizzati lil "Mr Pisani" u "Mr Cuschieri", għalhekk l-ismijiet jidhru biss fl-avviż dwar id-Dizzjunarju li kien deher fil-*Gazzetta tal-Gvern* tat-3 ta' Lulju 1936. Kemm għaliex f'dan l-avviż ma jissemma ħadd kunjomu Cuschieri u kemm għaliex fi draft tal-istess avviż (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 67), hemm il-kunjom "Cuschieri" maqtugħ u "Chetcuti" miktub bil-lapes minfloku, jidher li l-ittra ta' Laferla kellha tkun indirizzata lil Ġużè Chetcuti li, fil-fatt, it-tweġiba tiegħu tinsab fl-istess fajl. Dan huwa kkonfermat ukoll mir-*Reports on the Working of Government Departments during the Financial Year 1935-1936*. Malta Government Printing Office, 1937, p. 350. (ANM, GMR 1298).

Chetcuti kellu jaħdem fuq l-ittra C ma' Aquilina u Zarb Adami.[71] Ix-xogħol fuq l-ewwel erba' ittri kien pjanat li jitqassam hekk:[72]

| | |
|---|---|
| A | Titkompla mill-Kumitat Ewlieni |
| B | Cilia, Ebejer u Pisani |
| C | Chetcuti, Aquilina u Zarb Adami |
| D | Cauchi u Gatt |

Il-membri l-ġodda kellhom jibagħtu x-xogħol lill-Kumitat Ewlieni li kellu jassigura li dan ikun konformi u konsistenti max-xogħol li kien diġà sar fuq l-ittra A.

Wara li Laferla jinforma lil-Logutenent Gvernatur b'dan kollu, fit-13 ta' Ġunju 1936 il-Logutenent Gvernatur iwieġbu li "This is a very important matter and I am glad that it is being got on with" filwaqt li jitolbu jħejji avviż għall-istampa biex isir magħruf li dan il-proġett inbeda.[73]

Fit-3 ta' Lulju 1936 deher Avviż 248 fil-*Gazzetta tal-Gvern* li ħabbar li:

---

[71] Ta' min jinnota li f'nota dwar id-dizzjunarju li tinsab mal-karti ta' Ġużè Chetcuti fl-Arkivju tal-Università ta' Malta (AUM, *Ġużè Chetcuti Collection*, PB 12c.) Chetcuti jirrimarka li lilu messitu l-ittra B ma' Ġużè Aquilina.

[72] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 65. Madanakollu, karta li nstabet minn Steve Borg ta' Malta Libraries turi li sas-6 ta' Ġunju 1936, Cilia ffirma li waslitlu l-ittra C mingħand Laferla; Zarb Adami ffirma li waslitlu l-ittra B filwaqt li Cauchi ffirma li waslitlu l-ittra D.

[73] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 66.

Il-Gvern se jibda joħroġ fi bċejjeċ Dizzjunarju Malti li qiegħed jinħadem mid-Direttur tal-Edukazzjoni, mill-Wisq Reverendu Monsinjur C. Psaila, mis-Sur F.S. Caruana, mis-Sur A. Cremona, mir-Reverendu Prof. P.P. Saydon, mis-Sur Emmanuele Vella u mir-Reverendu C. Farrugia megħjunin mis-Sinjuri Joseph Ebejer, John Cilia, Nazzareno Pisani, Godfrey Zarb Adami, Joseph Chetcuti, Joseph Aquilina, Salvatore Gatt, u Gaetano Cauchi.

L-ewwel biċċa toħroġ mill-Istamperija tal-Gvern f'Lulju – Prezz 1.[74] Nittamaw illi l-bċejjeċ ta' wara joħorġu f'tul ta' bejn ħmistax-il ġurnata u xahar.

It-3 ta' Lulju 1936.

L-ewwel faxxiklu ta' sittax-il paġna ħareġ fil-31 ta' Lulju 1936[75] u sal-25 ta' Awwissu kien diġà rreġistrat l-ewwel kumment kritiku dwaru: uffiċjal mill-Uffiċċju tal-Logutenent Gvernatur jikteb lill-Aġent Direttur tal-Edukazzjoni Arthur D. Calnan[76] biex jitolbu jinforma lid-Direttur li xi ħadd kien tarraflu b'mod privat li t-"translation of certain technical expressions which appear in the first part is open to question in regard to medical and architectural terms, etc." Għalhekk jitolbu biex fil-futur ikun hemm xi ħadd mill-oqsma tekniċi biex jiċċekkja dat-tip t'espressjonijiet.[77]

It-tieni faxxiklu ħareġ fit-18 ta' Settembru 1936. Sat-8 ta' Ottubru kienu ġew stampati 3,000 kopja minn kull faxxiklu u nbiegħu

---

74 Sold.

75 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 78.

76 Fl-assenza tad-Direttur Laferla li kien imsiefer.

77 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża 76.

aktar minn elfejn kopja ta' kull faxxiklu. Minkejja li l-bejgħ kien sejjer tajjeb, is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern talab aktar materjal lil Laferla għaliex fl-Istamperija ma kellhomx aktar fuq xiex jaħdmu.[78]

Mil-lat ta' kompilazzjoni, is-sitwazzjoni f'Ottubru 1936 jidher li ma kinitx daqstant tajba. Fil-15 tax-xahar Laferla jikteb lil-Logutenent Ġenerali u jinfurmah li l-Kumitat jagħraf li bir-rata li kienu għaddejjin biha, "the dictionary will never be completed." Jgħid li s-sottokumitati ffurmati f'Ġunju bdew mexjin aktarx tajjeb ("have made some headway") fuq l-ittri B, C u D imma l-pubblikazzjoni kienet wieqfa minħabba li l-A kienet għadha mhix lesta. Jgħid ukoll li l-Kumitat unanimament qabel li din kienet biċċa xogħol li kellu jagħmilha xi ħadd li seta' jiddedika l-ħin kollu tiegħu u billi Dun Karm kien ħa joħroġ bil-pensjoni, il-membri ħassew li dmirhom kien li jissuġġerixxu lilu biex ikompli u jtemm dil-biċċa xogħol importanti li mingħajrha "further development of Maltese is very difficult – if not impossible." Ix-xogħol ta' Dun Karm kellu, kull ġimgħa, imur għand il-Kumitat "for revision or criticism."[79]

Dan kien il-mument meta x-xogħol tal-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju għadda f'idejn Dun Karm.

---

[78] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 78.
[79] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 79.

## Ix-xogħol fuq id-dizzjunarju jitħalla f'idejn Dun Karm

Fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" id-Dizzjunarju (ii), Dun Karm jgħarrafna li billi l-parti l-kbira tal-membri kienu ħaddiema maċ-Ċivil u medhijin fix-xogħol uffiċjali tagħhom, "saret proposta" li l-kompilazzjoni kellha ssir minn "persuna kompetenti"[80] li mbagħad tgħaddi x-xogħol regolarment kull tant żmien f'idejn kumitat tar-reviżjoni. Ikompli jirrakkonta li billi kien għadu kif irtira minn Assistent Biblijotekarju fil-Biblijoteka Rjali tal-Belt u kien igawdi l-fiduċja ta' bosta mill-membri tal-Kumitat, dawn talbuh jindaħal hu għall-biċċa xogħol iebsa tad-Dizzjunarju u kien biss "b'ħafna taqtiq ta' qalb" (ii) li aċċetta. Dan wieħed jista' jifhmu għaliex deċiżjoni kbira bħal din kienet se taffettwalu ħajtu. U fil-fatt hekk ġara, tant li hu stess jikteb lil Karmen Mikallef Buħaġar:

> [...] ninsab fi żmien imwiegħer ħafna. Saħħti m'għadhiex li kienet snin ilu, u xogħol, ħsebijiet, nuqqas ta' ħwejjeġ neċessarji eċċ. jkomplu jabbattuk, l-aktar jekk wieħed jinsab fil-kondizzjonijiet tiegħi – waħdi mal-imsejkna Perpetwa, jew il-qaddejja tiegħi. Poeżija, xejn: ili sena u nofs ma nikteb vers: ix-xogħol tad-dizzjunarju li daħħluni fih neħħieli l-fantasija u x-xejra poetika kollha.
>
> (4 ta' Lulju 1948)

[80] Jista' jkun li kien E.B. Vella li għamel dan is-suġġeriment lil Laferla. F'ittra li Laferla bagħat lil Vella fit-8 t'Ottubru 1935, iwieġeb hekk: "The Dictionary work has not yet been restarted. I shall bear your suggestion in mind. I am sure the others will agree." (Camenzuli 457)

> […] jiena ninsab f'qagħda daqsxejn imħabbla; qiegħed waħdi u barra mid-dmir li għandi bħala saċerdot, għandi xogħol iebes ieħor, il-kompilazzjoni ta' dizzjunarju Ingliż u Malti, li ili s-snin naħdem fih u għajjieli 'l moħħi.
>
> (11 ta' Ottubru 1952)

> Dari kien ikolli xi xogħlijiet letterarji tiegħi, u kont kultant nibgħatlek xi ħaġa żgħira: illum m'għadnix naħdem ħwejjeġ letterarji: id-dizzjunarju Ingliż u Malti li waħħluni nagħmel, seraqli l-ħsieb tal-poeżija, u daħħalli l-ħsieb tal-analiżi, tat-tifsir tal-kliem, li hu l-aktar ħsieb niexef u bla ebda ward.
>
> (18 ta' Frar 1954)

Għalkemm Dun Karm kellu l-fiduċja tal-membri l-oħra tal-Kumitat[81] aktarx li kien jitfarraġ l-aktar bl-idea li dik il-biċċa xogħol tabilħaqq impenjattiva li tgħabba biha kienet se tiswa ta' ġid kbir għall-Malti. Fi kliem Laferla:

> Mgr. Psaila, who is undoubtedly the most competent authority on Maltese, is about to be pensioned and we feel it our duty to recommend to the Government that arrangements be made to retain his services for this important work without which the further development of Maltese is very difficult – if not impossible.[82]

---

81 Possibbilment il-membri tal-Kumitat Ewlieni. F'rakkont fil-qosor tal-istorja tad-Dizzjunarju, Ġużè Chetcuti jikteb li wara li Dun Karm irtira bil-pensjoni minn Assistent Bibljotekarju, "Ix-xogħol kollu ntreħa minn idejna." (AUM, *Ġużè Chetcuti Collection* PB 12c.) Interpretazzjoni plawsibbli ta' din is-sentenza hija li din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Kumitat Ewlieni u li membri ġodda bħal Chetcuti u Aquilina mhux neċessarjament ġew ikkonsultati.

82 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 79.

Għall-kompletezza ta' dan ir-rendikont storiku – aktar minn kull ħaġa oħra – hawn ta' min inressaq għall-attenzjoni dettall partikolari li joħroġ minn verżjoni bikrija ta' daħla li kien qed iħejji Dun Karm.[83] Fiha jikteb hekk:

> [...] id-damma tad-Dizzjunarju ma setgħetx timxi ħafif. Għaldaqstant ~~iddeċidejt~~ xi ħadd tarraf illi xi persuna mħarrġa sewwa kellha tiġi magħżula u jingħatalha f'idejha l-kompilazzjoni (id-damma) tad-dizzjunarju bil-ftehim illi x-xogħol fil-ħin li jsir, jitqiegħed ~~għal eżami jew reviżjoni~~ quddiem Kumitat tar-Reviżjoni, b'intervalli regulari u jiena li ~~ma kontx ili li temmejt ix-xogħol kont għadni kif~~ ftit qabel irtirajt mill-uffiċċju ta' Assistent Biblijotekarju kont mitlub naċċetta dak id-dmir; u jiena ħsibt u aċċettajt.

Hawn Dun Karm juża (imbagħad jingassa) l-verb "iddeċidejt" fl-ewwel parti tal-kwotazzjoni, meta kienet għadha ma ssemmietx l-eventwalità li x-xogħol jgħaddi f'idejn persuna waħda. Dis-sentenza seta' komplieha b'diversi modi, ngħidu aħna billi jikteb li ddeċieda li jaċċetta l-proposta li kienet saret li jieħu x-xogħol kollu f'idejh. Iżda interpretazzjonijiet oħra ma jistgħux jaqbdu u jiġu esklużi. Waħda minnhom hi li seta' kien propju Dun Karm li mbotta jew iddeċieda li x-xogħol jitħalla f'idejn persuna waħda. Interpretazzjonijiet oħra possibbli huma li kien hu stess li ddeċieda li x-xogħol tal-kompilazzjoni jgħaddi f'idejh, jew tal-inqas wera x-xewqa li jsir hekk, jew li ta indikazzjoni li jekk isir hekk hu kien lest li jerfa' r-responsabbiltà kbira li ġġib magħha l-kompilazzjoni.

Jekk, min-naħa l-oħra, kien hemm "xi ħadd" li "tarraf" is-suġġeriment li x-xogħol tal-kompilazzjoni jgħaddi f'idejn Dun

---

[83] AUM, Ms. 216/4 p. 6.

Karm, seta' kien E.B. Vella. Meta kien qed jistudja fl-Iskola tal-Istudji Orjentali fl-Università ta' Londra, Vella kiteb lil Laferla u, fost ħwejjeġ oħra, talbu jaġġornah dwar il-progress tad-dizzjunarju. Fit-8 ta' Ottubru 1935 Laferla jinfurmah li: "The Dictionary work has not yet been restarted. I shall bear your suggestion in mind. I am sure the others will agree."[84] Bejn li seta' kellu sorsi oħra li jien ma sibtx u bejn għaliex sempliċiment ħass li kellu jiddeduċi hekk mit-tliet sentenzi ta' Laferla, Camenzuli (251) jasal għall-konklużjoni li "The idea of commissioning Dun Karm came from E.B. Vella."

Kien x'kien, Dun Karm ma tilifx żmien u mill-ewwel medd għonqu għall-ħidma tal-kompilazzjoni tant li fit-28 ta' Diċembru 1936 fl-Istamperija tal-Gvern wasal il-materjal għat-tielet faxxiklu[85] li ġie stampat f'Jannar. Minn hawn 'il quddiem beda joħroġ faxxiklu kull xahar tant li f'Lulju 1937 is-Segretarju tal-Gvern – li kien qed isegwi l-andament tad-Dizzjunarju – ġie infurmat li l-aħħar faxxiklu li kien ħareġ[86] kien jinkludi l-ewwel entrati tal-ittra C.[87] Ix-xogħol f'idejn Dun Karm kien qabad ritmu tajjeb ħafna u fil-11 ta' Awwissu kien intalab iħejji komunikat għall-istampa dwar l-iskop tad-Dizzjunarju u kif kien miexi x-xogħol fuqu.[88]

---

[84] Ittra 804/35 li mhix fl-arkivji li kkonsultajt iżda li jirriproduċiha Camenzuli 457.

[85] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 96.

[86] Faxxiklu numru 8.

[87] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 99.

[88] Dan wara li f'*Il-Berka* tas-7 ta' Awwissu 1937 kienet dehret kitba bl-isem "Il-ħtieġa ta' Dizzjunarju" li fiha ġie mistoqsi x'kien sar mid-dizzjunarju ta' Mamo u jekk il-Gvern kienx beħsiebu joħroġ dizzjunarju Malti-Ingliż li jiġi sieħeb dak li kien qed jixxandar (ta' Dun Karm).

Fis-16 ta' Settembru 1937 ħareġ l-Avviż għall-Istampa 87/37 ("Maltese Dictionary") mill-Uffiċċju tal-Logutenent Gvernatur[89] li fih Dun Karm jagħti rendikont tas-sitwazzjoni tad-Dizzjunarju. Jibda mill-avviż li kien deher fil-*Gazzetta tal-Gvern* fit-3 ta' Lulju 1936, jispjega kif ix-xogħol għadda f'idejh u jgħid li minn hemm 'il quddiem beda jiġi stampat faxxiklu tal-qies *crown octavo* (186 x 123 mm) kull xahar, kif imwiegħed. Jinforma wkoll lill-qarrejja li sa dakinhar kienu laħqu ħarġu disa' faxxikli li setgħu jinxtraw mill-Uffiċċju tal-Istamperija tal-Gvern. L-għaxar faxxiklu kellu joħroġ fit-tmiem ta' Settembru[90] u kien diġà għadda l-erbgħin foolscap ittajpjata meħtieġa għall-ħdax-il faxxiklu li kien qed jittama li joħroġ lejn tmiem Ottubru. Jinnota li għalkemm ix-xogħol lest jista' jidher ovvju u faċli, dan kien jeħtieġ wisq xogħol u paċenzja. Dun Karm ifakkar ukoll li d-dizzjunarju kien qed jindamm u jiġi stampat fl-istess żmien, u dan bilfors kellu jittardja xi ftit il-proċess.

Minkejja dan, sal-5 ta' April 1938, kien hemm sittax-il faxxiklu ppubblikat[91] u d-domanda għall-faxxikli li kienu ħerġin mid-Dizzjunarju waslet saħansitra mill-Kummissarju għal Malta fl-Awstralja.[92] Cassar Pullicino (*Aquilina u l-Malti* 45) jgħarrafna li "Wara Ottubru 1937, Aquilina kien jinsab Londra u ma setax jibqa' jieħu sehem fil-laqgħat." Iżda minn ittra li Saydon kien

---

89 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 108. Id-draft – li kienet itwal mill-verżjoni ppubblikata – miktuba minn idejn Dun Karm qabel is-26 t'Awwissu tinsab fl-AUM Ms. 216/3.

90 Fil-fatt ħareġ fit-28 ta' Settembru (ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 110).

91 Sal-entrata "converse". ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 113.

92 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 111.

kiteb lil Ġużè Aquilina fis-16 t'Ottubru jidher li sa dik il-ħabta l-ħidma tal-Kumitat tar-Reviżjoni kienet għadha għaddejja kif miftiehem. F'din l-ittra Saydon jgħarraf lil Aquilina li kien irtira mill-Bord tad-Dizzjunarju wara kwistjoni personali li kellu ma' Laferla u li ma kellhiex x'taqsam mad-Dizzjunarju.[93]

Għalkemm mhux dejjem kollox kien ward u żahar, ix-xogħol fuq id-Dizzjunarju kien miexi b'ritmu tajjeb ħafna u li kieku baqa' joħroġ faxxiklu kull xahar, sa tmiem l-1945 kien ikun ġie ppubblikat id-Dizzjunarju kollu. Iżda ma kellux ikun hekk għaliex, kif jgħid tajjeb Dun Karm (Dizzjunarju iii):

> [...] mal-istorja ta' dan id-dizzjunarju ntisġet storja oħra bil-bosta mħabbla, l-istorja tal-gwerra li għal ħafna snin gerfxet, u għadha xi ftit tgerfex, il-ħajja ta' Malta fis-suriet kollha tagħha [...]

## Ħidma fuq id-dizzjunarju anki fit-Tieni Gwerra Dinjija

Fl-1 ta' Settembru 1939 il-Ġermanja invadiet il-Polonja bil-konsegwenza li l-Gran Brittannja u Franza ddikjaraw gwerra kontriha. Hekk bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija li l-aktar li laqtet lil Malta fil-laħam il-ħaj kien meta fl-10 ta' Ġunju 1940 l-Italja

[93] "I am at grips with Dr Laferla. I made a complaint to him of a head-teacher, which happened to be very dear to him. He listened to his favourite's explanation and rejected as void of (truth or ground?) my complaints. I consider this as an insult which only such people as Laferla can do. Immediately I withdrew my cooperation from the Dictionary Board which is presided over by him." AUM, Ms. 441, P. P. Saydon – *Collection of Letters to Ġużè Aquilina*.

ddikjarat gwerra kontra l-Alleati u l-għada kmieni filgħodu bdew neżlin l-ewwel bombi fuq pajjiżna.

Minkejja t-tħarbit li ġabet magħha l-gwerra, fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" id-Dizzjunarju, Dun Karm jagħtina x'nifhmu li hu xorta waħda baqa' għaddej bix-xogħol tant li sa meta kienu stampati l-faxxikli kollha tal-ewwel volum, kellu diġà l-materjal kollu lest għat-tieni wieħed:

> [...] ix-xogħol tal-kompilazzjoni baqa' miexi ġmielu, għalkemm dak tal-istampa, għal xi żmien kellu jieqaf, u l-materjal tal-ewwel żewġ volumi, mill-ittra A sal-ittra R, nistgħu ngħidu li hu mitmum u lest għall-istampa.
>
> (Dizzjunarju iii).

Li Dun Karm baqa' jaħdem fuq id-Dizzjunarju fil-gwerra jista' jiġi kkonfermat minn sorsi differenti. F'ittra tat-13 ta' Settembru 1940 lil Ġużè Aquilina, Dun Karm jgħarrfu li jumejn qabel "iltqajt ma' Caruana u ma' Ninu Cremona biex rajna flimkien l-instalment (30) tad-Dizzjunarju."[94] F'ittra tat-12 ta' Marzu 1943 lil Karmen Mikallef Buħaġar, Dun Karm jikteb li: "Id-Dizzjunarju miexi; imma jien niġri aktar mill-Istampa: jien wasalt fl-ittra M, l-Istampa fl-ittra Ġ." Sors ieħor huwa minuta tal-14 ta' Jannar 1947[95] li fiha s-Segretarju tal-Gvern jiġi infurmat li l-Iskrivan Ewlieni tad-Direttur tal-Edukazzjoni kien ċempel lil Dun Karm biex jistaqsih dwar il-progress tad-Dizzjunarju u dan għarrfu li kien lesta l-biċċa l-kbira tal-entrati li jaqgħu taħt l-ittra R.[96]

---

94 *Leħen il-Malti*, 1962, p. 90.

95 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*.

96 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 140. L-editorjal tas-16 ta' Diċembru ta' *Il-Berqa* jilmenta li minkejja li Dun Karm kien

Iżda xhieda egħżeż li anki fil-gwerra Dun Karm kien qed jaħdem fuq id-Dizzjunarju, insibuha miktuba minn idejh stess. F'Lulju 1940 – xahar wara li Malta kienet daħlet fil-gwerra u tliet xhur qabel il-mewt ta' Ġużè Bonnici – insibu lil Dun Karm jikteb ittra lil Bonnici, għax kien ilu ma jisma' b'aħbaru. Fost ħwejjeġ oħra, fiha jinfurmah li kien jinsab Ħaż-Żebbuġ man-neputijiet tiegħu Abel Psaila, Susanna Mifsud u Vincenza Vassallo; imbagħad jgħidlu: "M'iniex qiegħed ħażin. Naħdem xi ftit dizzjunarju u ngħin mill-aħjar li nista' lil ta' madwari ġewwinin u barranin, għax taf kemm għandna refuġjati!!!"[97]

Dettall importanti għall-istorja tad-Dizzjunarju u li hu wkoll marbut mal-gwerra jagħtih Dun Karm fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" id-Dizzjunarju (ii) meta jgħid li:

> [...] jien, wara l-gwerra, ma stajtx inkompli x-xogħol tad-dizzjunarju fuq il-bażi ta' dak ta' Mamo, għaliex, il-manuskritt tiegħu f'żewġ volumi, spiċċa mirdum taħt il-ħerba tal-Palazz, Auberge de France,[98] fejn kien l-Uffiċċju

wasal fl-ittra R, il-Gvern kien għadu ppubblika biss 562 paġna, mill-A sal-G. Bir-rata li kien miexi x-xogħol huwa prattikament impossibbli li dik il-ħidma kollha tlestiet kif intemmet il-gwerra.

97 AKM, *Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm*, Ittra ta' Dun Karm lil Ġużè Bonnici. Kaxxa nru 3, fajl nru 3.

98 Il-Berġa ta' Franza tkissret fit-8 ta' April 1942 u minflokha llum insibu l-Workers Memorial Building li hija s-sede tal-General Workers' Union. Jista' jkun li taħt it-tiġrif tagħha ntilfu xi minuti li kienu jinżammu hemmhekk dwar id-Dizzjunarju ta' Dun Karm u li kienu jiswew mitqilhom deheb għall-kompletezza tal-istorja tad-Dizzjunarju. Pereżempju, il-fajl ANM, EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary* jibda minn minuta numru 172 tal-aħħar ta' Jannar 1965.

tal-Edukazzjoni, li safa' mkisser u mħarbat mill-bombi tal-għedewwa; għalhekk il-kompilazzjoni tkompliet fuq sisien oħra.

Hawnhekk Dun Karm jagħtina x'nifhmu li ma kompliex jibbaża d-Dizzjunarju tiegħu fuq dak ta' Salvatore Mamo għaliex il-manuskritt inqered fit-tiġrif tal-gwerra iżda din il-kwistjoni jixirqilha trattament separat, anki fid-dawl tal-fatt li d-Dizzjunarju Manuskritt oriġinali ta' Salvatore Mamo ġie rkuprat fl-2023 minn Steve Borg ta' Malta Libraries.[99]

## Wara l-Gwerra

Il-gwerra għal Malta ntemmet f'Jum il-Vitorja tal-1944 iżda ftit qabel u ftit wara din id-data kienu mietu żewġ membri tal-Kumitat Ewlieni tad-Dizzjunarju: A.V. Laferla u E.B. Vella.[100]

Kif rajna diġà, minkejja li Dun Karm kellu ħafna materjal lest, dan ma kienx qiegħed jiġi stampat. Meta fil-5 ta' Ottubru 1945 is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern intalab jirrapporta dwar dan lis-Segretarju tal-Gvern, dan jgħarrfu li d-Dizzjunarju qed jiġi ssettjat bil-linotype u li l-erba' magni ta' dan it-tip kienu kollha okkupati b'xogħol uffiċjali li fil-fehma tiegħu kellu jingħata prijorità. Madankollu jassigurah li mal-ewwel opportunità, se jara li jiġu stampati aktar faxxikli mill-aktar fis.[101]

---

99 https://timesofmalta.com/article/longlost-maltese-dictionary-rediscovered.1102266. Ara wkoll it-taqsima dwar ir-relazzjoni bejn id-DMM u d-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* f'pp. 84-92.

100 Laferla miet fis-7 ta' Jannar 1943, filwaqt li Vella miet fit-2 ta' Mejju 1946 (Schiavone 1029, 1591).

101 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża 126.

Jidher li wara lmenti li dehru fil-ġurnali dwar dan id-dewmien,[102] il-Gvern Ingliż iddeċieda li jaqbad il-barri minn qrunu u għalhekk f'Jannar tal-1947 fittex li jittraċċa sewwa x'kien qed jikkawża dan id-dewmien fl-istampar.[103] U kien aktarx bis-saħħa ta' dawn l-imbuttaturi li l-Istamperija tal-Gvern stampat l-ewwel volum tad-Dizzjunarju qabel is-17 ta' Jannar 1947.[104]

Għall-ewwel, id-Dizzjunarju beda jiġi stampat fl-Istamperija tal-Gvern iżda meta din inqabdet b'ħafna xogħol ieħor, infetħet sejħa għat-tenders għax-xogħol fuq id-Dizzjunarju. Għas-sejħa wieġbu l-Lux Press u xi ħadd ieħor imma t-tender tal-Lux kienet nofs l-ammont tal-ieħor u għalhekk intgħażlet l-offerta tal-Lux.[105]

Dun Karm kien isegwi kollox mill-qrib u kien qed jiġi kkonsultat anki dwar deċiżjonijiet fuq it-tipa[106] minħabba li l-face type

---

[102] Ngħidu aħna "B'Liema Lajma!" fuq *Leħen is-Sewwa* tat-3 ta' Ottubru 1945 u l-editorjal tas-16 ta' Diċembru ta' *Il-Berqa*.

[103] Ara l-aktar ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 131-149.

[104] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134.

[105] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 142. Ma għandniex evidenza ta' kemm kienet l-offerta li għamlet il-Lux. Madankollu fit-28 ta' Lulju 1947, is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern jikteb lis-Segretarju tal-Gvern biex jara li jinħareġ permess speċjali biex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż lil-Lux Press sa dik is-sena finanzjarja. L-istima tiegħu hi li kien se jeħtieġ £90. Il-kont tal-Lux, li suppost kien mehmuż mal-minuti, ma nstabx, iżda l-Gvernatur Francis Campbell Ross Douglas fit-8 ta' Awwissu 1947 ħareġ warrant numru 38 lit-Teżorier biex jintefqu £90 fi "printing of an English Maltese Dictionary." ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 153.

[106] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134.

użata mil-Lux kienet ħarira differenti[107] minn dik użata fl-ewwel volum mill-Istamperija tal-Gvern. Kien jara wkoll il-provi b'reqqa kbira u fl-istess ħin jerġa' jagħmel iż-żidiet li kien iħoss li kienu meħtieġa tant li ġieli wasal saħansitra sas-sitt prova:

> Any apparent delay is being caused by the fact that as many as 6 proofs have sometimes been asked for as Mgr Psaila is very keen on having the work published as correctly as possible. I wish to explain that he has several times felt it was necessary to make certain additions when the proofs were submitted to him.[108]

Hawn ta' min jingħad li dan ix-xogħol tar-reviżjoni Dun Karm ma kienx jagħmlu waħdu. Bejn il-mewt ta' Laferla u ta' Vella, u l-irtirar ta' Saydon, mill-membri oriġinali tal-Kumitat Ewlieni kien għad fadal biss F.S. Caruana u Ninu Cremona[109] li kienu għadhom jagħtu daqqa t'id lil Dun Karm.[110] F'biċċiet minn daħla manuskritta[111] li kien qed iħejji, Dun Karm iħoss il-bżonn li lil dawn iż-żewġ membri jsemmihom b'isimhom:

> Hawnhekk inħoss li għandi ngħid li għalkemm dawn l-Erba' Kelmiet ta' Qabel jidhru fuq l-isem tiegħi, jien nagħraf, fis-sewwa, ix-xogħol illi għamlu fil-kompilazzjoni ta' dan id-Dizzjunarju l-membri tal-Kumitat

---

[107] "slightly different": ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 142.

[108] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134.

[109] Imkien fid-dokumenti kollha li kkonsultajt ma hemm referenza għar-Rev. Clo. Farrugia Gay għajr għal meta nħatar membru fil-Kumitat Ewlieni.

[110] Skont F.S. Caruana, kien Dun Karm stess li talbu jgħinu "fit-tajpjar tiegħu [tad-Dizzjunarju] u għal xi snin ukoll fil-qari tal-provi tal-istampa." *Leħen il-Malti*, 1962, p. 15.

[111] AKM, *Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm*, paġna mhix-numerata f'kaxxa 3 fajl nru 2.

Ewlieni fit-tħejjija (fid-damma?) tal-ewwel faxxikoli, u l-għajnuna li tawni l-membri tal-Kumitat tar-Reviżjoni, l-aktar is-Sur Ninu Cremona u s-Sur Franġisku Saverju Caruana, li għal medda ta' żmien eżaminaw miegħi l-materjal li jiena kont nillesti, u l-għajnuna wkoll li xi ħbieb oħra tawni bil-kelma tal-fomm jew bil-kelma miktuba, fil-ħidma tiegħi.

Fl-1947 il-Lux kienet qed iġġorr mill-Belt għal Santa Venera u għalhekk dan ma setax ma jaffettwax xi ftit l-istampar tad-Dizzjunarju. Madankollu s-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern – li baqa' responsabbli mill-istampar – jikkonferma li sa Jannar tal-istess sena, ix-xogħol kien miexi skont il-ftehim kuntrattwali u għalhekk id-"dewmien apparenti" li seta' kien hemm kien aktarx riżultat tar-reqqa kbira fir-reviżjoni ta' Dun Karm u sħabu.

Sat-28 ta' Jannar, il-Lux kienet ippubblikat l-ewwel żewġ faxxikli tat-tieni volum (il-parti minn "H" sa "hospice"); kellha f'idejha wkoll 198 karta li ttajpja Dun Karm bl-ittra H u biċċa sewwa mill-ittra I sa "interlocutor", ekwivalenti għal ftit aktar mill-ewwel sitt faxxikli tat-tieni volum. L-istampatur kien stampa l-provi tal-ittra H u I sa "impinge" u Dun Karm kien qrahom filwaqt li l-provi minn "hospitable" sa "impinge" kienu għand Dun Karm li kien qed jaqra t-tielet prova tagħhom.[112]

Jidher li x-xogħol beda miexi bil-mod[113] tant li sal-5 ta' Frar 1949 kienu ġew stampati biss 14-il faxxiklu mit-tieni volum, sal-ittra

[112] ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 142.

[113] Dan jidher anki minn ilmenti li bdew jidhru fil-gazzetti. Ngħidu aħna, fl-ittra li l-Qormi Eddie Muscat kiteb f'*Il-Berqa* tas-16 ta' April 1949 jilmenta li ġieli kellhom jgħaddu xahrejn biex joħroġ faxxiklu.

M.[114] Minn ittri li dehru fil-ġurnali nsiru nafu wkoll li, mill-inqas sal-ewwel xhur tal-1949, il-faxxikli tal-bidu kienu nħatfu kollha u ma stajtx issib tixtrihom. Imbagħad, wara li fl-1951 u l-1955 kienu ħarġu l-faxxikli kollha tat-tieni u t-tielet volum, u wara li Dun Karm reġa' rreveda x-xogħol kollu tal-ewwel volum,[115] l-Istamperija tal-Gvern bdiet tistampa dawk il-faxxikli mill-ewwel volum li ma kinux għadhom jinsabu għall-bejgħ. Imbagħad, f'Jannar tal-1956, dax-xogħol, għal darba oħra, reġa' ġie sospiż.[116]

Sa Diċembru 1959 is-sett sħiħ ta' tliet volumi tad-Dizzjunarju kien jinbiegħ 8 xelini. It-tielet volum kont issib tixtrih imma partijiet mill-ewwel u t-tieni volum ma kinux għadhom fl-istampa.[117] Wara l-mewt ta' Dun Karm fit-13 ta' Ottubru 1961, id-Dizzjunarju ġie stampat mill-ġdid bl-offset fid-Diviżjoni

---

114 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 166.

115 Minkejja li ma kienx qed jikkumpila xogħol ġdid, Dun Karm baqa' jitħallas ta' xogħlu u l-ħlas kien jiġi sospiż biss meta l-Istamperija tinqabad b'xogħol ieħor u ma tkunx tista' tkompli bid-Dizzjunarju. Ara ANM, EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary*, minuti 172-178.

116 ANM, EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary*, minuta 172. Mill-ittra li Dun Karm kiteb lil Karmen Mikallef Buħaġar fl-10 ta' Marzu 1955, insiru nafu li din kienet qed iżżomm b'għożża kbira d-Dizzjunarju ta' Dun Karm "barra minn xi tliet faxxikli." Dun Karm talabha tgħidlu liema faxxikli kellha neqsin ħalli jibgħathomlha. Dan jista' jfisser li jew Dun Karm kien żamm xi kopji mill-faxxikli l-antiki fuq ir-riħ u ddeċieda li jibgħathomlha, inkella li r-ristampa tal-faxxikli mill-Istamperija tal-Gvern kienet diġà bdiet sad-data tal-ittra.

117 ANM, EDU 02 447/1948.

tal-Produzzjoni tad-Dipartiment tal-Informazzjoni fl-1964.[118] Mit-tweġiba tal-Prim Ministru Borg Olivier għall-mistoqsija parlamentari tal-Onor. W. Abela dwar meta se jieħu passi biex jerġa' jiġi stampat id-Dizzjunarju ta' Dun Karm, insiru nafu li sat-13 ta' Mejju 1966 l-ewwel volum kien stampat diġà, it-tieni wieħed kien qed jiġi stampat u t-tielet wieħed kien għad irid jinbeda. Wara jkun għad fadal il-kollezzjonar u l-ħjata billi din id-darba Dizzjunarju nbiegħ illegat fi tliet volumi u mhux f'faxxikli.[119]

L-aħħar reġistrazzjonijiet bil-miktub dwar id-Dizzjunarju ta' Dun Karm huma tal-1967 u jinsabu f'fajl tad-DOI.[120] Jirrigwardaw it-talba ta' ċertu Paul Borg, minn Ontario l-Kanada, biex ikun jista' jagħmel in-negozju mill-bejgħ ta' dan id-dizzjunarju fil-Kanada.

## Ħlas lil Dun Karm għax-xogħol fuq id-dizzjunarju

F'Ottubru 1936 Dun Karm iltaqa' mat-Teżorier u ntlaħaq ftehim fuq il-ħlas li kellu jirċievi. Fit-23 tax-xahar Laferla jiddokumenta[121] li t-Teżorier u Dun Karm ftiehmu li dan kellu jattendi l-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa tal-Kumitat u, kull xahar, jgħaddi lill-Kumitat 42 paġna miktuba bit-typewriter, ekwivalenti għal faxxiklu

118 Paġni preliminari tal-edizzjoni tad-Dizzjunarju stampata fl-1964.
119 ANM, DOI 67/1966, *Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari ta' W. Abela lill-Prim Ministru.* Domanda nru 243.
120 ANM, DOI 205/1967.
121 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 81.

stampat ta' 16-il paġna. Il-ħlas għal dan kien ta' £12.10 xelini[122] fix-xahar u ġie approvat mil-Logutenent Gvernatur.[123]

L-ispejjeż b'rabta mal-pubblikazzjoni tad-Dizzjunarju ssemmew l-ewwel darba fl-estimi tal-1937-1938 taħt Head 23 (Miscellaneous Services). Fl-estimi tal-1941-42 imbagħad dawn saru jagħmlu parti mill-budget tal-"Education." Kienu qed jiġu vvotati £160 fis-sena u sa Ġunju 1948 kienu ntefqu £1,760.[124] Dan ifisser li l-ħlas beda mill-1937 u li baqa' għaddej anke fil-gwerra. Ifisser ukoll li kien hemm £15 li ma kinux imorru għand Dun Karm, u għalhekk għandna nifhmu li dawn kienu jmorru bħala ħlas għall-għajnuna fl-ittajpjar.

Ta' min inħarsu ftit ukoll lejn kif kienu jkunu l-pagi dak iż-żmien biex ikollna idea aħjar tal-ħlas li kien qed jieħu Dun Karm. Ngħidu aħna, skont it-taqsima tas-"Civil Establishments" tal-*Malta Blue Book* tal-1934, meta Dun Karm kien għadu Assistent Librar u Direttur tal-Libreriji Distrettwali, il-paga tiegħu kienet ta' £230 fis-sena. Skont il-*Blue Book* tal-1936, meta Dun Karm u t-Teżorier ftiehmu fuq il-ħlas, l-għalliema kienu jaqilgħu bejn £58 u £130 fis-sena; l-iskrivani tat-tielet klassi fil-qrati superjuri kienu jaqilgħu £140 fis-sena; l-ispetturi tas-sanità tat-tieni klassi u l-assistenti anzjani tad-dwana kienu jaqilgħu £145 fis-sena.

---

122 Bejn wieħed u ieħor, daqs €716.24 tal-lum. Fil-karti tat-taxxa li mela bejn l-1953 u l-1957 Dun Karm jiddikjara li qala' £150 fis-sena għall-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju (AUM, Ms. 214, *Peter Vassallo's Collection of Papers relating to Dun Karm*).

123 ANM, CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 83.

124 ANM, EDU 02 447/1948.

Meta tikkunsidra dan kollu, ir-rata tal-ħlas li kien qed jirċievi Dun Karm tista' titqies tajba ħafna minn min ma jagħrafx biżżejjed l-impenn massiċċ li tirrikjedi biċċa xogħol bħal din. Dun Karm ħadem fuq id-Dizzjunarju anki b'sagrifiċċju personali tant li skont Friggieri (*Dun Karm* 109) "meta temmu, kien tilef ħafna mid-dawl, mis-smigħ u mill-memorja." Kif joħroġ mill-intervista ta' Louis Portelli ma' Katerina Ciantar[125] – il-qaddejja Għaxqija li kienet tieħu ħsieb Dun Karm wara l-mewt ta' Ġannina Pisani – ix-xogħol tal-kompilazzjoni kien wieħed iebes ħafna:

[...]

**M:** Dejjem sabhielu. Waħda mill-affarijiet illi Dun Karm kien iddedika ħafna snin ta' ħajtu kienet il-biċċa xogħol kbira tad-dizzjunarju li għamel. Taf xi ħaġa dwar dan, Katarin?

**T:** Eh ... id-dizzjunarju!... Kont ngħidlu: "Tħallasnix u taħdmux iżjed" ... Kont ngħidlu: "Tini naqra kafè biss u lanqas irrid flus ..."

**M:** Għaliex, Katarin?

**T:** Għax kont narah ibati wisq ...

**M:** Bata ħafna biex għamlu?

**T:** Uh ... Kemm bata, jaħasra, biex għamlu dak id-dizzjunarju ... Kont ngħidlu: "Ma tawhomlokx għalxejn il-flus! ..."

**M:** Għaliex, Katarin, bata ħafna?

**T:** Uh! Għax kien għajnu waħda ma tantx jara ... u kien idum jirranġa wara l-oħrajn ... Kien idum ħafna jirranġa warajhom ...

---

[125] *Leħen il-Malti*, 1962, p. 71.

**M:** Ma għandniex xi ngħidu ... wara Ii kien jikteb l-oriġinal, imbagħad hu kien jibagħtu l-istamperija u meta l-provi kienu jiġu lura, kien ikun hemm ħafna x'wieħed jikkoreġi.

**T:** Iva.

Fil-kollezzjoni tal-karti ta' Dun Karm mgħoddija lill-Arkivji tal-Università ta' Malta minn neputih Peter Vassallo[126] hemm kemm karti tat-taxxa li kien jimla Dun Karm stess, kif ukoll noti oħra li kien iniżżel dwar id-dħul u l-ħruġ finanzjarju tiegħu. F'dawn hemm diversi referenzi għall-ħlas ta' £150 li kien qed jirċievi mill-Gvern għall-ħidma tiegħu fuq id-Dizzjunarju.



Ritratt 1: Il-Berġa ta' Franza qabel il-gwerra

[126] AUM, Ms. 214, *Peter Vassallo's Collection of Papers relating to Dun Karm.*



Ritratt 2: Il-Berġa ta' Franza mġarrfa



Ritratt 3: Minflok il-Berġa ta' Franza llum ittella'
l-Workers' Memorial Building

# Il-Ħsibijiet ta' Psaila dwar il-Lessikografija u Suġġetti Oħra

## *Kitbiet ta' Psaila dwar diversi suġġetti*

Fost il-biċċiet tal-proża li kiteb Dun Karm hemm editorjali li jittrattaw il-qasam tal-lessikografija[127] kif ukoll ittri lil persuni bħal Laurent Ropa, Karmen Mikallef Buħaġar u Ġużè Bonnici fejn jirreferi għall-ħidma tiegħu fuq id-Dizzjunarju. Iżda fl-Arkivju tal-Università ta' Malta (Ms. 216) hemm 47 paġna manuskritta minn Dun Karm bħala preparazzjoni għal dak li kien se jikteb fid-daħla tad-Dizzjunarju. Ma' dawn hemm ukoll sitt faċċati oħra li jidher li nkitbu fl-istess perjodu[128] u li jinsabu fil-Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina.[129] Apparti 6 verżjonijiet tad-daħla, f'Ms. 216/4 hemm ukoll xi noti li kien ħa; abbozzi ta' xi entrati (Mss. 216/2 u 216/4) kif ukoll kitbiet dwar kif tnisslet l-idea tad-Dizzjunarju, l-għan tiegħu u kif imxiet il-kompilazzjoni (Mss. 216/3 u 216/5).

---

[127] Ara t-taqsima f'dan il-ktieb "Editorjali b'temi lessikografiċi f'*Il-Malti* tat-tletinijiet" f'pp. 20-26.

[128] Qabel l-1947 meta ġie stampat l-ewwel volum (ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134).

[129] AKM: *Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm*, Kaxxa 3 fajl nru 2.

F'dawn il-paġni manuskritti[130] Dun Karm jikteb dwar diversi suġġetti fosthom: l-istorja ta' Malta; l-iżvilupp tal-ilsna u l-lingwa Maltija; in-nisel tal-Malti u l-qagħda tiegħu kif ukoll dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Vassalli b'risq il-Malti. Imbagħad jikteb ukoll dwar suġġetti marbutin direttament mal-lessikografija fosthom: il-ħtieġa u l-iskop tad-dizzjunarju; id-differenza bejn dizzjunarju u vokabolarju kif ukoll jagħti lista tad-dizzjunarji ta' qablu b'xi kummenti dwar uħud minnhom. Linji ta' interess partikolari huma dawk fejn Dun Karm jagħti dettalji – li jvarjaw minn verżjoni għal oħra tad-daħla – dwar partijiet mill-istorja tad-Dizzjunarju.[131]

## L-Ilsna, in-nisel tal-Malti u l-qagħda tiegħu

Dun Karm jikteb dwar l-istorja ta' Malta bl-istess ton Romantiku tal-poeżija. Lill-"Gżira ta' Malta" jiddeskriviha bħala "ġawhra sabiħa fil-qalba tal-Baħar Mediterran" u li minn dejjem kienet "ix-xewqa u mbagħad il-premju" tal-aqwa potenzi skont iż-żmien (*Dizzjunarju* i). Jagħti wkoll lista ċkejkna tal-popli li ħakmu lil Malta mill-Feniċi ("nies baħħara qalbiena u intelliġenti" *Dizzjunarju* i) sal-Ingliżi. Interessanti li huwa u jipprepara għad-daħla, kiteb li l-Feniċi "imsaħħrin mid-daħliet tal-baħar li fiha [Malta] ma tathomx qalbhom li jinfirdu minnha" u li l-Maltin "kienu jitħabbu magħhom" meta raw il-ġid u l-wixx li dawn kienu jressqu lejn xtutna (pp. 8 u 19). L-għażla ta' Dun Karm li jieqaf ftit biex jitkellem b'mod pjuttost Romantiku dwar żmien

[130] Fejn mhux indikat mod ieħor, il-paġni msemmija f'dan il-kapitlu huma dejjem minn AUM: Ms. 216/4 *Daħla għad-Dizzjunarju*.

[131] Hemm referenza għalihom fl-ewwel kapitlu ta' dan l-istudju.

il-Feniċi tista' tinftiehem aħjar meta naqraw l-ideat tiegħu dwar in-nisel tal-ilsien Malti.

L-għażla finali ta' Dun Karm, jew tal-Gvern ta' dik il-ħabta,[132] kienet li ma joqgħodx jidħol f'polemiki dwar minn fejn tnissel il-Malti. Madankollu dan is-suġġett kiteb dwaru f'verżjonijiet manuskritti tad-daħla. Sa mill-ewwel noti tiegħu,[133] Dun Karm jagħraf li "Il-mistoqsija l-aktar iebsa fuq din il-ħaġa hi liem kien dak il-lsien li kellhom [il-Maltin] fil-qedem tal-istorja tagħhom."[134] F'Ms. 216/4 jikteb li għalkemm Malta ġens żgħir, għandha l-ilsien tagħha "imnissel minn xi lsien barrani, bħalma hu l-Persjan, jew il-Għarbi jew xi wieħed ieħor" imbagħad "ħa sura diversa minn ta' dawk li minnhom jista' jkun li tnissel" (p. 4). F'verżjonijiet oħra tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" li jinsabu fl-istess manuskritt, Dun Karm idaħħal ukoll il-Feniċju fl-istorja u jgħid li billi l-ilsna tal-Maltin u tal-Feniċi "kienu, minn dak li jidher, jixxiebhu, ingħaqdu sewwa ma' xulxin" (pp. 8, 19). Dan jagħmlu anki billi jirreferi għall-kitbiet ta' De Soldanis li laqqam il-Malti bħala lsien "Puniku Kartaginis" [sic] (Ms. 216/5, p. 2).

Dun Karm kiteb ukoll dwar l-ilsna b'mod ġenerali. F'Ms. 216/4[135] ifisser il-fehma tiegħu li kull ġens li hu magħżul minn ġnus oħra sew ġeografikament u sew razzjalment, għandu l-ilsien tiegħu

---

[132] Id-Dizzjunarju kien "Maħruġ bl-Awtorizzazzjoni tal-Gvern, taħt it-tmexxija tad-Direttur tal-Edukazzjoni ..." (il-frontispizju tad-Dizzjunarju, 1947)

[133] MS. 216/5, p. 2.

[134] Din il-mistoqsija għadha sal-lum mhix imwieġba minħabba li, kif isostni Brincat (2011: xxxv), fil-qagħda preżenti ta' lsienna ma tinħassx il-preżenza ta' sostrat.

[135] Folja mhux numerata.

li jużah biex ifisser il-ħsibijiet u s-sentimenti tiegħu. Ikompli jispjega li minkejja li fil-qedem jista' jkun li l-ilsna kollha tnisslu mill-istess lingwa, maż-żmien dawn addattaw ruħhom skont il-ġeografija, l-istorja u d-drawwiet tal-pajjiż, għaliex "l-ilsna jgħixu l-istess ħajja tal-bniedem, jew l-istess ħajja tal-ġens."

Għalhekk, fi ħsieb Dun Karm, l-ilsna huma organiżmi ħajjin li jitwieldu, jitrabbew, jikbru u jġibu l-frott tagħhom. Fil-fatt iqabbilhom mal-bnedmin li jeħtieġu l-ikel, l-ilbies, l-attenzjoni u l-kura skont il-fażi li jkunu għaddejjin minnha. Dun Karm jestendi l-analoġija billi jfiehem li bħalma tarbija teħtieġ ilbies li "jħażżimha u joqogħdilha tajjeb skont il-barma tal-ġisem" u li hekk kif tikber tkun teħtieġ libsa oħra "xierqa u kemm jista' jkun sabiħa", hekk ukoll l-ilsna. U kif bniedem, minbarra l-ħajja personali tiegħu – b'rabtiet ma' persuni tal-istess pajjiż – jagħmel sehem mill-ħajja nazzjonali, hekk ukoll l-ilsien. Għaldaqstant, billi Malta kienet "taħt il-protezzjoni tal-Ingilterra", mal-Ingliżi "hemm bosta rabtiet li m'għandniex ma' nazzjonijiet oħra" u għalhekk il-Malti "jaħtieġ ikollu relazzjonijiet jew irbit mal-lsien Ingliż" u dik kienet waħda mir-raġunijiet il-għaliex Dun Karm u oħrajn qablu, ħassew il-ħtieġa ta' dizzjunarju Ingliż u Malti (p. 7).[136]

F'waqtiet oħra, l-istess tixbiha tikxef il-ħsieb preskrittiv ta' Dun Karm fil-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju, bħalma jidher f'dis-silta mill-istess manuskritt:

> L-ilsna immela għandhom bżonn jieklu biex jgħixu u jkunu f'saħħithom; l-ikel tal-ilsna huwa l-kliem ġdid, jew maħruġ mill-għeruq tal-kelma

[136] Ideat simili jidhru fl-istess manuskritt, pp. 7, 11 u 17.

> tiegħu stess, jew missellfa minn ilsna oħra; u kif il-bniedem jekk ma jikolx, jogħlob u jista' jmut, hekk ukoll ilsien jekk ma jikolx jibqa' magħlub, bla saħħa biex ifisser ħsibijiet, ġrajjiet u drawwiet madwaru: iżda l-ikel għandu jkun magħżul bil-għaqal, bil-qies, għax kif l-ikel li ma jinġiebx man-natura tal-...[137] jew mikul bil-għaġla jista' jġib indiġistjoni li tmarrdu: hekk ukoll il-kliem ġdid li hu l-ikel tal-lsien, jekk ma hux maħdum u magħżul bil-għaqal u bil-qies jista' jħassar u jmarrad il-lsien li fih jidħol. (p. 17)

Dawn il-preokkupazzjonijiet ta' Dun Karm jistgħu jinftiehmu aħjar fid-dawl ta' dak li kiteb hu stess dwar il-qagħda tal-ilsien Malti matul l-istorja tiegħu. F'paġna 4 Dun Karm jilminta li minkejja li fl-iskejjel u fit-toroq Maltin kienu jinstemgħu bosta ilsna barranin, u minkejja l-progress li kien sar f'Malta,[138] "l-ilsien Malti baqa' dejjem fejn kien, minsi minn kulħadd, għodda tan-nies bla tagħlim għall-qadi tal-ħajja ta' kuljum" bla ma qatt, qabel Vassalli,[139] ma ngħata xejra skolastika jew letterarja.[140]

Madankollu, kif jagħraf Dun Karm (p. 17), fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin il-Malti kien għaddej minn "perjodu ta' żvolġiment kbir"[141] li minnu seta' joħroġ ġid lingwistiku u letterarju kbir jekk dawk li jieħdu ħsieb il-kultura letterarja Maltija jagħrfu "kif

---

[137] Oriġinarjament kiteb, "man-natura tiegħu" iżda mbagħad ingassa l-kelma "tiegħu" u bidilha b'oħra li m'għaraftx.

[138] Isemmi, ngħidu aħna, il-ftuħ ta' xi skejjel, tal-Università kif ukoll il-bini u t-tagħmir tal-"Biblijoteka Pubblika."

[139] Dun Karm (Ms. 216/4 pp. 1-2, 4, 12-13) jikteb aktarx fit-tul dwar Vassalli, dejjem b'rabta mal-merti tiegħu fil-pjanifikazzjoni u fil-ħidma għan-nazzjon u għall-ilsien Malti.

[140] Dawn l-ideat jidhru fl-istess manuskritt, p. 11.

[141] F'p. 12 jorbot din "ir-rebbiegħa tal-lsien Malti" mal-miġja tal-Ingliżi f'pajjiżna u ma' Vassalli.

jagħmel ġennien għaqli u dehni, iwarrbu dak li hu ħaxix ħażin u jagħżlu u jrabbu dak li hu tajjeb."[142]

F'dan iż-żmien ta' qawmien, fi ħsieb Dun Karm, il-Malti ma setax jgħaddi mingħajr l-għodod ewlenin, fosthom dizzjunarju bilingwi tajjeb.

### *Kitbiet ta' Psaila marbutin mal-lessikografija*

### **Definizzjoni ta' "dizzjunarju"**

Għal Dun Karm (216/5, p. 3) hemm dejjem dawn it-tliet elementi li huma essenzjali f'dizzjunarju: lista ta' kliem; it-tifsir tiegħu kif ukoll il-frażijiet u l-espressjonijiet. Fil-fatt, jiddefinixxi d-dizzjunarju bħala "ktieb li jġib jew jagħtik fl-ordni tal-alfabett il-kliem ta' lsien bit-tifsir tiegħu[143] u jżid dawk il-frażijiet jew espressjonijiet li jitnisslu minn jew jingħaqdu ma' dak il-kliem."[144] Mingħajr dawn tal-aħħar ix-xogħol ma jissejjaħx dizzjunarju imma "daqsxejn ta' vokabolarju" ("Erba' Kelmiet ta' Qabel", iii).

Iżda fil-każ partikolari tad-dizzjunarju tiegħu, li kien se jkun l-ewwel wieħed sħiħ u stampat wara t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, Dun Karm ħass li dizzjunarju kellu wkoll irwoli

---

[142] L-istess idea tidher ukoll f'p. 7 b'kelmtejn mibdula.

[143] Xi ftit jew wisq, din l-idea għadha riflessa anke fi żmienna. Gabrovšek (149), ngħidu aħna, hu tal-fehma li l-alfabetizzazzjoni u l-għoti tat-tifsir tal-kliem huma sinonimi mal-idea tad-dizzjunarju.

[144] Hawnhekk Dun Karm jikteb ir-referenza minn fejn silet din id-definizzjoni: *Dizionario Enciclopedico Illustrato Compilato Per Cura Della Società per l'Emancipazione Intellettuale* (Vallardi, Milan, 1900).

preskrittivi x'jaqdi, fosthom li "jaħtar ortografija xierqa" (p. 20). Dun Karm jispeċifika li d-dizzjunarju bilingwi tiegħu, kellu jagħti "vokabolarju għani kemm jista' jkun" filwaqt li "iwarrab il-kliem imdaħħal bla għaqal fil-Malti." Dun Karm donnu ried li d-dizzjunarju tiegħu jaqdi wkoll l-irwol ta' grammatika għaliex xtaqu li "juri n-nisġa grammatikali u sintattika tal-kliem biex ikun jista' jaqdi sewwa fit-taħdit u sewwa fil-kitba."

## L-Istorja tad-dizzjunarji

Dun Karm (Ms. 216/5, p. 3) jinnota li skont Cuvier Giorgio Leopoldu Kristjanu Federik, Baruni ta' Dagobertu,[145] kien Aristotli l-ewwel wieħed li ħaseb li jqassam it-tagħrif kollu li kien ġabar fl-istudji tiegħu skont l-ordni tal-alfabett.[146] Dun Karm isemmi li warajh ġew oħrajn bħal Kallimaku,[147] Varroni,[148] Esikju[149] u Kalepin[150] li wkoll qassmu l-istudji tagħhom skont l-ordni alfabetiku "u kkompilaw bħal dizzjunarji" li fuq l-eżempju tagħhom l-ilsna moderni ħadmu l-vokabolarji jew id-dizzjunarji tagħhom. Dun Karm (pp. 2-4)[151] jieħu nota wkoll ta' xi tipi

[145] Cuvier Georges Léopold Chrétien Frédéric Dagobert kien anatomista Franċiż meqjus bħala missier l-anatomija komparattiva. Dun Karm jikteb ukoll li kien "spettur ġenerali tal-istudji u membru tal-Akkademja tax-Xjenzi" (Ms. 216/5 p. 3).

[146] Hawn Dun Karm qed jirreferi għall-kotba ta' Aristotli magħrufa bħala *Metafiżika*.

[147] Callimachus.

[148] Il-kittieb Ruman Marcus Terentius Varro.

[149] Ir-referenza għall-ktieb miktub bil-Grieg *The Alphabetical Collection of All Words* ta' Esikju (Hesychius) ta' Lixandra.

[150] Ambrogio Calepino.

[151] F'paġni mhux numerati, bejn p. 2 u p. 4

differenti ta' dizzjunarji fosthom dawk bijografiċi; ġeografiċi; enċiklopediċi u dwar l-għerf kollu li jista' jiskopri l-bniedem.

### Il-ħtieġa u l-għanijiet tad-Dizzjunarju ta' Dun Karm

F'"The English-Maltese Dictionary: its Scope and Progress"[152] Dun Karm jorbot il-ħtieġa ta' dizzjunarju ġdid Ingliż-Malti kemm mal-ħatra ta' dawn iż-żewġ ilsna bħala lingwi uffiċjali ta' Malta mill-Gvern Ingliż fl-1934, kif ukoll, aktar u aktar, meta l-Malti sar suġġett eżaminat meħtieġ mill-istudenti biex ikomplu bl-istudji tagħhom il-Liċeo u l-Università. Għalhekk Dun Karm jikteb li "the want of a good English-Maltese dictionary was very naturally (reasonably)[153] felt by all who in one way or another were interested in the matter."[154]

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, meta l-Malti kien għaddej minn żmien sabiħ ħafna, anki bis-saħħa tal-ispinta li bdiet tieħu l-letteratura, inħass aktar il-bżonn li, bħalma għandu kull ilsien mogħni b'letteratura, il-Malti wkoll kellu jkollu vokabolarju u fuq kollox dizzjunarju "li jwieġeb għall-ħtiġiet kollha tal-lsien fil-perijodu tal-iżvolġiment tiegħu" (p. 7). Fi ħsieb Dun Karm, biex lingwa tieħu sura "għanja, qawwija u mżewqa" teħtieġ bilfors dizzjunarju li "bla tmerija" huwa waħda mill-aktar għodod

[152] AUM: Ms. 216/3, "The English-Maltese Dictionary: its Scope and Progress" (p. 1).

[153] "naturally" u "reasonably" miktubin fuq xulxin bħala żewġ għażliet ikkunsidrati minn Dun Karm.

[154] L-istess argumenti jidhru f'Ms. 216/4 (p. 5) kif ukoll fid-Dizzjunarju (ii).

meħtieġa (p. 18), naturalment flimkien ma' għodda oħra bħall-grammatika (216/5, p. 1).

Argument ieħor li jressaq Dun Karm (p. 7) huwa li billi Malta kienet ilha żmien twil "taħt il-protezzjoni tal-Ingilterra" u billi jqis il-lingwa bħala waħda mill-aqwa karatteristiċi tan-nazzjon, kienet ħaġa meħtieġa li jkun hemm rabta bejn iż-żewġ ilsna. Dun Karm (p. 8) jagħraf sa minn kmieni l-importanza tal-bilingwiżmu għaliex jinsisti li biex il-Maltin "jiftiehmu ma' ġnus ta' ilsna differenti minn tagħhom" kellhom bżonn l-Ingliż. Għalhekk kellhom bżonn dizzjunarju tajjeb li jaqdihom f'dawk l-oqsma (politika, kummerċ, xjenza eċċ., p. 18) kollha li riedu jikkomunikaw dwarhom ma' ġnus barranin.

Fil-fatt, kif jidher anki fil-verżjoni stampata tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (ii), id-Dizzjunarju tiegħu kien maħsub biex jaqdi lil dawk kollha li riedu jifhmu sewwa l-Ingliż bis-saħħa tal-Malti.[155] Madankollu, Dun Karm jagħżel li jsemmi speċifikament l-għan tiegħu li liż-żgħażagħ iħaffilhom it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti. Huwa ċar li ż-żgħażagħ kellhom post ċentrali fi ħsieb Dun Karm[156] tant li mhux talli nsibu dan l-għan espress diġà f'edizzjonijiet preċedenti manuskritti għad-daħla[157] u fid-daħla stampata (iv) imma talli ż-żgħażagħ jissemmew saħansitra fit-

[155] Dan jidher saħansitra f'verżjoni manuskritta tal-frontispizju tad-Dizzjunarju fejn it-titlu jidher, għall-unika darba, bħala *Dizzjunarju Ingliż ~~imfisser~~ u bil-Malti* (AKM: pġ mhix numerata f'kaxxa 3 fajl nru 2).

[156] Ara, pereżempju, l-editorjali tiegħu f'*Il-Malti* tal-1933 (i).

[157] L-istess idea tidher ukoll f'Ms. 216/4 pp. 6, 16 u f'Ms. 216/3, p. 2.

titlu ta' dawn id-daħliet, fosthom "Id-Dizzjunarju Ingliż u Malti – Erba' Kelmiet Qabel l-Aktar għaż-Żgħażagħ" (p. 21).[158]

## Id-dizzjunarji ta' qablu

Kif rajna, l-idea utilitarja[159] tad-dizzjunarju kienet importanti ħafna għal Dun Karm tant li d-Dizzjunarju tiegħu kien jarah bħala dak il-ktieb li qiegħed hemm l-aktar biex jgħin lill-Maltin jifhmu bl-Ingliż u fl-istess waqt jipprovdi Malti mirqum lil min ried jittraduċi. Dawn kienu wkoll, xi ftit jew wisq, l-istess għanijiet tal-lessikografi li ġew qablu li, fi kliem Dun Karm, sa mis-seklu 17 ħassew il-bżonn li jdommu dizzjunarji "għall-pajżani tagħhom biex ikunu jistgħu jfissru mhux biss bil-fomm iżda wkoll bil-kitba l-ħsibijiet tagħhom u t-tqanqil ta' qalbhom" (p. 3).[160] Dun Karm jara li lil-lessikografi ta' qablu jtihom krettu kemm fid-daħla stampata kif ukoll f'kull daħla oħra manuskritta. Dan jagħmlu

158 It-titli l-oħra fejn jissemmew iż-żgħażagħ huma: "Erba' Kelmiet ta' Qabel għaż-Żgħażagħ – Storja ta' kif tnissel il-ħsieb ta' dan id-dizzjunarju Ingliż u Malti" (Ms. 216/4 p. 11) u "Erba' Kelmiet ta' Qabel (Liż-Żgħażagħ)" (Ms. 216/4 p. 19).

159 Kif illum tinftiehem f'teoriji metalessikografiċi ewlenin bħal ta' Wiegand, kif ukoll Bergenholtz u Tarp. Ara, pereżempju, Bergenholtz u Tarp (2003).

160 L-istess ideat jidhru f'Ms. 216/4 (p. 13). Hawnhekk Dun Karm donnu jinjora s-sitwazzjoni demografika tas-sekli li jirreferi għalihom meta l-kotra tal-Maltin kienet illitterata u għalhekk, anke dizzjunarji bi pretensjoni li kienu mmirati għall-Maltin, ma setgħu qatt jaslu għandhom biex jgħinuhom jesprimu ruħhom. L-eżempju pereċċellenza hu ta' Vassalli li f'"Alla Nazione Maltese", waqt li jikteb bit-Taljan, jindirizza lill-"concittadini" u jgħidilhom li "A niun altro che a Voi consacro la presente opera ..." (*Lexicon* iii).

billi jagħti lista tad-dizzjunarji ewlenin li ndammu qabel tiegħu b'xi dettalji ħfief, ngħidu aħna dwar il-lingwi tagħhom u fejn ġew ippubblikati. Isemmi, fost oħrajn, fdalijiet ta' xogħlijiet manuskritti – fosthom ta' De Soldanis li dwaru jgħid li kien "aktarx wieħed mill-aħjar, jekk ukoll ma hux l-aħjar wieħed" [161] (p. 22) – kif ukoll dawk ippubblikati: Vassalli, Azzopardi, Vella, Falzon, Mamo, Busuttil, Caruana u Magro.

Iżda Dun Karm kien jara wkoll id-dizzjunarju minn perspettiva oħra, Romantika, li tidwi s-sentimenti patrijottiċi tiegħu kif joħorġu fil-poeżija. Dan is-sentiment iserrep matul il-biċċiet li kiteb dwar Vassalli,[162] iżda eżempju ta' dan miktub iswed fuq l-abjad jinsab f'p. 2 ta' waħda mid-daħliet manuskritti. Wara li jsemmi xi dizzjunarji li ppreċedew lil tiegħu, Dun Karm jagħraf li dawn kienu r-riżultat tar-relazzjonijiet li kellha Malta ma' pajjiżi oħra, partikolarment mal-Ingilterra. Iżda r-raġuni ewlenija għaliex indammu dawn id-dizzjunarji, fil-fehma tiegħu, kienet oħra: "[...] le, dawk kienu aktar il-frott tal-imħabba li matul is-sekulu li għadda, wara l-eżempju sabiħ ta' Mikiel Anton Vassalli, u l-aktar fis-sekulu li aħna fih, tnisslet u kibret u xegħlet għall-ilsien tagħna l-Maltin."

---

[161] F'paġni mhux numerati, bejn p. 2 u p. 4 f'Ms. 216/4, huwa u jitkellem dwar id-dizzjunarji manuskritti – jew biċċiet minnhom – Dun Karm jikteb hekk: "Wieħed minn tal-aħħar fost dawn, u aktarx l-aħjar wieħed hu d-dizzjunarju tal-Kan. Gian Franġisk Agius de Soldanis (minn Għawdex) f'erba' volumi [kelma li m'għaraftx] Malti, Latin u Taljan, Taljan u Malti, Malti Taljan li aktarx kien imħejji għall-istampa fis-sena 1750. Għalkemm dan id-dizzjunarju, li għadu jinsab fil-Biblijoteka Rjali (Ms. 143), ma kien qatt stampat ma nafux ~~il-għaliex~~."

[162] Ms. 216/4 pp. 1-2, 4, 12 u 17.

Jidher li Dun Karm kien qed jiġbor xi kummenti kritiċi dwar id-dizzjunarji ta' qablu. Fil-fatt jikkonsulta ma' ħbieb tiegħu bħal Pietru Pawl Saydon kif ukoll jirreferi għal xogħlijiet oħra. Minn ittra li kien bagħatlu Saydon,[163] Dun Karm jislet dawn il-kummenti:

> Come quello del Vella (*Dizionario Maltese-Italiano-Inglese*, Livorno 1843), del Caruana (*Vocabolario della Lingua Maltese*, Malta 1903) e i due volumi del Falzon (Vol. I *Dizionario Maltese-Italiano-Inglese*, e vol. II *Italiano-Maltese-Inglese*) erano da vario tempo fuori mercato, esauriti ...
>
> ...
>
> Da ora due parole sui pregi e difetti del dizionario del Falzon, come pure su quello di Busuttil ... Pag. ii[164] Il Dizionario del Falzon, prima di tutto non è completo e molte voci mancano, facendone il paragone con quello del Busuttil e secondo le note postille che il buon Padre Emm. Magri S.J. lascia nella sua copia in mio possesso.

Min-naħa l-oħra, f'nota dwar id-*Dizionario Maltese-Arabo-Italiano* ta' Giuseppe Barbera, Dun Karm jikteb li l-lessikografu dejjem jirreferi għall-Malti bħala djalett (p. 1). Ma nistgħux neskludu li Dun Karm ħares hu stess lejn ix-xogħol ta' Barbera,[165] madankollu jagħżel li jirfed dak li qal b'referenza għal Roudanovsky ("Quelques" xvii).

---

[163] Skont ir-referenza ta' Dun Karm (p. 1), Saydon kien bagħatlu din l-ittra fit-28 ta' Mejju 1936.

[164] Din il-paġna li jirreferi għaliha Dun Karm tista' tkun in-numru Ruman "ii" jew in-numru 11.

[165] F'diversi paġni bħal xv, 5, 7, 9, 12 u bosta oħrajn, Barbera jirreferi għall-Malti bħala djalett.

**Għeluq**

Irridu niftakru li bosta ħsibijiet imperrċa hawn fuq ma jagħmlux parti mill-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" li dehru stampati fil-paġni preliminari tad-Dizzjunarju. Dun Karm qatt ma xandarhom kif kitibhom fil-manuskritti u għalhekk għandhom jitqiesu bħala ħsibijiet li kienu għadhom qed jinħmew. Madankollu, mil-lat storiku, inħoss li għandhom ukoll l-importanza tagħhom, u forsi aktar mid-daħla li fil-fatt ġiet stampata. Dan għaliex filwaqt li d-daħla stampata kellha tiġi approvata mill-Gvern, f'dawn in-noti manuskritti jidher aktar il-ħsieb ħieles ta' Dun Karm li kiteb dak li kellu f'moħħu mingħajr ċensura ta' ħadd.

# Kummenti Kritiċi

## *Referenzi ta' xeħta kritika dwar id-*Dizzjunarju Ingliż u Malti

### Xi nkiteb sa issa

Minn hawn jew minn hemm, dejjem ingħatat xi ftit tal-attenzjoni lid-Dizzjunarju ta' Dun Karm. Fost l-ewwel kotba li fihom jissemma d-Dizzjunarju hemm *Dun Karm Ħajja u Karattru* ta' Oliver Friggieri (22-23) li jagħti żewġ paragrafi b'informazzjoni li kienet dehret fil-*Gazzetta tal-Gvern* kif ukoll fid-Daħla għad-Dizzjunarju. Paul G. Camenzuli jidħol fi ftit aktar dettall fit-teżi tiegħu *Reforms in Local Education with Special Reference to Maltese, Malta 1900-1940* għaliex minbarra li jirreferi għall-punti li Dun Karm jagħmel fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" id-Dizzjunarju, jikkwota minn ittri mibgħuta minn A.V. Laferla li kien jippresiedi l-Kumitat tad-Dizzjunarju (250-252). F'*Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu* (263-264) il-bijografu ewlieni ta' Dun Karm, Ġużè Cardona, ukoll jibbaża kitbitu fuq l-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" ta' Dun Karm, iżda jagħmel referenza għal ittra li kien kiteb lil Karmen Mikallef Buħaġar li fiha jsemmi d-Dizzjunarju. Dan jissemma wkoll fil-qosor minn Ġużè Cassar Pullicino f'*Aquilina u l-Malti* (44-45) fejn jagħti dettalji li ġabar minn Camenzuli (*Reforms*), filwaqt li jżid xi dettalji oħra bħal x'xogħol kellhom jagħmlu l-membri tas-sottokumitat li beda jgħin fil-ħidma fuq id-Dizzjunarju. Fl-istudju ta' Friggieri *Dun Karm Il-Bniedem fil-Poeta* (82-83) u *Dun Karm Poeta Nazzjonali* (22) ta'

Ġużè Cardona ma jingħad xejn ġdid dwar id-Dizzjunarju iżda Lawrenz Cachia, f'*Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali* (70-71, 85-86 ), iżid xi dettalji żgħar bħal li Franġisku Saverju Caruana kien l-aktar li għen lil Dun Karm fil-qari tal-provi tad-Dizzjunarju. Madanakollu, ftit li xejn kienu dawk li kkummentaw dwaru b'mod kritiku. L-ewwel studjuż serju li xeħet ħarstu fuqu kien Pietru Pawl Saydon. Fil-"Bibliographical Aids to the Study of Maltese" (25-26) jiddedika paragrafu għal dan id-dizzjunarju meta kienu għadhom ħarġu biss l-ewwel żewġ volumi. Jgħid li huwa traduzzjoni tat-tielet edizzjoni ta' *The Concise Oxford Dictionary* tal-1934[166] u li huwa maħsub għall-edukazzjoni ġenerali aktar milli għal studji lingwistiċi ta' livell għoli. Saydon (25) huwa tal-fehma li "The translation is fairly correct, and it is regrettable to find some wrong renderings that are apt to mislead the non-Maltese student" u jagħti sitt eżempji biex jiġġustifika l-ġudizzju tiegħu.

Saydon jolqot il-musmar fuq rasu meta jindika ċerti nuqqasijiet żgħar, ngħidu aħna meta għal "dregs of the people" jipproponi "il-karfa" li hija idjoma ferm aħjar minn "l-iskart tan-nies" li jagħti Dun Karm. Saydon jipproponi wkoll il-kelma "qana" – li dehret għall-ewwel darba fid-dizzjunarju ta' De Soldanis – bħala tifsira għal *duct* li Dun Karm jiddefiniha bħala "kanal", "katusa" u "tubu". Għal *easeful* Dun Karm jagħti "medhi" filwaqt li Saydon jippreċiża li t-tifsira kellha fil-fatt tkun "hiedi"; għal *eczema* Dun Karm jagħti "ekżema; infjammazzjoni tal-ġilda ta' bosta suriet; żbroff" filwaqt li Saydon ifakkar li l-aktar kelma xierqa bil-Malti hija "ħżieża".

[166] L-isem sħiħ huwa *The Concise Oxford English Dictionary of Current English*.

Iżda fiż-żewġ eżempji l-oħra Saydon kien aktarx sever iżżejjed fil-ġudizzju tiegħu. Jinnota, pereżempju, li t-tifsira ta' *eclipse* (verb) hija "kifes" u li Dun Karm ma jagħtihiex. Iżda la jsemmi li l-għerq k-f-s kien diġà trattat fl-entrata ta' *eclipse* bħala nom (definita bħala "kifsa, kfis tax-xemx, tal-qamar, eċċ. [...]") u lanqas li fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (iv) Dun Karm jikteb ċar u tond li ċerti "tifsiriet laterali" għandu jasal għalihom l-utent minn partijiet oħra tad-diskors. Jirrimarka wkoll li fost it-tifsiriet ta' *alive*, Dun Karm jagħti "dehwien" li skont Saydon tfisser "distracted". Hawn Saydon jagħżel li jiffoka biss fuq tifsira waħda ta' "dehwien" u ma jagħtix importanza lit-tifsira miġbura (aktar tard) minn Erin Serracino-Inglott bħala "mitluf, attent f'li qed jgħid jew jagħmel bla ma jqis aktar lil ta' madwaru" li toqrob xi ftit lejn it-tifsira ta' "active, brisk [...]": waħda mit-tifsiriet li jagħti l-*Oxford* tal-1934.

Saydon jikteb li "such mistranslations are not numerous" imbagħad jirreferi lill-qarrejja tiegħu għall-kummenti introduttorji li fl-istess kitba jagħmel dwar id-*Dizionario italiano-inglese-maltese* li ħareġ Falzon fl-1882. Dan għaliex fi kliemu d-dizzjunarji mill-Ingliż jew mit-Taljan għall-Malti jaqsmu, xi ftit jew wisq, dawn l-istess tliet difetti:

1. Meanings that are mere transliterations of foreign words with a Maltese ending and that do not actually exist in Maltese;
2. periphrastic and explanatory renderings instead of one-word equivalents which do not exist;
3. synonymous renderings that are not the exact equivalents of their English or Italian corresponding words.

Ma kienx l-iskop tal-kitba ta' Saydon li jipproponi s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi reali – flimkien ma' oħrajn[167] – li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-lessikografi Maltin. Madankollu l-ewwel punt li jsemmi, illum huwa magħruf bħala mod kif lingwa tista' tkattar il-ħażna lessikali tagħha. Mingħajr dan il-mekkaniżmu, fil-Malti ma jkollniex verbi ta' nisel mhux-Semitiku (bħal "kkowċja", "ssejvja" u "ffajlja") kif ukoll kliem ieħor bħal "esplojtazzjoni", "ttestjar" u "batterjoloġija".

Il-punti l-oħra ta' Saydon jiffukaw fuq il-problema iebsa u perenni tal-ekwivalenza, diskussa kontinwament fil-kamp tat-teorija tal-lessikografija.[168] Il-kritika hi li l-lessikografi Maltin – Dun Karm magħhom – mhux dejjem jagħtu ekwivalenti preċiżi u saħansitra jużaw parafrażijiet u mekkaniżmi oħra minflok ma jagħtu l-kelma ekwivalenti tant meħtieġa, avolja Saydon stess diġà jammetti li jaf ikun hemm "one-word equivalents which do not exist." Minkejja dan, huwa propju hawn fejn Dun Karm jiġi kkritikat l-aktar, mhux biss fl-aħħar żewġ punti ta' Saydon imma anki minn oħrajn li kkummentaw fuq id-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*.

---

167 Ara, ngħidu aħna "The Problems of a Bilingual Dictionary" ta' J. Aquilina.

168 Ara, ngħidu aħna, Gouws u Prinsloo *Principles and Practices of South African Lexicography* 2005, pp. 154-163; Duval, Alain, "L'équivalence dans le dictionnaire bilingue" f'*Dictionaries. An International Encyclopedia of Lexicography*, Walter De Gruyter 1991, pp. 2817-2823; Hans-Peder Kromann/Theis Riiber/Poul Rosbach, "Principles of bilingual lexicography" f'*Dictionaries. An International Encyclopedia of Lexicography*, Walter De Gruyter 1991, pp. 2711-2728; Schnorr, V. "Translational Equivalent and/or Explanation? The Perennial Problem of Equivalence" f'*Lexicographica* vol. 2. 1986, pp. 53-60.

Ngħidu aħna fil-paġni preliminari tal-*Maltese-English Dictionary* (1987), Ġużè Aquilina (xxv-xxvi) jiddedika ftit linji biex jgħaddi dawn il-kummenti:

> Psaila's dictionary is comparatively the most comprehensive bilingual dictionary but it is not free of an unjustifiable reluctance to adopt words which, though not current in spoken Maltese, are inevitable in certain literary, cultural and scientific contexts. Psaila uses unacceptable periphrasis instead, but roundabout expressions instead of single words are not adequate tools for a precise and concise self-expression. Nonetheless, his dictionary is an improvement on that of Busuttil.[169]

Studjuż ieħor li għamel referenza għad-Dizzjunarju ta' Dun Karm huwa Dionisius Agius. Dan iserraħ ħafna fuq il-kummenti ta' Aquilina u bħalu jafferma li x-xogħol ta' Dun Karm huwa dizzjunarju bilingwi komprensiv ibbażat fuq *The Concise Oxford Dictionary* u jissottolinja l-istess punt dwar il-parafrażijiet: "One problem, however, is that Dun Karm's rendering of words is often periphrastic." (176)

---

[169] Din il-pożizzjoni hija pjuttost kuntrarja għal dik li l-istess Aquilina kien ħa fl-artiklu "Maltese Lexicography" tal-1953. Hemmhekk kien innota li bosta dizzjunarji Maltin jagħtu biss it-tifsir minimu tal-kliem u ma jkoprux tajjeb biżżejjed is-semantika. Iżda jsemmi d-dizzjunarji ta' Busuttil u ta' Dun Karm – flimkien ma' ta' De Soldanis, ta' Vassalli u ta' Caruana li ġew qabilhom – bħala eċċezzjonijiet. Aquilina wkoll isemmi li d-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* ta' Dun Karm huwa mibni fuq il-*Concise Oxford Dictionary* u jagħraf li "[...] has admitted all actual and even likely loan-words without bias."

Riflessjoni ftit aktar fit-tul hija dik li jagħmel Ġużè Diacono fil-paġni preliminari tad-*Dizzjunarju Ingliż-Malti* (i-x) li ħareġ f'ħames volumi fl-1991. Diacono jistqarr li sejjes id-dizzjunarju tiegħu fuq ta' Dun Karm iżda jgħid li mbagħad għamel bosta tibdil mhux biss fil-kontenut u fil-format iżda wkoll billi daħħal aktar lemmi tant li "fid-daqs dan id-dizzjunarju jilħaq ftit anqas mid-doppju ta' dak ta' Psaila." (i)

Diacono (i-ii) jgħid li fid-dizzjunarju tiegħu żied, fost ħwejjeġ oħra, "kliem", "termini fi gruppi ta' żewġ kelmiet jew aktar" kif ukoll "tifsiriet" u "applikazzjonijiet ta' kliem stabbilit fil-lingwa Ingliża" li jew tħallew barra minn Dun Karm jew daħlu fl-Ingliż mindu ħareġ id-Dizzjunarju. Fost titjib ieħor li Diacono (iii) jsostni li għamel fuq Dun Karm hemm dak fil-preżentazzjoni tal-entrata għaliex filwaqt li tal-ewwel jagħti t-tagħrif kollu dwar lemma f'entrata waħda – li xi drabi ħtieġ li tkun twila – l-ieħor jaqsam xi entrati twal f'paragrafi, kif jagħmel, ngħidu aħna, fil-każ tal-verbi frażali.

Diacono jagħraf li xi drabi Dun Karm ma kellux għażla oħra ħlief li jagħti d-definizzjoni ta' kliem Ingliż li la hemm kelma ekwivalenti għalih bil-Malti u lanqas xi kelma oħra missellfa. Minkejja dan, jingħaqad ma' Aquilina (xxv-xxvi) fiż-żewġ punti ewlenin tal-kumment kritiku tiegħu. Fi kliem Diacono:

> Psaila ħalla barra mid-dizzjunarju tiegħu ħafna kliem ta' nisel barrani, speċjalment kliem Rumanz u Anglo-Sassonu, missellef mit-Taljan/Sqalli u mill-Ingliż, u ta' kull darba nqeda bi frażi, perifrażi jew imqar b'sentenza, xi drabi saħansitra mqanżħa jew imġebbda, minflok bil-kelma ta' nisel barrani, biex jagħti l-ekwivalent Malti. (i)

F'*Id-Dizzjunarji Maltin* (34-35) Victor Privitera straħ għalkollox fuq dak li kiteb Saydon u fil-fatt jikkwotah estensivament. Dwar l-għażliet lessikali tal-lessikografu, Privitera jikkonkludi li "Dun Karm daħħal kliem ġdid li kien għadda fl-ilsien Malti imma ħalla barra kliem li kien għadu ġdid wisq biex tista' tgħid li daħal sew fil-Malti." (35)

Joseph Brincat (322-323) ukoll jagħmel referenza għad-Dizzjunarju ta' Dun Karm. Jikkwota minn dak li kiteb Aquilina fl-1953 u għalhekk, mil-lat kritiku ma jżid xejn. Madankollu jipprovdi kuntest usa' u ma jħarisx lejn ix-xogħol lessikografiku ta' Dun Karm f'iżolament. Brincat jirreferi għal studji ta' konkordanza li saru fuq il-poeżiji ta' Dun Karm u jikkonkludi li fil-poeżiji tiegħu kien joqgħod ferm aktar attent li juża Malti Semitiku milli f'kitbiet oħra bħall-esejs, l-ittri privati u fuq kollox id-Dizzjunarju. Huwa (322) tal-fehma li:

> The distinction he made between literary language and practical language, between writing and speech, is particularly evident in his *English-Maltese Dictionary* (1936-1955), which was based on the *Concise Oxford Dictionary*. Here Dun Karm recorded all the actual or virtual Romance words without any etymological scruples (Aquilina 1961:70). (322)

Brincat (322-323) ifakkar li d-Dizzjunarju ta' Dun Karm kien qed jindamm fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin meta l-Malti [miktub] kien għadu qed "jinbena". Minkejja dan, Brincat isostni li fih ta stampa realistika tal-kompożizzjoni tal-lessiku Malti, kif għamel fil-*Maltese-English Dictionary* aktar tard Aquilina f'fażi aktar matura tal-lingwa "when the battle was lost and won."

## Il-punti ewlenin f'dawn il-kitbiet kritiċi

Minn dawn il-kummenti kritiċi dwar id-Dizzjunarju ta' Dun Karm jistgħu jinsiltu tliet punti ewlenin. Dawn huma li Dun Karm:

1. ibbaża d-Dizzjunarju fuq *The Concise Oxford English Dictionary of Current English* (1934);
2. irrikorra għall-parafrażi anke meta ma kienx meħtieġ;
3. ħalla barra mid-dizzjunarju ħafna kliem Malti ta' nisel li mhuwiex Semitiku.

Billi l-intenzjoni tiegħi f'dan l-istudju mhijiex li nagħmel studju kritiku estensiv fuq id-Dizzjunarju ta' Dun Karm, se nillimita ruħi li nistħarreġ fi ftit dettall dawn it-tliet punti.

### *Stħarriġ dwar tliet punti ewlenin li joħorġu mill-kitbiet kritiċi*

## Is-sisien tad-Dizzjunarju ta' Dun Karm

Fl-"Unpublished Maltese Dictionaries" tal-1947 (134-136) Ġużè Cassar Pullicino jinkludi nota li kien għaddielu Ninu Cremona dwar l-istorja ta' dizzjunarju manuskritt li Salvatore Mamo kien damm wara dak li stampa fl-1885.[170] Cremona jikteb li meta l-Malti beda dieħel fil-qrati u fl-iskejjel, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħa ħsieb li jaħtar kumitat biex idomm dizzjunarju

[170] Għal kitba li tistħarreġ dak li fadal mid-DMM ara l-artiklu tiegħi "Sittax-il Folja mid-Dizzjunarju Manuskritt Mitluf ta' Salvatore Mamo" f'*Leħen il-Malti*, Għaqda tal-Malti – Università, 2023.

modern Ingliż-Malti u Malti-Ingliż miktub bl-alfabett tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Id-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo (DMM) kellu jservi bħala bażi għad-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* (DIM) u għalhekk Franġisku Saverju Caruana bħala Segretarju ta' dan il-kumitat, kien inkarigat jittajpja d-DMM u jqassmu lill-bqija tal-membri tal-Kumitat tad-Dizzjunarju biex bejniethom jirrikumpilaw id-dizzjunarju l-ġdid tal-Gvern "based on Webster's English Dictionary in the English-Maltese part, on an Oxford Dictionary lexical basis" (136).

Kif nafu, eventwalment ix-xogħol fuq id-dizzjunarju l-ġdid ġie fdat f'idejn Dun Karm. Cremona josserva li "it seems that Mgr Psaila has lately been working on the dictionary without the help of Mamo's script, which, during the War, was buried under the debris of the Education Office (Auberge de France), which was completely destroyed by enemy action" ("Unpublished" 136). Dan jikkonfermah ukoll Dun Karm fl-"Erba' Kelmiet Qabel" li jikteb biex jippreżenta d-DIM. Dun Karm (Dizzjunarju, ii) jgħarraf lill-qarrejja tiegħu li kien twaqqaf kumitat biex jikkompila d-DIM u li l-Kumitat kien qatagħha li dan id-dizzjunarju kellu jissejjes fuq "il-manuskritt tad-dizzjunarju ta' Salvatore Mamo" (Dizzjunarju, ii) li l-Professur Augustus Bartolo kien xtara f'żewġ volumi mingħand Dr R. L. Casolani. Dan mhux qabel ma tiġi riveduta l-ortografija ta' dan il-manuskritt u jsirulu t-tibdiliet u ż-żidiet meħtieġa. Ix-xogħol kien inbeda b'dal-mod u f'Lulju u Settembru tal-1936 kienu laħqu ħarġu l-ewwel żewġ faxxikli.[171] Iżda, minbarra l-Gwerra, ix-xogħol fi ħdan kumitat ġab miegħu bosta diffikultajiet u għalhekk ix-xogħol tad-DIM għadda f'idejn Dun Karm li jikkonferma l-impressjoni ta' Cremona meta

[171] Ara t-taqsima tal-kronoloġija, p. 127

jgħarrafna li kompla jdomm id-dizzjunarju "fuq sisien oħra" (Dizzjunarju, ii).

Minkejja li Dun Karm jgħid li ma setax ikompli fuq id-DMM minħabba li ntilef fil-Gwerra, kmieni f'Jannar tal-1937 kien diġà kiteb li "... the dictionary on the present footing i.e. with a fair number of living idioms translated as properly as can be into Maltese was earnestly started early in January last."[172] Dan jista' jfisser li minn meta Dun Karm qabad jaħdem waħdu, telaq id-dizzjunarju ta' Mamo u beda jibbaża d-Dizzjunarju tiegħu "fuq sisien oħra".

Raġuni possibbli għal din l-għażla hi li meta x-xogħol tal-kompilazzjoni tad-DIM intreħa f'idejh, dan ħassu aktar ħieles li jsejjes fuq xogħol ieħor li deherlu aqwa, billi ma jidhirx li Dun Karm kien iqis id-DMM bħala tajjeb biżżejjed. Dan jidher diġà f'ittra li kiteb lil Laurent Ropa fi Frar tal-1935[173] fejn jistqarr li "La questione del dizionario Maltese è assai seria. Un dizionario buono e completo ancor non c'è." Xi ħaġa li jistqarrha anki fl-Editorjal ta' *Il-Malti* tal-1936 meta jgħid li "bosta nies li jħobbu l-Malti" kienu jħossu li "ma hawnx dizzjunarju tajjeb li, filwaqt li jagħtik il-vokabolarju kollu tal-ilsien Malti, jagħtik ukoll is-suriet kollha li kelma tista' tieħu u l-frażijiet li jitnisslu minnha, bit-tifsir tagħhom" ("Dizzjunarju Malti" 71).[174] Imbagħad fl-1947,

172 Ara t-taqsima tal-kronoloġija, p. 129.

173 Ara t-taqsima tal-kronoloġija, p. 123.

174 Hawn ma rridux ninsew li minbarra l-Manuskritt ta' Mamo kien hemm ukoll żewġ dizzjunarji oħra Ingliż-Malti: ta' Vincenzo Busuttil (1900), u l-ewwel parti (mill-A sal-L) ta' Magro (1903) li Dun Karm kellu aċċess għalihom ukoll.

għalkemm indirettament, jirreferi għax-xogħol ta' Mamo bħala "daqsxejn ta' vokabolarju Ingliż u Malti" (Dizzjunarju, ii).

Dun Karm ma jiddokumentax fuq liema xogħol jew xogħlijiet sejjes id-DIM. Madankollu, rajna li Cremona jsemmi l-*Webster* u l-*Oxford* filwaqt li Saydon – li bħal Cremona kien membru fil-Kumitat tal-istess Dizzjunarju – jgħarrafna li d-Dizzjunarju ta' Dun Karm huwa traduzzjoni tal-*Oxford* tal-1934. Dan il-punt ta' Saydon, imbagħad, jirrepetuh oħrajn li kitbu warajh bħal Aquilina, Privitera, Camenzuli, Agius u Brincat. Minkejja dan, sa issa għad ma hemm xejn x'jirfed dawn l-asserzjonijiet u fil-fatt ma nafux hemmx biżżejjed xebh bejn l-*Oxford* u d-Dizzjunarju ta' Dun Karm biex nistabbilixxu b'mod aktar sod li Dun Karm sejjes xogħlu fuqu. Lanqas ma nafu hemmx xebh biżżejjed bejn l-ewwel faxxikli tad-DIM u l-paġni korrispondenti mid-DMM biex nistgħu ngħidu li għall-bidu, id-Dizzjunarju ta' Dun Karm issejjes fuq ta' Mamo. Dawn l-aspetti se jiġu mistħarrġa fid-dettall aktar 'l isfel.

## Ir-relazzjoni bejn id-DMM u d-DIM

Dan l-istudju ktibtu qabel l-2023, meta Steve Borg ta' Malta Libraries irkupra d-Dizzjunarju Manuskritt l-oriġinali ta' Salvatore Mamo. Għalhekk ibbażajt il-parti li jmiss fuq sittax-il folja li Franġisku Saverju Caruana kien ikkopja mid-DMM biex ikunu jistgħu jifluhom il-bqija tal-membri tal-Kumitat li kellu jikkompila d-DIM. Sakemm jiġi ppubblikat id-DMM, dawn il-folji huma l-uniċi li ġew ippubblikati mid-DMM (*Leħen il-Malti*, 2023) u għalhekk jistgħu jgħinuna nistħarrġu x'elementi komuni hemm bejn id-DMM u d-DIM. Minbarra kopja tal-Prefazju tad-DMM, hemm ħmistax-il folja bl-entrati minn *Anglomania*

sa *Appeasively*. L-entrati korrispondenti fid-DIM jinsabu bejn paġna 23 u paġna 28. Dawn jagħmlu parti mill-ewwel żewġ faxxikli li kienu ħarġu fl-1936 u għalhekk, skont Dun Karm, huma msejsa fuq id-DMM.

Biex inkun nista' nagħmel dan l-istħarriġ, segwejt dan il-proċess:

1. Ikkumpilajt lista tal-lemmi kollha li jaqgħu bejn *Anglomania* u *appeasively* fiż-żewġ dizzjunarji (appendiċi, tabella 1).
2. Rajt liema lemmi jkopri d-DMM u ma jkoprihomx id-DIM (appendiċi, tabella 2).
3. Rajt liema lemmi jkopri d-DIM u ma jkoprihomx id-DMM (appendiċi, tabella 3).
4. Rajt liema lemmi huma koperti kemm mid-DMM u mid-DIM u osservajt ix-xebh u d-differenzi f'dawn l-entrati komuni.

**Kelmtejn ġenerali**

Minn total ta' 355 lemma miġbura miż-żewġ dizzjunarji, id-DMM jagħti 84 (24%) li ma jidhrux fid-DIM. Imbagħad hemm 50 (14%) li jidhru fid-DIM imma mhux fid-DMM filwaqt li hemm 221 (62%) lemma li jidhru kemm fid-DIM u kemm fid-DMM, kif jidher fl-ewwel figura.

Figura 1 turi li l-maġġoranza assoluta tal-lemmi nsibuhom fiż-żewġ dizzjunarji u għalhekk mal-ewwel daqqa t'għajn diġà jidher li hemm ċerta qrubija bejn id-DIM u dak li wasal għandna mid-DMM, tal-inqas fl-għażla tal-lemmi. Huwa minnu li l-lessikografi għamlu l-għażliet tagħhom dwar x'lemmi jiddefinixxu u x'ma




Figura 1: It-tqassim tat-355 lemma fid-DMM u d-DIM

jiddefinixxux iżda tabelli 2 u 3 juru li fin-nuqqas ta' definizzjoni, jikkumpensaw mod ieħor: fil-fatt aktarx ikunu diġà ddefinixxew lemmi mill-istess familja li għalkemm ikunu ta' parti tad-diskors differenti, jokkupaw spazju lessikali simili.

Ngħidu aħna, għalkemm id-DIM ma jagħtix il-lemma *aortal*, jagħti *aorta* u *aortic*; u għalkemm ma jagħtix *anthropological*, jagħti *anthropology*, *anthropologic*, *anthropologically*. Imbagħad xi drabi jagħti d-definizzjoni ta' aġġettivi bħal *merry* filwaqt li ma jiddefinixxix avverbji bħal *merrily* għaliex jassumi li l-utenti għandhom jaslu waħidhom għal tifsir bħal dan. Dwar għażliet bħal dawn Dun Karm jgħarraf lill-utenti tad-DIM (iv) li:

> Filwaqt li jiena fissirt dejjem bir-reqqa meħtieġa l-verbi, in-nomi u l-aġġettivi, mhux dejjem fissirt l-avverbji, il-partiċipji preżenti u n-nomi astratti. F'dawn jien fittixt li nżomm it-triq tan-nofs, għax li tfissirhom kollha kien jiswa ħafna xogħol żejjed u tul fl-istampa; li ma tfisser xejn minnhom ma kien ikun ta' ebda għajnuna liż-żgħażagħ li għad ma humiex imħarrġin biżżejjed fit-tiswir grammatikali tagħhom u fix-

xejriet imżewqa li l-avverbji u n-nomi astratti jistgħu jieħdu mis-sensi laterali tal-verbi u tal-aġġettivi. Għalhekk, fejn is-sens tal-avverbju u tan-nom astratt jidher ċar mis-sens tal-verb jew tal-aġġettiv, jiena aktarx daħħalt il-kelma Ingliża u ħallejt li l-qarrej jifhimha u jfissirha minn rajh. Fejn imbagħad is-sens tal-avverbju u tan-nom astratt jidher ftit u xejn moħbi, jien fittixt li nagħti t-tifsira tagħhom bil-Malti u, kemm jista' jkun, f'sura Maltija. Għalhekk l-avverbji u n-nomi astratti li ġejjin mill-aġġettivi *bland*, *bright*, *clever*, *cruel* u minn ħafna oħra bħal dawn issibuhom fil-forma Ingliża, iżda bla tifsir bil-Malti. Iżda l-avverbji u n-nomi astratti li ġejjin mill-aġġettivi *foul*, *frail*, *immutable*, *intrepid*, *musical*, *nasal*, *relative*, *reciprocal* u oħrajn, jidhru fid-Dizzjunarju bit-tifsir bil-Malti u xi drabi b'żewq ta' frażijiet. Issibu wkoll bit-tifsir Malti n-nomi astratti eċċ. li ġejjin minn verbi, bħalma huma *abrasion*, *agitation*, *completion*, *interdependence*, *internment* eċċ.

Minkejja dan, xorta waħda hemm 27 lemma (minn 305 li jagħti Mamo) li mhuma milquta b'ebda mod mid-DIM. Fost dawn hemm xi wħud bħal *angust*, *anileness* u *antidotary* li l-użu tagħhom hu aktarx rari; iżda hemm ukoll kliem relattivament komuni bħal *anorexy*, *antalgic*, *antecessor*, *antifebrile*, *antepast* u *antiphrasis* li kellhom jiġu inklużi jekk id-DIM kellu jkun aħjar minn dak ta' Mamo. Hekk sar, fil-fatt, fil-każ ta' lemmi bħal *antenatal*, *anti-aircraft*, *antiseptic*, *antonym*, *ANZAC*, *aorist* u oħrajn li jissuġġerixxu li minbarra d-DMM, il-Kumitat tad-Dizzjunarju diġà kien qed iħares lejn xogħlijiet oħra fosthom il-*Concise Oxford Dictionary* tal-1934.

## Analiżi ta' kampjun ta' entrati komuni fid-DMM u d-DIM

Analiżi tal-kampjun rappreżentattiv[175] ma tħallix dubju dwar ix-xebh kbir li hemm bejn id-DMM u d-DIM. Mill-kampjun sħiħ, huwa biss f'entrata waħda[176] fejn ma hemm ebda xebh bejn iż-żewġ dizzjunarji. Dan jammonta għal ftit inqas minn 2%. Fi 11% tal-entrati[177] x-xebh huwa minimu; iżda f'87% tal-entrati tal-kampjun ix-xebh huwa wieħed sostanzjali tant li f'16% tal-kampjun[178] l-entrati huma identiċi. Imbagħad hemm 33% tal-entrati tal-kampjun fejn id-differenzi huma tassew minimi, ngħidu aħna ta' kelma jew espressjoni 'l hawn u 'l hemm.[179] Dan ifisser li 49% tal-entrati komuni bejn iż-żewġ dizzjunarji huma jew identiċi jew ivarjaw biss bi ftit.

Imbagħad hemm il-bqija tal-entrati li xorta waħda fihom xebh sostanzjali iżda li fihom il-Kumitat tad-Dizzjunarju għażel li jnaqqas jew iżid kliem, espressjonijiet u tifsiriet għal raġunijiet differenti. Ngħidu aħna jħalli barra l-kelma arkajka *għati* li Mamo jġib taħt *annuity*; jeskludi *fiet* mill-entrata ta' *anticipate*; *tqaddam* mill-entrata ta' *appear*; *tihdija* mill-entrata ta' *appeasement*. Eċċezzjoni għal din it-tendenza hija l-każ ta' *rasul* li Mamo jagħti għal *apostle* u li tidher ukoll fid-DIM. Xi drabi l-Kumitat ipprefera jħalli barra kelmiet Rumanzi li jagħti Mamo. Ngħidu

175 Ara Tabella 4 tal-appendiċi.

176 *Anus*.

177 *Anonymous*, *answer (n)*, *antithesis*, *anyhow*, *aorta* u *apocalypse*.

178 *Anglomania*, *animadversion*, *animate*, *antepenult*, *anthropology*, *antidotal*, *antipapal*, *apiece* u *apostrophic*.

179 *Annals*, *announce*, *annual*, *annuity*, *Antarctic*, *antechamber*, *antemeridian*, *anthology*, *antiquary*, *apace*, *ape*, *apex*, *apocrypha*, *apologize*, *apparatus*, *appeal (n)*, *appear* u *appeasement*.

aħna, filwaqt li għal *annex* Mamo jagħti *annetta*, il-Kumitat jagħżel li din iħalliha barra u minflokha jżid *għaqqad*. Bl-istess mod, fl-entrata ta' *announce* titħalla barra l-kelma *annunzja* li kien ta Mamo. Fi 19-il entrata mill-kampjun[180] (35%) jidher ċar li fit-tibdil jew żidiet li għamel il-Kumitat hemm xebh inkonfutibbli mal-*Concise Oxford Dictionary* tal-1934.

Għaldaqstant, abbażi tat-tqabbil li sar bejn kampjun rappreżentattiv tal-entrati komuni bejn il-folji li waslu għandna mid-DMM u l-paġni korrispondenti mid-DIM, jidher ċar kristall ix-xebh bejn iż-żewġ partijiet u l-evidenza turi li tabilħaqq, kif jistqarr Dun Karm stess fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" tad-DIM, l-ewwel faxxikli tad-Dizzjunarju kienu bbażati fuq id-DMM. Minkejja dan, ma hemm ebda dubju li l-Kumitat tad-Dizzjunarju kien qed iqabbel id-DMM mal-*Oxford* u jsejjes il-bidliet u l-aġġornamenti meħtieġa fuqu.

L-influwenza tal-*Oxford* tinħass anke fil-mod identiku li bih huwa ppaġnat id-DIM. Iżda, fuq kollox, tqabbil sporadiku kemm tal-lista ċentrali tal-lemmi tal-istess dizzjunarji kif ukoll tal-kontenut tal-entrati juri li, anke li kieku d-DMM ma ntilifx fil-gwerra, l-*Oxford* xorta waħda kellu influwenza fundamentali fit-tiswir tad-DIM ta' Dun Karm.

---

180 *Angular*, *animus*, *annual*, *annuity*, *annulose*, *anodyne*, *anonymous*, *answer (v)*, *antichrist*, *antiquary*, *antithesis*, *anyhow*, *aorta*, *apartment*, *ape*, *apocalypse*, *apostrophe*, *apparent* u *appearance*.

## L-ekwivalenza u l-parafrażi

Id-dizzjunarju monolingwi tradizzjonalment iserraħ ħafna fuq il-parafrażi biex ifisser il-lemmi. Min-naħa l-oħra d-dizzjunarju bilingwi jiffoka aktar fuq kif ħa jipprovdi espressjonijiet ekwivalenti bejn il-lemma fil-lingwa-sors u l-lingwa fil-mira. Skont Gouws u Prinsloo (151) meta l-utenti jikkonsultaw dizzjunarju bilingwi, dawn aktarx jassumu li d-dizzjunarju se *jfissrilhom* il-lemma tal-lingwa-sors bil-lingwa fil-mira u bilkemm jirrealizzaw li ħafna drabi, kulma joffrilhom id-dizzjunarju huwa biss lista ta' kliem ekwivalenti (152) li, fuq kollox, m'għandux jitqies bħala t-tifsira tal-lemma iżda bħala espressjonijiet li jittraduċu ċertu tifsir f'ċerti sitwazzjonijiet (153). Imbagħad f'idejn il-lessikografi biex jiggwidaw lill-utenti liema huma t-tifsiriet li jgħoddu għalihom skont il-kuntest tal-lingwa fil-mira.

Għalhekk, dizzjunarju bilingwi jimmira għall-ekwivalenza. Iżda, kif ifissru diversi studjużi, l-ekwivalenza hija fenomenu gradabbli. Adamska-Sałaciak (4), ngħidu aħna, taqsamha f'erba' kategoriji:

(i) konjittiva (semantika, sistematika, prototipika, kunċettwali, dekuntestwalizzata, nozzjonali)
(ii) traduttiva (kuntestwali, sostitwibbli, testwali, li tidħol sewwa fit-traduzzjoni)
(iii) spjegattiva (deskrittiva)
(iv) funzjonali (sitwazzjonali, diskursiva, dinamika, prammatika, komunikattiva).

Oħrajn bħal Gouws u Prinsloo (159) jifirdu bejn ekwivalenza sħiħa (eż. triangle – trianglu; door – bieb); parzjali (eż. chair – siġġu; womanhood – adultezza) u ekwivalenza-zero (eż. fil-

Malti m'għandniex ekwivalenti għall-kelma *geyser* jew *tundra*). Dan ifisser li filwaqt li l-lessikografi għandhom jimmiraw għall-ekwivalenza, fil-fatt mhux dejjem possibbli li din tintlaħaq. Partikolarment fejn ma hemmx ekwivalenza perfetta – minħabba l-anisomorfiżmu[181] – ħafna drabi l-lessikografi jirrikorru għal mekkaniżmi differenti. Adamska-Sałaciak (7) tinnota li ħafna drabi d-dizzjunarji jagħtu:

(i) żewġ kelmiet jew aktar li bejniethom ikopru t-tifsir kollu tal-lemma (eż. *fellow* – sieħeb; xrik; kumpann; pariġġ)[182]
(ii) parafrażi (eż. *fellow* – bniedem, ħaġa tal-istess klassi ma' ieħor, ma' oħra; student f'kulleġġ; membru f'kunsill ta' Università, akkademja, eċċ.)
(iii) estensjoni tal-lemma f'sentenza (u allura b'tifsira aktar ristretta) u t-traduzzjoni tagħha
(iv) kontroparti kulturali (eż. *Christmas box* – Strina)
(v) l-ekwivalenti (parzjali) flimkien ma' tifsira jew nota (eż. *stocktaking* – inventarju tal-merkanzija).

Minbarra dawn il-mekkaniżmi, li f'Gouws u Prinsloo (159) jitqiesu bħala *ekwivalenti surrogati*, l-istess studjużi jinnotaw ukoll li xi lessikografi jirrikorru għas-self dirett mil-lingwa sors għal-lingwa fil-mira.

---

181 Zgusta, L. f'*Manual of Lexicography* (p. 294) jiddefinixxi l-anisomorfiżmu bħala "the differences in the organization of designate in the individual languages and by other differences between languages."

182 L-eżempji kollha ta' ġol-brackets huma misluta mid-*Dizzjunarju Ingliż u Malti*.

**Liema strateġiji ħaddem Dun Karm?**

Bil-kontra ta' kif ħafna drabi tpinġa, id-Dizzjunarju ta' Dun Karm sikwit jipprovdi l-ekwivalenti konjittivi jew traduttivi li jgħinu ħafna lil min juża d-dizzjunarju b'għanijiet produttivi, ngħidu aħna fit-traduzzjoni. Interessanti ħafna li f'dawn il-waqtiet il-lessikografu żamm f'moħħu wkoll lill-utenti li l-iskopijiet tagħhom huma aktar riċettivi, u allura aktarx se jużaw id-dizzjunarju biex jifhmu tajjeb bil-Malti test bl-Ingliż. Għal dawn l-utenti l-ekwivalenti *akkademja* għal *academy* u *ballistika* għal *ballistics* mhumiex se jkunulhom wisq ta' għajnuna biex jifhmu test bl-Ingliż. Għalhekk, Dun Karm jagħżel li filwaqt li jipprovdi kelma jew kelmiet ekwivalenti għal-lemma bl-Ingliż, jagħti wkoll definizzjoni tajba biżżejjed biex titwettaq il-funzjoni reċettiva tad-Dizzjunarju.

Dawn l-artikli huma abbundanti u għalhekk dawn t'hawn isfel huma mistlutin biss bħala eżempju:

| lemma | entrata |
|---|---|
| **academy** | **Akkademja**[183] (xirka ta' għorrief); dar ta' tagħlim għoli. Fin-nisel tagħha din il-kelma kienet tfisser ġnien kbir maġenb Atene fejn il-filosfu Platone kien jgħallem il-filosofija tiegħu. |

[183] Il-bold ma jintużax fid-dizzjunarju u qed nużah biss biex tidher aħjar l-ekwivalenti Maltija.

| | |
|---|---|
| **ballistics** | **Ballistika** (tagħlim fuq ix-xħit tal-ġebel jew ta' balal sewwa bil-wadab u sewwa bil-kanuni żgħar). |
| **cinquecento** | (kelma Taljana) **Ċinkweċento**, stil ta' arkitettura li deher fl-Italja dwar l-1500; fl-Ingilterra jgħidulu *Elizabethan style*, stil ta' żmien Eliżabetta. |
| **dragon** | **Dragun** (serp jew kukkudrill tal-ħrafa bil-ġwienaħ u d-difrejn u jitfa' n-nar man-nifs) [...] |
| **epicentre** | **Epiċentru**, il-pont li jiġi sewwasew fuq iċ-ċentru ta' theżżiża, terremot. |
| **exempt** (a. & n.) | **eżenti**, ħieles minn (taxxa, kontroll eċċ); (n.) bniedem eżenti, l-aktar minn xi taxxa. |
| **femminism** | **Femminiżmu**, difiża ta', żamma ma', l-opinjonijiet u l-politika ta' xi nisa u ta' xi rġiel li n-nisa għandhom ikollhom l-istess jeddijiet tal-irġiel fil-politika, fil-liġi u f'materji soċjali. |
| **fiord** | **Fjord**, daħla twila u dejqa tal-baħar bejn ħitan ta' blat għoli, fin-Norveġja u f'xi pajjiżi oħra. |
| **glazier** | **Vitrar**. |
| **graphical** | **Grafiku**; tad-disinn, tal-pittura, tal-inċiżjoni, eċċ. deskritt li donnu ħaj; pinġut bir-reqqa kollha; magħmul, imfisser b'dijagrammi jew ħżuż simboliċi. |
| **hamlet** | **Rħajjel**; raħal żgħir li mhux parroċċa u jagħmel ma' raħal ieħor akbar. |

| | |
|---|---|
| **hammock** | **Branda**; sodda, għamla ta' benniena, użata l-aktar abbordijiet [...] |
| **holograph** | **Olografu**, dokument miktub kollu minn idejn il-persuna li għandha isimha fih. |
| **hypnosis** | **Ipnosi**, rqad artifiċjali; stat ta' min hu mraqqad bl-ipnotiżmu. |
| **instrument** | **Strument**; għodda li biha ssir xi ħaġa; persuna li taqdi bħala għodda; dokument aktarx legali [...] |
| **jaguar** | **Ġagwar**, annimal aħrax, ittigrat, mill-ġens tal-qattus, aktarx fl-Amerika t'Isfel u tan-Nofs. |
| **jubilee** | **Ġublew**; (storja tal-Lhud) festa tal-ħelsien li ssir kull ħamsin sena; (fil-Knisja Kattolika) sena ta' indulġenza speċjali; il-ħamsin anniversarju ta' xi ġrajja importanti; ferħ kbir [...] |
| **kinematograph** | **Ċinematografu**. |
| **kodak** (**n. & v.t.**) | **Kodak**, kamra ċkejkna tar-ritratti li tinżamm fl-idejn biex tiġbed ritratti malajr, għal għarrieda; (v.) ġibed ritratt(i) bil-kodak; (fig.) qabad, ħataf malajr, iddeskriva bi ftit kliem. |
| **koran** | **Qoran**, il-ktieb sagru tal-Mawmettani. |
| **lemur** | **Lemur**, xorta ta' annimal lejli, mir-razza tax-xadini, iżda b'geddum tawwali. |
| **longitudinal** | **Lonġitudinali**; tat-, fit-tul; li jmur mat-tul. |

| | |
|---|---|
| **mayonnaise** | **Majoneż**, xorta ta' zalza magħmula bl-isfar tal-bajd, żejt, melħ eċċ. li tittiekel mal-laħam, mal-ħut, mal-ħaxix. |
| **meteoric** | **Meteoriku**; tal-ajru; tal-meteori; (fig.) middi, ħafif fil-ġiri eċċ. |
| **nucleus** | **Nuklju**, il-qalba, il-ħaġa tan-nofs li magħha jikbru, jingħaqdu, iduru oħrajn; (astron.) il-għoqda tan-nofs f'ras kometa. |
| **numeral (a. & n.)** | **Numerali**; (kelma, simbolu eċċ.) li jfisser numru; tan-numri [...] |
| **orthopaedy** | **Ortopedija**, il-kura tat-tagħwiġ u ta' difetti oħra tal-ġisem aktarx fit-tfal. |
| **pedestal** | **Pedestall**, mansab, bażi ta' kolonna, ta' statwa, eċċ. [...] |
| **polyclinic** | **Poliklinika**; klinika, tagħlim fi sptar, għall-kura ta' mard varju, divers; sptar ġenerali. |
| **quinary** | **Kwinarju**; tan-numru ħamsa, fil-għadd, fil-grad; magħmul minn ħames taqsimiet, minn ħames oġġetti. |
| **rouge** | (Kelma Franċiża) Aħmar; (n.) **ruġ**; terra jew żebgħa ħamra fina, l-aktar għat-tilwin tal-ħaddejn u tax-xofftejn; pulitiku rivoluzzjonarju; (v.t.) lewwen, żebagħ bir-ruġ; (i.) iżżejjen, inżebagħ bir-ruġ. |
| **sclerosis** | **Sklerosi**, ebusija, twebbis tal-ħjut, tal-għeruq tal-ġisem, li tiġi minn xi mard. |

| | |
|---|---|
| **sonata** | **Sonata**, biċċa mużika miktuba għal xi strumenti, l-aktar għall-pjanu, bi tlieta, jew erba' movimenti varjati iżda minsuġin flimkien li jagħmlu ħaġa waħda artistika. |
| **song** | Għanja, kant bil-vuċi; **kanzonetta**; għanja ta' għasfur; poeżija qasira mqiegħda fil-mużika biex wieħed jista' jgħanniha, ikantaha; biċċa poeżija mqassma fi strofi bir-rimi; poeżija fil-għamliet kollha tagħha. |
| **telegrapher** | **Telegrafista**, persuna mħarrġa sew, inkella impjegata fit-telegrafu. |
| **telephone** | **Telefonu**, apparat li bih wieħed jibgħat, jew iwassal leħen, ħoss, l-aktar kliem fil-bogħod bil-fili, bl-elettriċità. (v.t.) Bagħat (aħbar eċċ.) bit-**telefon**. |
| **television** | **Televiżjoni**, raj fil-bogħod, l-att li tara, b'mezzi elettriċi, oġġetti, persuni, ġrajja li jkunu fil-bogħod; apparat li bih tista' tara fil-bogħod. |
| **tennis** | **Ten(n)is**, logħba tal-ballun bejn tnejn, tlieta jew erbgħa min-nies, li ssir f'wesgħa maqsuma fi tnejn b'xibka wieqfa. |
| **umbrella** | Mdella għas-sajf, **umbrella** għax-xita u għax-xemx ukoll [...] |
| **uranium** | **Uranju**, element tqil, abjad ta' metall, li jinsab f'għaqdiet ta' ossidu, jew sadid ta' minerali puri, bla taħlit. |

| | |
|---|---|
| **visa** | **Viża**, eżami u marka, sinjal ta' approvazzjoni ta' passaport [...] |
| **voluminous** | **Voluminuż**, li fih, magħmul minn ħafna volumi; (kittieb) li kiteb, ħareġ numru kbir ta' volumi; kbir fil-qabda u fid-daqs, wasa'. |
| **wharf** | **Moll**, pont, bankina f'xatt il-baħar fejn bastiment jista' jersaq, biex iħott xi tagħbijiet [...] |
| **xebec** | **Xambekk**, bastiment żgħir tal-qlugħ, bi tliet arbli. |
| **yolk** | (Kelma issa rari) **Isfar** ta' bajda. |
| **zeal** | **Zelu**, ħeġġat, ħrara fid-difiża ta' xi kawża, f'xi xogħol, eċċ.; ħidma magħmula mill-qalb. |
| **zigzag** | **Żigżag**, xengil, liwi u tidwir minn ġenb għall-ieħor [...] |

Tabella 1: Eżempji ta' entrati fejn Psaila jagħti l-ekwivalenti

Iżda bl-istess mod huma abbundanti wkoll każijiet oħra fejn Dun Karm għażel li jimxi mod ieħor u ppreżenta biss parafrażi jew sentenza biex jevita li jinkludi ammont akbar ta' kliem missellef. Għalkemm l-iskopijiet ta' Dun Karm setgħu kienu nobbli – u għalhekk, fil-fażi delikata li kien għaddej minnha l-Malti dik il-ħabta, ma riedx jiftaħ il-bibien għas-self minn lingwi oħra kif ġieb u laħaq[184] – dizzjunarju jibqa' dejjem prodott ta' utilità li qiegħed hemm biex jaqdi lill-utenti bl-aħjar mod possibbli.

[184] Ara t-taqsima *L-Ilsna, in-nisel tal-Malti u l-qagħda tiegħu* pp. 64-68: "[...] il-kliem ġdid li hu l-ikel tal-lsien, jekk ma hux maħdum u magħżul bil-għaqal u bil-qies jista' jħassar u jmarrad il-lsien li fih jidħol."

B'għażliet bħal dawn t'hawn isfel, Dun Karm jilħaq biss lil min ried juża d-Dizzjunarju tiegħu fil-funzjoni reċettiva u ħalla lill-Malti nieqes minn diversi termini u kliem meħtieġ.

| lemma | entrata |
|---|---|
| **assimilate** | Għamel bħal, jixbah lil; qabbel ma'; daħħal u biddel fis-sistema tal-ġisem (ikel, xorb, eċċ.) |
| **balloon** | Ballun tal-ajru. |
| **beige** | (Kelma Franċiża) drapp magħmul minn suf bla miżbugħ; kulur kafè-latte jagħti fil-griż, użat ħafna fl-ilbies tan-nisa. |
| **chutney** | Xorta ta' ħwawar tal-Indjani, bil-bżar aħmar, frott, eċċ. |
| **dragonet** | Xorta ta' ħuta ta' għamla stramba u kollha xewk. |
| **deck chair** | Pultruna, bil-ġogi, bil-maqgħad u bid-dahar tat-tila (użata ħafna fuq bastimenti u fid-djar tal-villeġġatura). |
| **eventual** | Li jista' jiġri bħala konsegwenza; tal-aħħar; li jiġri f'xi ċirkostanzi. |
| **factual** | Li għandu x'jaqsam ma', jew għandu s-sura ta', fatt. |
| **film** | Rita; żlieġa, qoxra rqiqa; pellikula taċ-ċinema jew dak li turi l-pellikula; bjada fil-għajn. |
| **football** | Ballun tal-logħob, minn fejn *footballer*, lagħab tal-ballun. |
| **glacier** | Għarma kbira silġ li taħt it-toqol tas-silġ ta' fuqha fil-quċċata ta' muntanja tiżżerżaq bil-mod il-mod bħal xmara mal-ħofor tal-muntanja. |

| | |
|---|---|
| **hamster** | Annimal mill-ġens tal-firien, b'żewġ boroż fil-ġnieb ta' ħalqu biex fihom iġorr il-qamħ eċċ. lejn il-bejta tiegħu. |
| **interstellar** | Ta' bejn, fost il-kwiekeb. |
| **intoxicate** | Sakkar; ġagħal (lil xi ħadd) bħal joħroġ minn sessih b'xi passjoni, suċċess, ferħ, eċċ. |
| **jade** | Xorta ta' ħaġra sabiħa, ħadra, kaħla jew bajda, użata ħafna fl-Indja, fiċ-Ċina, eċċ. |
| **jumper** | Xorta ta' ġakketta, bluża tal-luna, eċċ. użata mill-baħrin; xorta ta' ġlekk tas-suf, tat-tajjar, eċċ., li jasal sal-qadd u li xi drabi jinxedd minn fuq ir-ras. |
| **khaki** | Aħmar safrani minn lewn il-ħamrija; (n.) drapp minn dan il-lewn użat mis-suldati Ingliżi. |
| **lure** | Kull ħaġa magħmula biex tħajjar, tiġbed il-qalb; taħjir; (fil-kaċċa bil-falkun) il-ħajjara, għodda li biha l-kaċċaturi jsejħu l-falkun; (v.t.) sejjaħ (lil falkun) bil-ħajjara; ħajjar, ġibed għal warajh (persuna, annimal, eċċ.) |
| **mascot** | Persuna jew ħaġa li ġġib risq. |
| **nurse** | Persuna jew ħaġa li qiegħda biex tradda', trabbi, tkennen, iddur bi, eċċ.; siġra kbira mħawla biex tkennen oħrajn iżgħar. |
| **orthopaedic** | Tal-ortopedija. |
| **penalize** | Iddikjara (għamil, eċċ.) bħala ħtija penali, li jistħoqqilha kastig; issoġġetta (persuna) għal piena, għal kastig. |

| | |
|---|---|
| **policy** | Xejra dehnija fil-politika; għamil għaqli, dehni; kors, regola ta' mġiba u ta' għamil, adottat minn gvern, minn soċjetà, eċċ. |
| **pollen** | Xorta ta' trab isfar, dakkari, li jidher fuq il-ward miftuħ; (v.t) għatta b'dan it-trab; dakkar b'dan it-trab. |
| **questionaire** | (Kelma Franċiża) Lista, għadd ta' mistoqsijiet magħmulin apposta b'xi għan jew skop. |
| **roulette** | Xorta ta' logħba tal-azzard li fiha jirbaħ min jinzerta l-boċċa li taqa' minn fuq ċirku jdur fuq mejda; molla tan-nokkli; rota ċkejkna bis-snien li biha jittikkjaw xi metall, jew itaqqbu minn fejn jinqatgħu l-bolli tal-posta. |
| **scooter** | Ġerrejja dejqa tat-tfal, b'żewġ roti, waħda quddiem u l-oħra wara, li jirkbu fuqha b'sieq waħda u bl-oħra jaqdfu. |
| **score (v)** | (v.t.) Immarka b'qatgħa fit-talja, ħażż (linja, tarz); għamel (pont, rebħa) fil-logħob; daħħal fil-kont; niżżel, immarka (tifkira); (Mużika) għamel (partitura), irranġa (biċċa mużika) għal strument; (v.i.) għamel, żamm kontijiet; għamel punti, rebħiet fil-logħob. |
| **sport** | Mogħdija taż-żmien b'xi logħob, bi tbahrid, b'xi divertimenti, bħal kaċċa, tiġrijiet, sajd, eċċ.; ċajt, daħk; ħaġa mwaqqgħa għad-daħk; ħaġa tal-logħob. |

| | |
|---|---|
| **turf** | Biċċa art tal-wiċċ, mimlija bil-għeruq tal-ħaxix u bil-ħaxix; tuba bil-ħaxix maqtugħa minn din l-art; (fl-Irlanda) art bil-ħaxix, triq tat-tiġrija; l-okkupazzjoni fit-tiġrijiet fuq art imtawba. |
| **tylosis** | (Pat.) Infjammazzjoni tat-tebqiet tal-għajnejn b'ebusija tax-xfar. |
| **ulterior** | Li qiegħed lil hinn, aktar fil-bogħod minn tarf, eċċ., li għad irid jiġi jew isir. |
| **urban** | Li hu ta' belt, li qiegħed jgħix, jgħammar f'belt. |
| **vital** | Tal-ħajja, neċessarju, meħtieġ, importanti għas-saħħa tal-organi tal-ġisem. |
| **weld (v)** | Għaqqad, issalda (biċċiet ta' metall aktarx ta' ħadid) f'biċċa waħda, bid-daqqiet ta' mazza, jew ta' martell, meta huma jkunu ftit rotob bin-nar. |
| **xylophone** | Strument tad-daqq b'listi tal-injam, imtarrġin fit-tul, li jdoqqu bit-tregħid, meta milquta, eċċ. |
| **yucca** | (Bot.) Ġens ta' pjanti tal-Amerika, mill-familja tal-Liliaceae, tal-ġilji, bi zkuk ibsin u b'ward sabiħ ilellex. |
| **zoo** | (Fit-taħdit) Ġardin tal-annimali, l-iżjed dak ta' Londra (kelma mqassra minn *Zoological Garden*). |

Tabella 2: Eżempji ta' entrati fejn Psaila ma jagħtix l-ekwivalenti

## L-għażliet lessikali ta' Dun Karm

Fl-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (iv) Dun Karm ifisser ċar u tond li:

> Hawnhekk jiena qgħadt attent li ma nbarrix kliem meħtieġ, għalkemm missellef, iżda li ma ndaħħalx kliem imdeffes fil-Malti bla bżonn; għalhekk daħħalt il-kliem missellef tax-xjenzi, tal-arti, tal-invenzjonijiet moderni, ta' magni, ta' għodod u ta' applikazzjonijiet ġodda li għalihom il-Malti ma kellux, u ma satax ikollu, il-kelma proprja; iżda ma daħħaltx dak il-kliem li xi nies għaġġiela u bla ħsieb daħħlu flok, jew maġenb, kliem Malti użat minn dejjem u minn kulħadd: għalhekk fid-dizzjunarju jidher kliem bħal dan: *ajruplan*, *ċisti*, *batterjoloġija*, *brevjar*, *gabinett*, *ġentili*, *klassiku*, *każwali*, eċċ., u 'l quddiem iżjed jidħlu wkoll *sport*, *xelter* u oħrajn bħal dawn; iżda ma jidħlux: *llandja*, flok *niżel l-art*; *llastja* flok *dam*, *dam iservi*; *mmissja*, flok *ma laħaqx*, *ma laqatx* eċċ.; *llinkja* flok *sensel*, *għaqqad*, eċċ., u ħafna oħrajn bħal dawn.

Għalkemm hawnhekk Dun Karm huwa dirett ħafna, qiegħed jesponi l-istess ħsieb preskrittiv li drabi oħra fissru billi xebbah il-lingwa ma' bniedem li jekk ma jikolx (kliem ġdid) jista' jmut iżda jekk l-ikel ma jkunx "magħżul bil-għaqal" u "bil-qies" inkella jkun "mikul bil-għaġla", jista' jqabbdu indiġistjoni li tmarrdu.[185] Din l-attitudni preskrittiva tiġi kkritikata minn uħud bħal Diacono u Aquilina.[186] Tal-ewwel jgħid li "Psaila ħalla barra mid-dizzjunarju tiegħu ħafna kliem ta' nisel barrani, speċjalment kliem Rumanz u Anglo-Sassonu, missellef mit-Taljan/Sqalli u mill-Ingliż" filwaqt

---

[185] Ms. 216/4, p. 17.

[186] Ara pp. 81-82.

li Aquilina jħoss li minn Dun Karm kien hemm "an unjustifiable reluctance to adopt words which, though not current in spoken Maltese, are inevitable in certain literary, cultural and scientific contexts." Il-pożizzjonijiet differenti ta' Dun Karm fuq naħa, u Diacono u Aquilina fuq l-oħra, jirriflettu d-djalettika tal-preskrittiviżmu u d-deskrittiviżmu lingwistiku, partikolarment kif dawn l-approċċi jimmanifestaw ruħhom fid-dizzjunarji.

Għalkemm illum il-ġurnata aktarx li l-għażla taqa' ħelu ħelu fuq l-approċċ deskrittiv, irridu niftakru li mhux minn dejjem kien hekk. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-*Lexicon* ta' Vassalli u l-*Vocabolario Della Lingua Maltese* ta' Caruana. Għalhekk dak li jingħad dwar l-għażliet lessikali ta' Dun Karm ma jistax ikun ġust jekk jinqala' 'l barra mill-kuntest tal-epoka li fiha kien qed jindamm id-Dizzjunarju meta l-approċċ preskrittiv kien għadu moda bid-*Dictionary of Modern English Usage* (1926) ta' Henry Watson Fowler[187] bħala eżempju ewlieni. Lokalment kien żmien ta' stennija bil-ħerqa għal dizzjunarju bilingwi aġġornat skont il-"Malti tal-Għaqda" meta l-Malti kien għadu qed isib saqajh bħala lsien uffiċjali flimkien mal-Ingliż.

Għalhekk, minbarra li f'dan l-istudju nagħti rendikont tal-ġrajja tad-Dizzjunarju fil-kuntest storiku li fih seħħet, fit-taqsima li jmiss nipprovdi wkoll lista eżawrjenti ta' lessiku reġistrat għall-ewwel darba fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm bit-tama li tiswa bħala punt tat-tluq għal min jitħajjar jistudja dan l-aspett aħjar fil-futur.

---

[187] Dan kien wieħed miż-żewġ edituri tal-*Concise Oxford Dictionary* li kien qed jikkonsulta l-ħin kollu Dun Karm waqt il-kompilazzjoni.

**Il-lessiku ġdid irreġistrat għall-ewwel darba fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm**

L-aqwa mod li bih jista' jinġabar il-lessiku li l-ewwel darba li deher f'dizzjunarju Malti kien f'dak ta' Dun Karm huwa billi tinħareġ lista sħiħa tal-lessiku kollu fid-Dizzjunarju u wara titfittex kelma kelma jekk qattx dehret qabel f'dizzjunarji oħra. Iżda billi din il-biċċa xogħol enormi mhux lakemm taqbad u tagħmilha, għall-iskop ta' dan l-istudju, iddeċidejt li nserraħ fuq ir-riċerka li wettqu diġà għad-dizzjunarji rispettivi tagħhom Erin Serracino-Inglott u Ġużè Aquilina. F'dawn iż-żewġ dizzjunarji l-lessikografi ħaddmu sistema li tiddokumenta s-sors minn fejn siltu kull kelma ewlenija li hemm fihom. Għalhekk, wieħed jista' jittraċċa x'kien il-lessiku miġbur għall-ewwel darba fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm anki billi jqalleb f'dawn id-dizzjunarji u jfittex it-taqsira *Ps* fis-sorsi li jikkwotaw Serracino-Inglott u Aquilina.

Iżda l-ġbir tal-lessiku b'dan il-mod ippreżenta d-diffikultajiet tiegħu. Fit-taqsima preliminari "Tagħrif u Tifsir" Serracino-Inglott ifisser lill-qarrejja kif "[...] għal kull kelma, wieħed isib quddiem nett l-ittra jew is-sinjal li juri min kien dak li ħareġ biha l-ewwel wieħed" (xvi). Madankollu huma bosta dawk il-każi fejn Serracino-Inglott jattribwixxi xi kelma lil Dun Karm meta din tkun diġà dehret f'xi dizzjunarju minn ta' qablu. Ngħidu aħna skont Serracino-Inglott, il-kelmiet *ambjent*, *anniversarju*, *bażi*, *bejken* u *ċans* ġabhom għall-ewwel darba Dun Karm mentri fir-realtà kienu diġà dehru f'dizzjunarji bħal ta' Busuttil (Ingliż-Malti) (*ambjent*, *anniversarju* u *bażi*), ta' Mamo (*bejken*) u ta' Magro (*ċans*). Għaldaqstant *Il-Miklem Malti* ma setax jaqdini tajjeb biżżejjed għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju.

L-għażla l-oħra hi d-dizzjunarju ta' Aquilina. Fit-taqsima dwar id-dokumentazzjoni lessikali mill-"Guide to the Dictionary" Aquilina jikteb li:

> "Most entries are authenticated by the abbreviated forms of the names of the first one or one of the earliest lexicographers, glossarists or works of linguistic interest in which they are recorded. This historical approach continues the historical method used by Erin Serracino-Inglott in his *Il-Miklem Malti* but with a wider referential area (xiv)."

Minkejja li, kif mistenni f'xogħlijiet hekk kbar, anki Aquilina fih xi impreċiżjonijiet fis-sorsi li jiddokumenta, huwa l-isħeħ u l-aqwa għodda li għandna f'idejna bħalissa u għalhekk iddeċidejt li nislet il-lessiku meħtieġ skont jekk fid-dizzjunarju ta' Aquilina jidhirx dokumentat li nsilet mid-Dizzjunarju ta' Dun Karm. B'dan il-mod ġbart 3,945 kelma[188] li qed nippreżenta fil-lista t'hawn taħt.

Flimkien mal-kelma li, skont Aquilina, dehret għall-ewwel darba fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm, din it-tabella tiġbor informazzjoni oħra, dejjem misluta mid-dizzjunarju ta' Aquilina. Insibu:

- deskrizzjoni grammatikali
- jekk il-kelma dehritx xi mkien ieħor qabel f'xi forma differenti minn kif tidher f'Dun Karm

[188] Dawn jidhru bħala lemma signs fid-dizzjunarju ta' Aquilina iżda fid-*Dizzjunarju Ingliż u Malti* kienu parti mill-entrata. Ma setgħux ikunu lemmi billi d-dizzjunarju ta' Dun Karm hu Ingliż-Malti.

- it-tikketta tal-qasam tekniku (jiġifieri f'liema qasam partikolari tintuża, pereżempju l-botanika)
- minn liema lingwa daħlet fil-Malti.

Sabiex ġbart din il-lista kelli nagħmel xi għażliet u nimxi b'ċerti kriterji:

1. Ġbart biss il-lemmi u injorajt ħwejjeġ oħra li mhumiex relevanti għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju. Ma ġbartx tifsiriet ġodda, inflessjonijiet u partiċipji passivi li Dun Karm jidher bħala s-sors tagħhom iżda li l-lemmi li minnhom ġew inflessi jew derivati kienu diġà nġabru f'dizzjunarji preċedenti. Pereżempju t-tieni tifsira li Aquilina jagħti ta' *bardaxxa* (rogue) jattribwiha lil Dun Karm iżda ma tidhirx f'din il-lista. Bl-istess mod *ċċanfrinat* (fl-entrata ta' *ċċanfrina*) hija attribwita lil Dun Karm iżda fil-lista ma tidhirx ladarba l-verb *ċċanfrina* huwa attribwit lil Magro. Ta' min jinnota li n-numru ta' dawn il-każi huwa baxx ħafna.

2. Il-lemmi fil-lista huma aġġornati ortografikament.[189] Għaldaqstant, għalkemm Dun Karm jagħti, pereżempju, *immultiplika*, *kavalier* u *komando* fil-lista li qed inġib jien jidhru *mmultiplika*, *kavallier* u *komandow*.

3. L-etimoloġija kkunsidrata hija dik li tindika minn fejn, skont Aquilina, il-Malti ħa l-kelma direttament. Jiġifieri għalkemm il-kelma *ekstra* taf nisilha lil-Latin, hawn qed

[189] Żbalji li setgħu qabżuli f'dan is-sens, naturalment, huma responsabbiltà tiegħi.

tiġi dokumentata l-fehma ta' Aquilina li l-Malti ħadha mit-Taljan u għalhekk qed tidher bħala kelma ta' nisel Rumanz. L-etimoloġija li ta Aquilina nżammet dejjem anke meta jistgħu jinġiebu argumenti kontriha, bħal fil-każ ta' *font*, *forċeps* u *katowd* li skont Aquilina l-Malti ħadhom mit-Taljan. Fejn Aquilina jindika li familja sħiħa ta' kliem hi ta' nisel Għarbi, fit-tabella jidher immarkat bħala tali anki kliem ġdid mill-istess familja attribwit lil Dun Karm. Għalhekk għalkemm Aquilina ma jagħtix l-etimoloġija, ngħidu aħna, ta' *smugħi*, *senniena* u *saħħabi*, hawn qed jidhru bħala li ġejjin mill-Għarbi bħall-bqija tal-familja lessikali tagħhom. Dan jgħodd ukoll għall-ftit każijiet ta' neoloġiżmi li jidher li ħoloq Dun Karm, bħal *sikkieta* għal *sajlenser* li qed jidhru bħala ta' nisel Għarbi.

4. Lessiku li daħal fil-Malti minn lingwa (eż. l-Għarbi) u addatta ruħu għall-morfoloġija ta' lingwa oħra (eż. it-Taljan) hawn jitqies li daħal fil-Malti mill-ewwel lingwa. Jiġifieri kliem bħal *xaqqatura* jidher fit-tabella b'etimoloġija Għarbija.

## Ir-riżultati

Aquilina jiddokumenta li ġabar 3,945 lemma mid-Dizzjunarju ta' Dun Karm. Iżda fis-sewwa dawn jistgħu jinqasmu fi tnejn: hemm 3,464 lemma (87.8%) li nġabru l-ewwel darba fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm u 481 lemma oħra (12.2%) li Aquilina stess jiddokumenta li jinsabu wkoll f'sorsi li nkitbu qabel id-Dizzjunarju ta' Dun Karm. Figura 2 turi aħjar dan it-tqassim.




Figura 2: Min ġabar il-lemmi l-ewwel

Dawk l-481 kelma li kienu diġà dehru stampati xi mkien qabel, jerġgħu jidhru fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm f'xi forma oħra, ngħidu aħna b'ortografija differenti. 466 (96.6%) minn dawn l-481 kelma kienu dehru f'dizzjunarji preċedenti filwaqt li l-oħrajn kienu dehru f'xogħlijiet oħra bħal f'*Il Dialetto Maltese* ta' Luigi Bonelli u fil-kotba Bibliċi maqluba għall-Malti minn Pietru Pawl Saydon. L-aktar lessikografu li kien ġabar kliem li mbagħad deher fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm f'xi forma oħra




Figura 3: Min ta l-lemma qabel Dun Karm

huwa Busuttil b'40.5% tal-każi. Warajh jiġu Magro (29.1%), Falzon (8.7%), De Soldanis (7.1%), Mamo (6.4%), Vella (2.7%) u Vassalli (1.5%), kif jidher f'Figura 3. Din l-istatistika tindika li waqt il-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju, minbarra d-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo, Dun Karm kien qed jikkonsulta wkoll id-dizzjunarji l-oħra ta' qablu.

Figura 4 tagħtina idea tal-partijiet tad-diskors l-aktar komuni fost it-3,945 kelma miġbura. Insibu li 2,836 (71.9%) minnhom huma nomi; 681 (17.3%) aġġettivi; 284 (7.2%) verbi; 71 (1.8%) nomi u aġġettivi fl-istess ħin (eż. *Arjan* u *Assir*); 25 (0.6%) avverbji; 10 (0.3%) ismijiet personali (eż. *Ovidju* u *Protew*); 13 (0.3%) nomi verbali u oħrajn bħal prefissi u espressjonijiet oħra li l-valur tagħhom huwa negliġibbli.




Figura 4: Il-partijiet tad-diskors kif deskritti fid-Dizzjunarju ta' Aquilina

Figura 5 tagħti indikazzjoni tal-etimoloġija, jiġifieri minn liema lingwa, skont Aquilina, daħal fil-Malti l-kliem miġbur f'dil-lista. Jidher ċar li l-maġġoranza assoluta tal-kliem ġejja mill-element Rumanz, li għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju jfisser biss it-Taljan jew




Figura 5: L-etimoloġija

l-Isqalli (u mhux il-lingwi li ħarġu mil-Latin.) B'kollox hemm 3,422 kelma Rumanza minn 3,945, jiġifieri 86.7%. Imbagħad hemm 195 kelma (4.9%) mill-Ingliż; 69 kelma (1.7%) mill-Għarbi u 44 kelma (1.1%), fosthom *astrakan*, *blokka*, *dolmen* u *nirvana*, li Aquilina jgħid li setgħu daħlu kemm mill-Ingliż u kemm mill-element Rumanz. Hemm 38 kelma (1%), bħal *biskwin* u *bonton*, li ġejjin mill-Franċiż; 35 (0.9%), bħal *agape* u *kilo*, mill-Grieg; 26 (0.7%), bħal *ammen* u *benediċite*, mil-Latin; u 15 (0.4%), bħal *pikador* u *tango*, mill-Ispanjol. Oħrajn bħal *Kobdeniżmu* u *talbotopija* huma derivati minn xi isem jew xi kunjom. Hemm ukoll tmien (0.2%) formazzjonijiet lokali bħal *ħbiberija* u *sinktib*; kelmiet bħal *ġaġġag* u *sikkieta* li jidher li ħoloqhom Dun Karm; imbagħad waħdiet ġejjin minn lingwi mferrxin mal-erbat irjieħ bħal tal-Gżejjer tal-Paċifiku, l-Ebrajk, il-Portugiż, is-Sanskrit, ir-Russu, l-Irlandiż, il-Ġermaniż u t-Tamiljan. Dan kollu juri bl-aktar mod ċar li mhux talli, bil-kontra ta' dak li jistqarru l-kritiċi, Dun Karm daħħal fid-Dizzjunarju kliem li mhuwiex ta' nisel Semitiku, talli l-kliem ta' nisel Semitiku li daħħal jagħmel inqas minn 2% tal-ammont totali.

Dun Karm daħħal ukoll għadd kbir ta' termini tekniċi li minnhom 16.2% biss huma reġistrati bħala tali fid-dizzjunarju ta' Aquilina. Ngħidu aħna, kliem bħal *glossografija*, *farinġi*, *ewfemiżmu* u *duluż* huwa tekniku u jintuża biss f'oqsma speċjalizzati, iżda ma jingħatax tikketta tal-qasam f'Aquilina u dan in-nuqqas huwa rifless f'din il-lista wkoll. Fil-fatt, il-persentaġġ ta' termini tekniċi li jirriżulta minn din il-lista, għalkemm diġà sinifikanti, huwa wieħed konservattiv għall-aħħar. Imma ħalli niffukaw fuq is-640 kelma li Aquilina jindika l-qasam speċjalizzat li jintużaw fih. Fost l-oqsma l-aktar importanti hemm dawk li jidhru fit-Tabella 3:

| **Il-qasam** | **L-ammont minn 640** | **Il-persentaġġ** | **Eżempji** |
|---|---|---|---|
| il-botanika | 51 | 8% | vjoletta, mimosa |
| il-mediċina | 48 | 7.5% | stetoskopija, trakoma |
| il-mużika | 37 | 5.8% | andante, ċimblu |
| iż-żooloġija | 33 | 5.2% | kamaleont, skojjattlu |
| il-liġi | 33 | 5.2% | appellant, testamentarju |
| il-mitoloġija | 32 | 5% | ċiklopu, Medusa |
| l-anatomija | 30 | 4.7% | trakea, ventriklu |
| il-kimika | 28 | 4.4% | bikarbonat, karbonju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| il-grammatika | 21 | 3.3% | komparattiv, konġuntiv |
| l-astronomija | 17 | 2.7% | eljoskopju, Kelb is-Sema |
| il-ġeografija | 16 | 2.5% | arċipelagu, Saħara |
| il-Knisja | 16 | 2.5% | unitariżmu, zukketta |
| l-arkitettura | 15 | 2.3% | altoriliev, apsidi |
| termini nawtiċi | 14 | 2.2% | galljun, gigg |
| ir-reliġjon | 13 | 2% | skapulat, stimmati |
| il-prosodija | 13 | 2% | trokew, pentametru |
| l-istorja | 13 | 2% | Puniku, Rinaxximent |
| l-ornitoloġija | 13 | 2% | amorin, kukù |

Tabella 3: Lemmi minn oqsma speċjalizzati
li introduċa Psaila fid-Dizzjunarju

Ma' dawn hemm għadd ta' oqsma oħra inqas rappreżentati bħal-liturġija, il-minerali, it-teoloġija, l-elettriku, il-letteratura, il-mitoloġija Griega, il-ġeoloġija, it-tipoloġija, l-ittijoloġija, it-teatru, in-numiżmatika, l-inġinerija, l-oftalmoloġija, it-tpinġija u bosta oħrajn.

Hekk niġu lura għall-kumment ta' Aquilina dwar ir-riluttanza li ra f'Dun Karm biex jinkludi kliem li ma kienx fuq fomm il-

poplu imma li kien inevitabbli fl-oqsma letterarji, kulturali u xjentifiċi. Huwa minnu li lil Dun Karm qabżulu xi termini tekniċi u vokabularju ieħor; anki jidher li f'diversi każi saħansitra għażel konxjament li ma jżidhomx fid-Dizzjunarju. Rajna diġà numru ta' lemmi li kien ġabarhom qablu Mamo u Dun Karm ma inkludihomx; rajna anki li kien hemm diversi istanzi fejn Dun Karm seta' ġabar lessiku li probabbilment kien jingħad kif ukoll ieħor li kien meħtieġ fil-Malti iżda naqas milli jagħmel dan.[190]

Minkejja dan kollu, mhuwiex minnu li Dun Karm qagħad lura milli jdaħħal ċerti termini sempliċiment għax ma kinux ta' nisel Għarbi. Dun Karm aktar jixbah lil dak il-gwardjan ta' post tax-xogħol li ma jiftaħx kif ġieb u laħaq ir-rixtellu lill-ħaddiema li huma bil-probation. Jiftħu biss lill-ħaddiema tal-post u lil oħrajn, ta' razez differenti, b'ħiliet speċjalizzati li jekk il-post tax-xogħol irid jibqa' produttiv, ma jistax jgħaddi mingħajrhom. F'dan is-sens, jinħass sforz mil-lessikografu fid-direzzjoni biex jaġġorna l-ħażna lessikali tal-Malti ħalli jgħinha żżomm il-pass mal-avvanzi li kien qed jagħmel il-bniedem fl-ewwel nofs tas-seklu 20.

---

190 Ara tabella 5, p. 156 għal kliem li kien inkluda Mamo fil-manuskritt tiegħu iżda ma nsibuhx fid-Dizzjunarju ta' Dun Karm. Ara wkoll tabella 2, p. 101 għal kliem li ma jagħtix l-ekwivalenti tiegħu bil-Malti..

# **Appendiċi - 1**
## Kronoloġija

| Data | X'seħħ | Sors |
|---|---|---|
| Qabel il-15 ta' Frar 1918 | Temi Zammit ilaqqa' lil Salvatore Mamo ma' Ninu Cremona u jinfurmah bid-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo. | Nota ta' Ninu Cremona f'Ġużè Cassar Pullicino, "Unpublished Maltese Dictionaries" p. 134-135. |
| 1918 \| 15 ta' Frar | Imut Salvatore Mamo. | Tagħrifa mir-Reġistru Pubbliku |
| 1921-1924 \| "During the first period of our parliamentary life" | R. L. Casolani jistaqsi lil Ninu Cremona jekk l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kinitx lesta tixtri d-Dizzjunarju Manuskritt ta' nannuh Salvatore Mamo bi prezz baxx. Cremona talbu jistenna żminijiet aħjar, li ma kellhomx ikunu 'l bogħod. | Nota ta' Ninu Cremona f'Ġużè Cassar Pullicino, "Unpublished Maltese Dictionaries" p. 135. |
| 1927 \| Novembru | Cremona informa lil Casolani li kien wasal il-waqt li jbigħ id-dizzjunarju ta' Mamo lill-Ministeru tal-Edukazzjoni. | Nota ta' Ninu Cremona f'Ġużè Cassar Pullicino, "Unpublished Maltese Dictionaries" p. 135. |

| | | |
|---|---|---|
| 1929 \| 3 ta' Mejju | Casolani jikteb lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika l-Professur Augustus Bartolo u jinfurmah li l-werrieta ta' Salvatore Mamo kienu lesti jitilqu d-Dizzjunarju Manuskritt minn idejhom għal prezz raġonevoli. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary* |
| 1929 \| 6 ta' Mejju | Ninu Cremona jikteb lil Augustus Bartolo biex jgħarrfu bid-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo. Jagħti lista ta' xi difetti li għandu iżda fl-aħħar mill-aħħar jagħti l-parir li dan jinxtara mingħand is-sidien ħalli jkun jista' jiġi rivedut. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary* |
| 1930 \| 10 ta' Marzu | Id-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo jasal fl-uffiċċju ta' Augustus Bartolo. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 10. |
| 1930 \| 11 ta' Marzu | Sar il-ħlas ta' £50 lil Casolani. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 15. |
| 1930 \| 10 ta' April | Ninu Cremona jirrakkomanda li ssir reviżjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo u jiġi stampat mill-aktar fis. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, l-ewwel karta mhix numerata fil-fajl tal-minuti. |
| 1930 \| 26 ta' April | Cremona jinforma lil Augustus Bartolo bid-dettalji (volumi, spejjeż, ammont ta' kopji) dwar il-pubblikazzjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 18. |

| | | |
|---|---|---|
| 1930 \| 6 ta' Mejju | Cremona jinnota li d-dizzjunarju ta' Mamo se jkun irħas minn ta' Busuttil li kien qed jinbiegħ 15-il xelin u li r-reviżjoni tiegħu kienet se tieħu s-snin. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 21. |
| 1934 \| 16 ta' Awwissu | Il-Malti jinħatar ilsien uffiċjali flimkien mal-Ingliż u t-Taljan.<br><br>Bdew l-iżviluppi biex "saru dimandi lill-awtoritajiet tal-pajjiż" biex jibda jiġi kkompilat id-Dizzjunarju; "saret talba lill-awtoritajiet tal-pajjiż" (p. 15, 23); "appeals to the local authorities were made in this respect". F'verżjoni oħra tad-daħla, Dun Karm saħansitra jniżżel li "l-Għaqda tal-Malti ħasbet, u naħseb jien li sewwa ħafna, li jkun hemm Dizzjunarju Ingliż u Malti u Malti u Ingliż ..." | Ittra Rjali.<br><br>AUM: Ms. 216/4, p. 5.<br><br>AUM: Ms. 216/3.<br><br>AUM: Ms. 216/4, p. 7. |
| 1934 \| 6 ta' Ottubru | Laferla jiltaqa' ma' Saydon u jitkellmu dwar ir-reviżjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 49. |

| | | |
|---|---|---|
| 1934 \| 10 ta' Ottubru | L-Istamperija tal-Gvern tikkonferma li tista' tieħu ħsieb il-produzzjoni tad-dizzjunarju.<br><br>Jissuġġerixxu li għall-ewwel edizzjoni ta' mhux aktar minn elf kopja, il-pubblikazzjoni ssir f'faxxikli ta' 16-il paġna l-wieħed li jinbiegħ b'xelin.<br><br>L-ispiża massima għal din l-ewwel edizzjoni ma kellhiex taqbeż it-£800 u l-ispejjeż kellhom jonqsu sew fl-edizzjonijiet li jmiss.<br><br>Mill-Istamperija jikkalkulaw li jekk ix-xogħol ikun ta' 200 folja li minnha joħorġu 16-il paġna, kull kopja tiġi tiswa 16/8 [16-il xelin u 8 soldi]. Għal elf kopja jistma li jiġu £843.6.8 [843 lira, 6 xelini u 8 soldi] | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, karta sfuża mhux numerata. |
| 1934 \| 3 ta' Novembru | Laferla jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Logutenent Gvernatur (Sir Harry Charles Luke) biex ikun jista' jifforma bord ta' volontiera biex jaħdmu fuq ir-reviżjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo.<br><br>Dawn kienu: Temi Zammit, Dun Karm, Franġisku Saverju Caruana, Ninu Cremona, Emmanuel Benjamin Vella, Pietru Pawl Saydon u Albert Victor Laferla. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 28. |

| | | |
|---|---|---|
| 1934 \| 17 ta' Novembru | Tasal l-approvazzjoni tal-Logutenent Gvernatur. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 32. |
| 1934 \| 20 ta' Novembru | Laferla jitlob lil Zammit, Psaila, Caruana, Cremona, Vella u Saydon jingħaqdu fil-bord tar-reviżjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo.<br><br>Dawn iweġbuh bejn il-21 u s-27 ta' Novembru. Dun Karm, F.S. Caruana, Ninu Cremona u Pietru Pawl Saydon jilqgħu l-istedina; Temi Zammit jinforma lil Laferla li ma jistax iservi fil-Bord filwaqt li t-tweġiba ta' E.B. Vella ma tidhirx fil-fajl.<br><br>Cremona jissuġġerixxi li l-Bord jikber imqar b'persuna oħra. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 39.<br><br>ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 40-44.<br><br>ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 43. |
| 1934 \| 10 ta' Diċembru | Saydon jinforma lil Laferla li ma setax jattendi għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat tad-Dizzjunarju ta' Mamo u jagħtih xi suġġerimenti. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 49. |

| | | |
|---|---|---|
| 1934 \| 15 ta' Diċembru | Laqgħa preliminari fil-Berġa ta' Franza, is-Sibt. Preżenti: Laferla (jippresiedi), Vella, Cremona, Caruana u r-Rev. Farrugia Gay.<br><br>Ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet:<br><br>• Ir-reviżjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo kellha tibda mill-manuskritt Ingliż-Malti.<br><br>• Dan kellu jiġi ppubblikat f'faxxikli ta' 16-il paġna l-wieħed.<br><br>• F.S. Caruana kellu jittajpja kopji tal-ittra A u jqassamhom lill-bqija tal-membri.<br><br>• Il-kumitat kellu jiltaqa' tal-inqas darba f'ġimgħa, possibbilment nhar ta' Sibt. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 50. |
| 1934 \| 29 ta' Diċembru | It-tieni laqgħa fil-Berġa ta' Franza, is-Sibt.<br><br>Preżenti: Cremona, ir-Rev. Farrugia, Vella, Caruana, Mons. Psaila u Laferla (jippresiedi).<br><br>Ġie deċiż li r-reviżjoni kellha tiġi estiża għall-kompilazzjoni ta' dizzjunarju ġdid li kellu jkun riżultat ta' "teamwork of all the members." | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 55. |

| | | |
|---|---|---|
| 1935 | "The compilation of the Dictionary by a Committee under the Chairmanship of the then Director of Education was begun in 1935." | ANM: Educ 447/48 *Reply to question no 302/1/2 by Dr Frendo Azopardi.* |
| 1935 \| 2 ta' Jannar | Laferla jitlob permess biex Dun Karm, Cremona u Caruana jkunu jistgħu jattendu l-laqgħat li kellhom isiru nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fit-3 ta' waranofsinhar. Tliet tweġibiet pożittivi waslu l-għada, 3 ta' Jannar 1935. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 56-58. |
| 1935 \| Frar | Dun Karm jilmenta ma' Laurent Ropa li x-xogħol fuq id-dizzjunarju miexi bil-mod wisq. | AUM: Ms 181. |
| 1 April 1935 - 31 Marzu 1936 (Sena finanzjarja tal-Gvern 1935-1936). | Dun Karm kien jagħmel parti mill-bord tad-dizzjunarju u skont Laferla (350): "The members of the Dictionary Board have also been busily compiling a Maltese Dictionary."<br><br>Biex ix-xogħol jimxi b'pass eħfef, inħatar sottokumitat magħmul minn: J. Aquilina, G. Cauchi, J. Cilia, J. Chetcuti, J. Ebejer, S. Gatt, N. Pisani u G. Zarb Adami. | Reports on the Working of Government Departments During Financial Year 1935-1936 pp. 341-351, rapport miktub minn Laferla fil-11 ta' Novembru 1936, p. 350 (Malta Government Printing Office, 1937: L-Arkivju Nazzjonali, GMR 1275-1301) |

| | | |
|---|---|---|
| 1935 \| 8 ta' Ottubru | Laferla jikteb lil E.B. Vella: "The Dictionary work has not yet been restarted. I shall bear your suggestion in mind. I am sure the others will agree." | Ittra 804/35 f'Camenzuli 457. |
| 1936 \| April | "Maltese student" jikteb ittra lill-Gvernatur u jappella biex titkompla l-pubblikazzjoni tad-dizzjunarju ta' Magro. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 61. |
| 1936 \| 5 ta' Mejju | Laferla jikteb lill-S.P.O. (Superintendent of the Printing Office) li kien talab lil Laferla jibgħatlu fajl, aktarx li għandu x'jaqsam mad-dizzjunarju l-ġdid.<br><br>Laferla jinforma lis-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern li fl-1935 kienu bdew jikkompilaw "a good dictionary" u kienu waslu sal-entrata ta' *ancillary*. Madankollu x-xogħol kellu jieqaf minħabba li Vella ntbagħat jistudja Londra. Jgħidlu li għalkemm id-damma l-ġdida se tieħu xi ftit taż-żmien kienet meħtieġa għax la ta' Magro u lanqas ta' Mamo ma kienu dizzjunarji sodisfaċenti. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 59.<br><br>Reports on the Working of Government Departments During Financial Year 1935-1936 pp. 341-351, rapport miktub minn Laferla fil-11 ta' Novembru 1936, p. 349 (Malta Government Printing Office, 1937: L-Arkivju Nazzjonali, GMR 1275-1301) |

| | | |
|---|---|---|
| 1936 \| 18 ta' Mejju | F'laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat tad-Dizzjunarju ġie deċiż li jitolbu lil sitta min-nies oħra jiffurmaw sottokumitat li kellu jikkompila partijiet mid-dizzjunarju bl-approvazzjoni tal-Kumitat (Ewlieni).<br><br>Dawn kienu s-Sinjuri: Joseph Ebejer, John M. Cilia, Godfrey Zarb Adami, Salv. Gatt, Gaetano Cauchi u Joseph Aquilina. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 64A. |
| 1936 \| 26 ta' Mejju | L-ewwel laqgħa bejn il-membri tas-Sottokumitat u l-Kumitat tad-Dizzjunarju fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, il-Berġa ta' Franza fit-3 ta' waranofsinhar.<br><br>F'din il-laqgħa ġie deċiż li:<br><br>• id-dizzjunarju se jibqa' jiġi ppubblikat f'faxxikli<br><br>• il-Kumitat preżenti (l-Ewlieni) kellu jkompli jaħdem fuq l-ittra A. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 63-64. |

| | | |
|---|---|---|
| 1936 \| 8 ta' Ġunju | Laferla jikteb lil Nazzareno Pisani u Ġużè Chetcuti (bi żball, Laferla kiteb "Cuschieri" minflok "Chetcuti") u jinfurmahom li tqabbad mill-"Maltese Dictionary Committee" biex jitlobhom jingħaqdu fil-ħidma fuq id-dizzjunarju. Jgħarrafhom ukoll fuq liema ittra jkunu se jaħdmu jekk jaċċettaw li jidħlu għax-xogħol.<br><br>Ix-xogħol kien se jitqassam kif ġej:<br><br>A > Titkompla mill-Kumitat Ewlieni<br>B > Ebejer, Cilia, Pisani<br>C > Zarb Adami, Chetcuti, Aquilina<br>D > Gatt u Cauchi<br><br>(F'nota dwar id-dizzjunarju li tinsab mal-karti ta' Ġużè Chetcuti, Chetcuti jirrimarka li lilu messitu l-ittra B ma' Ġużè Aquilina.)<br><br>Dawn kellhom jibagħtu x-xogħol lill-Kumitat Ewlieni li kellu jara li jkun konsistenti ma' kif dan mexa fl-ittra A. | L-ittri lil Pisani u Cuschieri (bi żball minflok "Chetcuti" jinsabu f'ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, folji mhux numerati wara minuta 64 u 64A. Cassar Pullicino f'*Aquilina u l-Malti*, p. 45 jirreferi għal ittra nru 394/36 li Laferla bagħat lil Chetcuti. Minn draft tal-avviż li kellu jidher fil-*Gazzetta tal-Gvern* (ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 67), jidher ċar li l-kunjom kellu jkun "Chetcuti" u mhux "Cuschieri".<br><br>AUM: *Ġużè Chetcuti Collection*, PB 12c.<br><br>ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 65. |

| | | |
|---|---|---|
| 1936 \| 13 ta' Ġunju | Il-Logutenent Gvernatur jitlob lil Laferla jiddraftja avviż għall-istampa biex isir magħruf li dan il-proġett inbeda. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 66. |
| 1936 \| 3 ta' Lulju | Joħroġ Avviż 248 fil-*Gazzetta tal-Gvern* li ħabbar li l-Gvern kien se jibda joħroġ "fi bċejjeċ" dizzjunarju Malti. Jinforma lill-pubbliku min kienu l-membri tal-Kumitat kif ukoll li f'Lulju stess kellu joħroġ l-ewwel faxxiklu mill-Istamperija tal-Gvern u li l-bqija tal-faxxikli kellhom joħorġu f'tul ta' bejn ħmistax-il ġurnata u xahar. | *Gazzetta tal-Gvern* 3 ta' Lulju 1936 |
| 1936 \| 31 ta' Lulju | Il-Kumitat tad-Dizzjunarju joħroġ l-ewwel faxxiklu.<br><br>L-Istamperija tal-Gvern tistampa elf kopja li nħatfu. Għalhekk ġew stampati elf kopja oħra f'Awwissu u elf kopja oħra f'Settembru, b'total ta' tlett elef kopja. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 78 u ANM: GMR 1304/1936, p. 3. |
| 1936 \| 25 ta' Awwissu | Kritika dwar kliem tekniku fl-ewwel faxxiklu. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża 76. |
| 1936 \| 18 ta' Settembru | Il-Kumitat tad-Dizzjunarju joħroġ it-tieni faxxiklu.<br><br>L-Istamperija tal-Gvern tistampa tlett elef kopja tat-tieni faxxiklu. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 78.<br><br>ANM: GMR 1304/1936, p. 3. |

| | | |
|---|---|---|
| 1936 \| Settembru | Editorjal li fih Dun Karm jimplika li qed jaħdem fuq id-Dizzjunarju: "billi aħna nafu xi ftit xi jfisser dizzjunarju tajjeb u x'jeħtieġ biex isir ..." | *Il-Malti*, Settembru 1936 |
| 1936 \| 8 ta' Ottubru | Ġew stampati 3,000 kopja tal-ewwel żewġ faxxikli. Il-bejgħ kien sejjer tajjeb ħafna.<br><br>Is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern jitlob lil Laferla jgħaddilu aktar materjal għax ma kellu xejn f'idejh x'seta' jistampa. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 78. |
| 1936 \| 15 ta' Ottubru | Ix-xogħol tad-Dizzjunarju jaqa' f'idejn Dun Karm. Imbagħad, kull ġimgħa, jgħaddi xogħlu lill-Kumitat għar-reviżjoni u l-kritika. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 79. |
| 1936 \| 23 ta' Ottubru | Dun Karm u t-Teżorier jiftiehmu fuq il-ħlas u l-kundizzjonijiet. Il-ħlas kien ta' £12.10s fix-xahar. Dun Karm kellu jattendi l-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa tal-Kumitat u, kull xahar, jgħaddi lill-Kumitat 42 paġna ttajpjata bit-typewriter, ekwivalenti għal faxxiklu stampat ta' 16-il paġna. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 81. |
| 1936 \| 29 ta' Ottubru | Il-Logutenent Gvernatur japprova l-ħlas li kellu jieħu Dun Karm ta' xogħlu. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 83. |
| 1936 \| 5 ta' Novembru | Il-Gvernatur Sir Charles Bonham-Carter jawtorizza lit-Teżorier jonfoq mhux aktar minn £36 biex ikopri l-ispejjeż għad-dizzjunarju. | C ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 84. |

| | | |
|---|---|---|
| 1936 \| 17 ta' Diċembru | C. Grima miż-Żejtun jikteb ittra lill-Editur tat-*Times of Malta* fejn jilminta li mid-dizzjunarju Ingliż-Malti li fil-fehma tiegħu kien "most interesting and useful" kienu ħarġu biss żewġ faxxikli u t-tieni wieħed kien ilu li ħareġ aktar minn xahrejn qabel. Jesprimi fehemtu li biex jinżamm l-interess f'dan ix-xogħol għandha toħroġ parti fil-ġimgħa jew tal-inqas darbtejn f'xahar.<br><br>Kellu kummenti pożittivi ħafna dwar id-dizzjunarju: "This dictionary is of great advantage to students and most reliable, as it comes from the pen of the best authorities on Maltese [...]" | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 94. |
| 1936 \| 28 ta' Diċembru | It-tielet faxxiklu jasal għand l-istampaturi. Laferla juri t-tama li l-faxxikli li jmiss jibdew joħorġu kull xahar. Jenfasizza li "It is quite impossible to rush if we want to have a good dictionary." | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 96. |
| 1936 \| 30 ta' Diċembru | Tlaqqa' l-Kumitat tad-Dizzjunarju fil-Berġa ta' Franza fit-3 ta' waranofsinhar. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, 914/38. |
| 1937 \| kmieni f'Jannar | "... the dictionary on the present footing i.e. with a fair number of living idioms translated as properly as can be into Maltese was earnestly started early in January last." | AUM: Ms. 216/3 *The English-Maltese Dictionary: its scope and progress*, p. 2. |

| | | |
|---|---|---|
| 1937 \| 5 ta' Jannar | Ippubblikat it-tielet faxxiklu.<br><br>L-Istamperija tal-Gvern tistampa tlett elef kopja tat-tielet faxxiklu. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 99.<br><br>ANM: GMR 1304/1936, p. 3. |
| 1937 \| 26 ta' Frar | Ippubblikat ir-raba' faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja tar-raba' faxxiklu. | ANM: GMR 1304/1936, p. 3. |
| 1937 \| 5 ta' April | Ippubblikat il-ħames faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 11 ta' Mejju | Ippubblikat is-sitt faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 11 ta' Ġunju | Ippubblikat is-seba' faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 16 ta' Lulju | Ippubblikat it-tmien faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 7 ta' Awwissu | F'*Il-Berk*a dehret kitba bl-isem "Il-ħtieġa ta' Dizzjunarju" li fiha ġie mistoqsi x'kien sar mid-Dizzjunarju ta' Mamo u jekk il-Gvern kienx beħsiebu joħroġ dizzjunarju Malti-Ingliż li jiġi sieħeb dak li kien qed jixxandar (ta' Dun Karm). | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 108. |

| | | |
|---|---|---|
| 1937 \| 11 ta' Awwissu | Dun Karm intalab jiddraftja avviż għall-istampa (Press Notice 87/37) dwar l-iskop u l-progress tad-dizzjunarju li mbagħad ħareġ mill-Uffiċċju tal-Logutenent Gvernatur.<br><br>Id-draft miktuba minn idejn Dun Karm sa qabel is-26 t'Awwissu tinsab fl-AUM: Ms. 216/3. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 108. |
| 1937 \| 30 ta' Awwissu | Ippubblikat id-disa' faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 28 ta' Settembru | Ippubblikat l-għaxar faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 30 ta' Ottubru | Ippubblikat il-ħdax-il faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 3 ta' Diċembru | Ippubblikat it-tnax-il faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1937 \| 31 ta' Diċembru | Ippubblikat it-tlettax-il faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1938 \| 31 ta' Jannar | Ippubblikat l-erbatax-il faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |

| | | |
|---|---|---|
| 1938 \| 26 ta' Frar | Il-Kummissarju għal Malta fl-Awstralja jikteb lis-Segretarju tal-Gvern biex is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern jgħaddilu żewġ kopji tal-faxxikli li kienu laħqu ħarġu u ta' dawk li kien għad iridu joħorġu. Dawn intbagħtu fid-29 t'Awwissu (minuta 122) | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 111. |
| 1938 \| 14 ta' Marzu | Ippubblikat il-ħmistax-il faxxiklu. L-Istamperija tal-Gvern tistampa elfejn kopja. | ANM: GMR 1348/1938, p. 97. |
| 1938 \| sal-5 ta' April | Ippubblikat is-sittax-il faxxiklu. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 113. |
| 1938 \| 19 t'Awwissu | L-Aġent Segretarju tal-Gvern, E.J. Briffa De Piro, jinforma lill-Kummissarju għal Malta fl-Awstralja li kopji tal-faxxikli 17-20 ntbagħtu lit-Trade Commissioner għal Malta f'Londra bi żball. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 122. |
| 1938 \| 16 t'Ottubru | Saydon jinforma lil Aquilina li kien irtira mill-Bord tad-Dizzjunarju. | AUM: Ms. 441, P.P. *Saydon – Collection of Letters to Ġużè Aquilina*. |
| 1938 \| 21 ta' Novembru | L-aħħar minuta ta' qabel il-Gwerra: "Noted" għal struzzjoni biex jibqgħu jintbagħtu l-faxxikli lill-Kummissarju għal Malta fl-Awstralja. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 125. |
| 1939 \| 3 ta' Settembru | Tibda t-Tieni Gwerra Dinjija. | |

| | | |
|---|---|---|
| 1940 \| 10 ta' Ġunju | Mussolini jiddikjara gwerra lill-Alleati. | |
| 1940 \| 11 ta' Ġunju | Malta ġġarrab l-ewwel attakk mill-ajru. | |
| 1940 \| Lulju | Dun Karm jikteb lil Ġużè Bonnici li kien għadu qed jaħdem fuq id-Dizzjunarju. | AKM: *Il-Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm*, Ittra ta' Dun Karm lil Ġużè Bonnici, Kaxxa nru 3, fajl nru 3. |
| 1942 \| 8 t'April | Titkisser il-Berġa ta' Franza. Skont Dun Karm, Ninu Cremona u Ġużè Cassar-Pullicino, id-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo jintilef fit-tiġrif. Fl-2024 insiru nafu li dan id-dizzjunarju ġie rkuprat minn Steve Borg ta' Malta Libraries. | Erba' Kelmiet ta' Qabel (Dizzjunarju, ii.) |
| 1943 \| 7 ta' Jannar | Imut Laferla. | Schiavone, 2009: 1029. |
| 1944 \| 8 ta' Settembru | L-Italja ċċedi. Is-snin tal-Gwerra għal Malta għaddew. | |

| | | |
|---|---|---|
| 1945 \| 3 ta' Ottubru | Tidher ittra fuq *Leħen is-Sewwa* ffirmata bil-psewdonimu *Carolus*. Ifaħħar l-inizjattiva li l-Gvern joħroġ dizzjunarju li kien magħmul mill-aħjar kittieba iżda jilmenta li sa dakinhar kienu għadhom kif ħarġu biss 35 faxxiklu sal-ittra Ġ. Iħeġġeġ biex ix-xogħol jitħaffef għax l-istudenti tal-Malti għandhom bżonnu u biex ma jiqafx f'nofsu bħal ta' Magro. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 126. |
| 1945 \| 5 ta' Ottubru | L-Istamperija tal-Gvern twaqqaf ix-xogħol tad-Dizzjunarju għaliex kellha prijoritajiet oħra. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, hemża bejn il-123 u l-130. |
| 1946 \| 2 ta' Mejju | Imut E. B. Vella | Schiavone, 2009: 1591. |

| | | |
|---|---|---|
| 1946 \| 16 ta' Diċembru | L-editorjal ta' *Il-Berqa* jilmenta li minħabba li ma kienx hemm dizzjunarju tajjeb, il-ħaddiema tal-Gvern, b'mod speċjali l-Qrati tal-Ġustizzja kienu qed jibbastardizzaw il-Malti. Jinnota li minkejja li Dun Karm kien wasal fl-ittra R, il-Gvern kien għadu ppubblika biss 562 paġna, mill-A sal-G. Jgħid ukoll li l-Gvern kien qata' qalbu li xi darba kien se jirnexxilu jistampah u għalhekk fdah f'idejn stamperija privata.<br><br>Juri x-xewqa li Dun Karm jikteb studju dwar l-istorja tad-dizzjunarji tal-Malti, aktar u aktar issa li kien fannad daqstant fl-istudju komparattiv taż-żewġ ilsna. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 130. |
| 1947 \| 2 ta' Jannar | Minn hawn, il-Gvern jibda jipprova jittraċċa sewwa x'kien qed jikkawża dan id-dewmien fl-istampar. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuti 131-149. |
| 1947 \| 14 ta' Jannar | Dun Karm ilesti l-biċċa l-kbira tal-kliem li jaqa' taħt l-ittra R. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 140. |
| 1947 \| 15 ta' Jannar | L-Aġent Direttur tal-Edukazzjoni John Brennan jinforma lis-Segretarju tal-Gvern li mill-1937 il-Gvern kien qed joħroġ somma kull sena għall-kompilazzjoni u l-ittajpjar tad-Dizzjunarju. Fl-1945 u l-1946 dis-somma kienet ta' £160. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 132. |

| | | |
|---|---|---|
| 1947 \| qabel is-17 ta' Jannar | Joħroġ l-ewwel volum (A-G) tad-Dizzjunarju stampat l-Istamperija tal-Gvern. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134. |
| 1947 \| 17 ta' Jannar | Il-Lux Press tirbaħ is-sejħa biex tibda tipproduċi u tistampa d-Dizzjunarju.<br><br>Il-Lux tibqa' tistampa d-Dizzjunarju tal-inqas tal-1952. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 134.<br><br>ANM: GMR 1624/1950; GMR 1675/1953; 1704/1951 |
| 1947 \| 28 ta' Jannar | Sa din id-data għand l-istampatur kienu waslu 198 karta ttajpjata bl-ittra H sa "interlocutor".<br><br>L-istampatur kien stampa l-provi tal-ittra H sa "impinge" u Dun Karm kien ra l-provi. L-għada kellu jibgħat aktar provi lis-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern.<br><br>Il-parti tal-H sa "hospice" kienet diġà ġiet ippubblikata.<br><br>Il-provi minn "hospitable" sa "impinge" kienu għand Dun Karm li kien qed jaqra t-tielet prova tagħhom. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 142. |

| | | |
|---|---|---|
| 1947 \| 28 ta' Lulju | Il-Lux tibgħat kont għax-xogħol li kien twettaq. Is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern jikteb lis-Segretarju tal-Gvern biex jara li l-Onor. Teżorier joħroġ warrant speċjali li jippermettilu jħallas l-ispejjeż f'dan ir-rigward sa dik is-sena finanzjarja. L-istima tiegħu hi li kien se jeħtieġ £90. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 148. |
| 1948-1954 | Il-Kumitat tad-Dizzjunarju ma jidhirx fil-lista ta' bordijiet prinċipali fir-rapport tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.<br><br>Ma jissemma lanqas f'ebda rapport dwar il-ħidma tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni mill-1948 'il quddiem. | ANM: GMR 1775 *Report on the Department of Education for the Years 1948-1954*, p. LIII. |
| 1949 \| 1 ta' Frar | Id-Direttur tal-Edukazzjoni jitlob kopji ta' dak li kien ippubblikat mid-dizzjunarju sa dak iż-żmien biex jgħaddihom lill-Ministru tal-Edukazzjoni.<br><br>Fil-5 ta' Frar, il-Ministru rċieva x-xogħol sal-ittra M. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 163.<br><br>ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 166. |

| | | |
|---|---|---|
| 1949 \| 16 t'April | Eddie Muscat minn Ħal Qormi jikteb ittra lill-Editur ta' *Il-Berqa* fejn jakkuża li l-Gvern ma jagħtix wisq widen tal-"għatx li hawn għal dizzjunarju Ingliż-Malti u ieħor Malti-Ingliż".<br><br>Jilmenta li ġieli faxxiklu dam ma ħareġ xahrejn u jistaqsi għala dad-dewmien meta hemm xogħol biżżejjed x'jiġi stampat.<br><br>Jispjega li l-għatx għad-dizzjunarju kien tant kbir li l-ewwel faxxikli ma stajtx issib tixtrihom. Jikteb ukoll li l-għatx ikompli jidher mill-ittri fil-ġurnali dwar dan is-suġġett.<br><br>Ifisser ukoll li minbarra dizzjunarju Ingliż-Malti hemm bżonn ieħor Malti-Ingliż. | ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*, minuta 168. |
| 1951 | Joħroġ it-tieni volum tad-Dizzjunarju. | Frontispizju tat-tieni volum. |
| 1952 | Sa hawn huwa dokumentat li l-istampar tad-Dizzjunarju baqa' jsir mil-Lux Press. | ANM: GMR 1624/1950; GMR 1675/1953; 1704/1951. |
| 1954 \| 9 ta' Diċembru | Id-Direttur tal-Edukazzjoni jagħmel talba biex il-ħlas li kien jieħu Dun Karm għall-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju jibqa' jingħatalu huwa u jirrevedi x-xogħol għar-ristampa tal-ewwel volum. Din it-talba ntlaqgħet fil-5 ta' Jannar 1955. | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary*, minuta 177. |

| | | |
|---|---|---|
| 1955 | Joħroġ it-tielet u l-aħħar volum tad-Dizzjunarju. | Frontispizju tat-tielet volum. |
| 1956 \| 31 ta' Jannar | L-Istamperija tal-Gvern kienet qed tistampa l-biċċiet mill-ewwel volum li ma kinux jinsabu għall-bejgħ ("missing parts").<br><br>Minħabba li l-istamperija kienet magħfusa b'xogħol ieħor u l-istampar ta' dawn il-faxxikli kellu jiġi sospiż, l-allowance li kien jieħu Dun Karm talli jirrevedi dawn il-faxxikli ġie sospiż ukoll.<br><br>Sas-6 ta' Marzu kompla l-istampar u Dun Karm seta' jerġa' jibda jieħu l-istess ħlas li kellu.<br><br>Jiġi kkonfermat li "[...] the volume of material work now being performed by Mgr Psaila is equal to that previously done by him." | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary*, minuta 172-178. |
| 1957 \| 23 ta' Lulju | Il-Parlament Malti għadda vot biex Dun Karm jibqa' jieħu pensjoni miżjuda daqslikieku baqa' jaħdem fuq id-Dizzjunarju bħala ħajr "għall-ġid li għamel favur il-Malti u l-Maltin." | Cachia, L. *Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali* (2011:101). |
| 1959 \| Diċembru | Is-sett sħiħ ta' tliet volumi tad-dizzjunarju kien jinbiegħ 8 xelini. It-tielet volum kont issib tixtrih imma partijiet mill-ewwel u t-tieni volum kienu out of print. | ANM: EDU 02 447/1948. *Dr Frendo Azzopardi – To ask the M. For E.* |

| | | |
|---|---|---|
| 1961 \| 13 ta' Ottubru | Imut Dun Karm | |
| 1964 | Id-Dizzjunarju ġie stampat mill-ġdid bl-offset fil-Production Division tad-Dipartiment tal-Informazzjoni. | Paġni preliminari tal-edizzjoni tad-Dizzjunarju stampata fl-1964. |
| 1966 \| 13 ta' Mejju | W. Abela jistaqsi lill-Prim Ministru Borg Olivier meta se jieħu passi biex jerġa' jiġi stampat id-Dizzjunarju ta' Dun Karm.<br><br>It-tweġiba tkun li kien qiegħed isir: l-ewwel volum kien stampat, it-tieni kien qed jiġi stampat u t-tielet kien għad irid jinbeda. Ikun għad fadal il-kollezzjonar u l-ħjata. Kien intenzjonat li d-Dizzjunarju jinbiegħ illegat fi tliet volumi u mhux f'faxxikli. | ANM: DOI 67/1966, *Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari ta' W. Abela lill-Prim Ministru*. Domanda nru 243. |
| 1967 \| 31 ta' Lulju | Id-Direttur tal-Informazzjoni jirċievi talba mingħand is-Sur Paul Borg (li kien jgħix Ontario, il-Kanada) biex ikun jista' jagħmel in-negozju mill-bejgħ ta' dan id-Dizzjunarju fil-Kanada. | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary,* DOI 205/1967, hemża nru 1. |

| | | |
|---|---|---|
| 1967 \| 16 ta' Awwissu | Is-Sur J. Cuschieri f'isem id-Direttur tad-Dipartiment ta-Informazzjoni (DOI) jinforma lis-Sur Paul Borg li d-Dizzjunarju jista' jinxtara bi 12-il xelin mid-DOI f'faxxikli mhux illegati.<br><br>Isemmi li l-ħwienet tal-kotba kienu jingħataw skont ta' bejn 10% u 25% li jvarja skont l-ammont ta' kopji li jixtru. | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary,* DOI 205/1967, hemża nru 2. |
| 1967 \| Settembru | Bi tweġiba għall-ittra li bagħat fil-25 ta' Awwissu 1967, id-DOI jiċċara ma' Borg li ħadd u taħt ebda ċirkostanza ma jingħata l-esklussività tal-bejgħ tad-Dizzjunarju. | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary,* DOI 205/1967, hemża nru 6. |
| 1967 \| 19 ta' Novembru | Borg jinforma lid-Direttur tad-DOI li r-rappreżentanta tiegħu f'Malta, Miss Carmen Borg, se tordna 110 dizzjunarji.<br><br>10 kopji tad-Dizzjunarju jaslu għandha fil-25 ta' Novembru 1967 u 100 kopja għand il-legatur Anthony Muscat jumejn wara. Ta' 110 kopji, Borg ħallset £49 u 10 xelini fid-9 ta' Diċembru 1967. | ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary,* DOI 205/1967, hemża nru 7.<br><br>Hemżiet 8-10. |

| | | |
|---|---|---|
| 2024 \| 3 ta' Diċembru | Jitħabbar ftehim bejn l-Università ta' Malta u Malta Libraries. Dan għandu jwassal għall-pubblikazzjoni tad-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo misjub mill-ġdid minn Steve Borg ta' Malta Libraries. | https://www.um.edu.mt/newspoint/news/2024/12/a-long-lost-maltese-dictionary-rediscovered<br><br>https://tvmnews.mt/news/jinstab-manuskritt-ta-dizzjunarju-mahsub-li-nqered-fit-tieni-gwerra-dinjija/ |

# Appendiċi – 2
## Tabelli u Figuri

| **Tabella 4: lista ta' lemmi minn 'Anglomania' sa 'appeasively' miġbura kemm mill-Manuskritt ta' Mamo kif ukoll mid-Dizzjunarju ta' Dun Karm:**[191] | | |
|---|---|---|
| **Lemma** | **Min jagħtiha** | **Kumment** |
| 1. Anglomania | DKM[192] | |
| 2. Anglophobia | DKM | |
| 3. Angola/Angora | DKM | |
| 4. Angrily | DKM | |
| 5. Angry | DKM | |
| 6. Anguine | DK | |
| 7. Anguineal | M | |
| 8. anguineous | M | |
| 9. anguish | DKM | |
| 10. angular | DKM | |
| 11. angularly | DKM | |
| 12. angulated | M | |
| 13. angulous | M | |

[191] Għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju qed nelimina erba' lemmi li jagħti Salvatore Mamo għaliex huma żbaljati u ma jitilgħux f'tiftixa fl-OED online. Dawn huma: *animalculain, annelate, aphtong* u *apostrophical*.

[192] M=Mamo; DK=Dizzjunarju ta' Dun Karm; DKM=il-lemma tidher kemm f'Dun Karm u kemm f'Mamo.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. | angust | M | Kelma li skont l-OED mietet fis-seklu 18. |
| 15. | anight/anights | M | |
| 16. | anile | DKM | |
| 17. | anileness | M | Kelma li skont l-OED mietet fis-seklu 18. |
| 18. | Aniline | DKM | |
| 19. | Anility | M | |
| 20. | animadversion | DKM | |
| 21. | animadvert | DKM | |
| 22. | animadverter | M | |
| 23. | animal | DKM | |
| 24. | animalcular | DKM | |
| 25. | animalcule | DKM | |
| 26. | animalism | DKM | |
| 27. | animality | M | |
| 28. | animalization | DK | |
| 29. | animalize | DKM | |
| 30. | animate (aġġ) | DKM | |
| 31. | animate (v) | DKM | |
| 32. | animated | DKM | |
| 33. | animatedly | DK | |
| 34. | animation | DKM | |
| 35. | animative | M | |
| 36. | animosity | DKM | |
| 37. | animus | DKM | |
| 38. | anise | DKM | |
| 39. | aniseed | M | |
| 40. | anisette | DKM | |
| 41. | ankle | DKM | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 42. | anklet | M | |
| 43. | annalise | M | |
| 44. | annalist | DKM | |
| 45. | annalistic | DK | |
| 46. | annals | DKM | |
| 47. | annates | DKM | |
| 48. | anneal | DKM | |
| 49. | annealing | M | |
| 50. | annex (n) | DKM | |
| 51. | annex (v) | DKM | |
| 52. | annexable | DKM | |
| 53. | annexation | DKM | |
| 54. | annexment | M | |
| 55. | annihilable | M | |
| 56. | annihilate | DKM | |
| 57. | annihilation | DKM | |
| 58. | anniversary | DKM | |
| 59. | Anno Domini/A.D. | DKM | |
| 60. | Anno Mundi/A.M. | M | |
| 61. | annona | M | |
| 62. | annotate | DKM | |
| 63. | annotation | DKM | |
| 64. | annotator | DKM | |
| 65. | announce | DKM | |
| 66. | announcement | DKM | |
| 67. | announcer | DK | |
| 68. | annoy | DKM | |
| 69. | annoyance | DKM | |
| 70. | annoyer | M | |
| 71. | annoying | M | |

| | | |
|---|---|---|
| 72. annual (aġġ) | DKM | |
| 73. annual (n) | DKM | |
| 74. annually | DKM | |
| 75. annuitant | DKM | |
| 76. annuity | DKM | |
| 77. annul | DKM | |
| 78. annular | DKM | |
| 79. annulary | DKM | Dun Karm jagħti *annularly* [sic] |
| 80. annulate | DKM | |
| 81. annulated | DKM | |
| 82. annulation | DK | |
| 83. annulet | M | |
| 84. annulment | DKM | |
| 85. annuloid/annulose | DKM | |
| 86. annumerate | DKM | Kelma arkajka reġistrata l-aħħar fl-OED fl-1808. Dun Karm jagħti *enumerate*. |
| 87. annumeration | DKM | Dun Karm jagħti *enumeration* |
| 88. annunciate | DKM | |
| 89. annunciation | DKM | |
| 90. annunciator | DK | |
| 91. anodyne | DKM | |
| 92. anoint | DKM | |
| 93. anointed | M | |
| 94. anointer | M | |
| 95. anointment | DKM | Dun Karm jagħti *annointment* |
| 96. anomalism | M | |
| 97. anomalistic | M | |
| 98. anomalistical | M | |

| | | |
|---|---|---|
| 99. anomalous | DKM | |
| 100. anomalously | DK | |
| 101. anomaly | DK | |
| 102 anon | DKM | |
| 103. anonymity | M | |
| 104. anonymous | DKM | |
| 105. anonymously | DKM | |
| 106. anopheles | DK | |
| 107. anorexy | M | |
| 108. another | DKM | |
| 109. anourous/anurous | M | |
| 110. ansated | M | |
| 111. anserine | M | |
| 112. anserous | M | |
| 113. answer (n) | DKM | |
| 114. answer (v) | DKM | |
| 115. answerable | DKM | |
| 116. answerableness | M | |
| 117. answerer | M | |
| 118. ant | DKM | |
| 119. antagonism | DK | |
| 120. antagonist | DKM | |
| 121. antagonistic | DKM | |
| 122. antagonistical | M | |
| 123. antagonistically | DK | |
| 124. antagonize | DKM | |
| 125. antalgic | M | |
| 126. Antarctic | DKM | |
| 127. ante- | DK | |
| 128. ante-act | M | |

| | | |
|---|---|---|
| 129. antecede | M | |
| 130. antecedent | DKM | |
| 131. antecedently | DKM | |
| 132. antecessor | M | |
| 133. antechamber | DKM | |
| 134. antecursor | M | |
| 135. antedate (n) | DKM | |
| 136. antedate (v) | DKM | |
| 137. antediluvian | DKM | |
| 138. antelope | DKM | |
| 139. antemeridian | DKM | |
| 140. antemundane | M | |
| 141. antenatal | DK | |
| 142. antenna | DKM | |
| 143. antennal | DK | |
| 144. antennary | DK | |
| 145. antenuptial | DKM | |
| 146. antepaschal | M | |
| 147. antepast | M | |
| 148. antepenult/ antepenultima | DKM | |
| 149. antepenultimate | DKM | |
| 150. antepone | M | |
| 151. anterior | DKM | |
| 152. anteriority | DKM | |
| 153. anteriorly | DKM | |
| 154. anteroom | DKM | |
| 155. anthem | DKM | |
| 156. anther | DKM | |
| 157. anthology | DKM | |

| | | |
|---|---|---|
| 158. Anthony's (St) fire | DKM | |
| 159. anthracite | DKM | Mamo jagħti *anthrocite* [sic] |
| 160. anthracitic | DKM | Mamo jagħti *anthrocitic* [sic] |
| 161. anthrax | DKM | Mamo jagħti *anthrox* [sic] |
| 162. anthropologic | DKM | |
| 163. anthropological | M | |
| 164. anthropologically | DK | |
| 165. anthropology | DKM | |
| 166. anthropophagi | DKM | |
| 167. anthropophagous | DKM | |
| 168. anthropophagy | DKM | |
| 169. anti- | DK | |
| 170. anti-aircraft | DK | |
| 171. antic | DKM | |
| 172. Antichrist | DKM | |
| 173. anti-Christian | DKM | Dun Karm u Mamo jagħtu *antichristian* |
| 174. anti-Christianism | DKM | Dun Karm u Mamo jagħtu *antichristianism* |
| 175. anti-Christianity | DKM | Dun Karm u Mamo jagħtu *antichristianity* |
| 176. anticipant | DK | |
| 177. anticipate | DKM | |
| 178. anticipation | DKM | |
| 179. anticipative | DK | |
| 180. anticipatively | DK | |
| 181. anticipator | DKM | |
| 182. anticipatory | DKM | |
| 183. anticlimax | DKM | |
| 184. anticly | M | Mamo jagħti *anticely* [sic] |
| 185. antidotal | DKM | |

| | | |
|---|---|---|
| 186. antidotary | M | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 17. |
| 187. antidote | DKM | |
| 188. antifebrile | M | |
| 189. antimcassar | DK | |
| 190. antimonarchical | DKM | |
| 191. antimonial | DKM | |
| 192. antimony | DKM | |
| 193. anti-papal | DKM | Dun Karm u Mamo jagħtu *antipapal* |
| 194. anti-papastical | M | Mamo jagħti *antipapastical* |
| 195. antipathetic | DKM | |
| 196. antipathetical | DKM | |
| 197. antipathy | DKM | |
| 198. antipendium | M | |
| 199. antiphon/antiphony | DKM | |
| 200. antiphonal | DK | |
| 201. antiphonally | DK | |
| 202. antiphrasis | M | |
| 203. antipodal | DKM | |
| 204. antipodean | DK | |
| 205. antipodes | DKM | |
| 206. antipope | DKM | |
| 207. antiquarian | DKM | |
| 208. antiquarianism | M | |
| 209. antiquary | DKM | |
| 210. antiquate (aġġ) | DK | |
| 211. antiquate (v) | DKM | |
| 212. antiquated | M | |
| 213. antiquatedness | M | |

| | | |
|---|---|---|
| 214. antique | DKM | |
| 215. antiqueness | DKM | |
| 216. antiquity | DKM | |
| 217. antiscorbutic | M | |
| 218. antiscriptural | DKM | |
| 219. antiseptic | DK | |
| 220. antiseptically | DK | |
| 221. antispasmodic | DKM | |
| 222. antispastic | M | |
| 223. antithesis | DKM | |
| 224. antithetic | DKM | |
| 225. antithetical | DKM | |
| 226. antithetically | DK | |
| 227. antitoxin | DK | |
| 228. antitype | M | |
| 229. antler | DKM | |
| 230. antonomasia | DKM | |
| 231. antonym | DK | |
| 232. antre | M | |
| 233. anus | DKM | |
| 234. anvil | DKM | |
| 235. anxiety | DKM | |
| 236. anxious | DKM | |
| 237. anxiously | DKM | |
| 238. anxiousness | M | |
| 239. any | DKM | |
| 240. anybody | DK | |
| 241. anyhow | DKM | |
| 242. anyone | DK | |
| 243. anything | DKM | |

| | | |
|---|---|---|
| 244. anywhere | DKM | |
| 245. anywise | DKM | |
| 246. ANZAC | DK | |
| 247. aorist | DK | |
| 248. aorta | DKM | |
| 249. aortal | M | |
| 250. aortic | DKM | |
| 251. apace | DKM | |
| 252. apanage/appanage | DKM | Mamo jagħti *appange* [sic] |
| 253. apart | DKM | |
| 254. apartment | DKM | |
| 255. apathetic | DKM | |
| 256. apathetically | DKM | |
| 257. apathist | M | |
| 258. apathy | DKM | |
| 259. ape | DKM | |
| 260. apeak | DKM | |
| 261. aperient/aperitive | DKM | |
| 262. aperture | DKM | |
| 263. apetalous | DKM | |
| 264. apex | DKM | |
| 265. aphelion | DKM | |
| 266. aphorism | DKM | |
| 267. aphorismic | DK | |
| 268. aphoristic/ aphoristical | DKM | |
| 269. aphoristically | DKM | |
| 270. aphyllous | DK | |
| 271. apiary | DKM | |
| 272. apiece | DKM | |

| | | |
|---|---|---|
| 273. apish | DKM | |
| 274. apishly | DKM | |
| 275. apishness | DKM | |
| 276. apocalypse | DKM | |
| 277. apocalyptic | DKM | Mamo jagħti *apocalystic* [sic] |
| 278. apocalyptical | DKM | Mamo jagħti *apocalystical* [sic] |
| 279. apocalyptically | DK | |
| 280. apocope | DK | Mamo jagħti *apocape* [sic] |
| 281. apocrypha | DKM | Mamo jagħti *apocripha* [sic] |
| 282. apocryphal | DKM | Mamo jagħti *apocriphal* [sic] |
| 283. apocryphally | DKM | Mamo jagħti *apocriphally* [sic] |
| 284. apocryphalness | M | Mamo jagħti *apocriphalness* [sic] |
| 285. apogee | DKM | |
| 286. apologetic | M | |
| 287. apologetical | M | |
| 288. apologetically | DKM | |
| 289. apologetics | DK | |
| 290. apologise | M | |
| 291. apologiser | M | |
| 292. apologist | M | |
| 293. apologize | DKM | |
| 294. apologue | DKM | |
| 295. apology | DKM | |
| 296. apophtegm | DKM | Mamo jagħti *apothegin* [sic] |
| 297. apophtegmatic | DKM | |
| 298. apophtegmatical | M | |
| 299. apophtegmatically | DK | |
| 300. apoplectic | DKM | |
| 301. apoplectical | M | |

| | | |
|---|---|---|
| 302. apoplectically | DK | |
| 303. apoplexy | DKM | |
| 304. apostasy | DKM | |
| 305. apostate | DKM | |
| 306. apostatical | DK | |
| 307. apostatize | DKM | |
| 308. apostemate | M | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 17. |
| 309. aposteme | M | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 18. |
| 310. apostil | DK | |
| 311. apostle | DKM | |
| 312. apostleship | DKM | |
| 313. apostolate | DK | |
| 314. apostolic | DKM | |
| 315. apostolical | DKM | |
| 316. apostolically | DKM | |
| 317. apostrophe | DKM | |
| 318. apostrophic | DKM | |
| 319. apostrophize | DKM | |
| 320. apothecary | DKM | |
| 321. apotheosis | DKM | |
| 322. apozem | M | Kelma mejta jew arkajka reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 19. |
| 323. appal (v) | DKM | |
| 324. appall (n) | M | Mamo jagħti *appal* [sic] |
| 325. appalling | DK | Dun Karm jagħti *appaling* [sic] u Mamo jagħti *appling* [sic] |
| 326. appallingly | DK | Dun Karm u Mamo jagħtu *appalingly* [sic] |

| | | |
|---|---|---|
| 327. appallment | M | Mamo jagħti *appalment* [sic] |
| 328. appanagist | M | |
| 329. apparatus | DKM | |
| 330. apparel (n) | DKM | |
| 331. apparel (v) | DKM | |
| 332. apparency | M | Mamo jagħti *appearency* |
| 333. apparent | DKM | |
| 334. apparently | DKM | |
| 335. apparentness | M | |
| 336. apparition | DKM | |
| 337. apparitor | DKM | |
| 338. appeal (n) | DKM | |
| 339. appeal (v) | DKM | |
| 340. appealable | DKM | |
| 341. appealer | M | |
| 342. appealing | DK | |
| 343. appeallant | M | |
| 344. appear | DKM | |
| 345. appearance | DKM | |
| 346. appearer | M | |
| 347. appeasable | DKM | |
| 348. appeasableness | M | |
| 349. appease (n) | DK | |
| 350. appease (v) | DKM | |
| 351. appeasement | DKM | |
| 352. appeaser | M | |
| 353. appeasing | M | |
| 354. appeasive | DKM | |
| 355. appeasively | DKM | |




Figura 6: F'liema dizzjunarji jidhru t-355 lemma

| **Tabella 5: Lista ta' lemmi li jinsabu biss fid-DMM u mhux fid-DIM** | |
|---|---|
| **Lemma** | **X'jagħti Dun Karm u kummenti oħra** |
| 1. anguineal | anguine |
| 2. anguineous | anguine |
| 3. angulated | angular, angulous, angularly |
| 4. angulous | angle |
| 5. angust | Kelma li skont l-OED mietet fis-seklu 18. Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 6. anight/anights | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 7. anileness | Kelma li skont l-OED mietet fis-seklu 18. Dun Karm jagħti *anile*. |
| 8. anility | anile |
| 9. animadverter | animadvert, animadversion |
| 10. animality | animal, animalize, animalization, animalism |
| 11. animative | animate, animation, animated, animatedly |
| 12. aniseed | anise, anisette |
| 13. anklet | ankle |
| 14. annalise | annalist, annalistic |
| 15. annealing | anneal |

| | |
|---|---|
| 16. annexment | annex, annexation, annexable |
| 17. annihilable | annihilate, annihilation |
| 18. Anno Mundi/A.M. | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 19. annona | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 20. annoyer | annoy, annoyance |
| 21. annoying | annoy, annoyance |
| 22. annulet | annular, annularly |
| 23. anointed | anoint, anointment |
| 24. anointer | anoint, anointment |
| 25. anomalism | anomalous, anomalously |
| 26. anomalistic | anomalous, anomalously |
| 27. anomalistical | anomalous, anomalously |
| 28. anonymity | anonymous, anonymously |
| 29. anorexy | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 30. anourous/anurous | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 31. ansated | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 32. anserine | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 33. anserous | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 34. answerableness | answer, answerable |
| 35. answerer | answer, answerable |
| 36. antagonistical | antagonize, antagonism, antagonist, antagonistic, antagonistically |
| 37. antalgic | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 38. ante-act | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 39. antecede | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 40. antecessor | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 41. antecursor | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 42. antemundane | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 43. antepaschal | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 44. antepast | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |

| | |
|---|---|
| 45. antepone | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 46. anthropological | anthropology, anthropologic, anthropologically |
| 47. anticly | Mamo jagħti *anticely* [sic] |
| 48. antidotary | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 17. |
| 49. antifebrile | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 50. anti-papastical | Dun Karm jagħti *anti-papal* |
| 51. antipendium | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 52. antiphrasis | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 53. antiquarianism | antiquary, antiquarian, antiquate, antiquated, antique, antiquity |
| 54. antiquated | antique, antiqueness, antiquary, antiquarian, antiquate, antiquity |
| 55. antiquatedness | antique, antiqueness, antiquary, antiquarian, antiquate, antiquity |
| 56. antiscorbutic | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 57. antispastic | antispasmodic |
| 58. antitype | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 59. antre | Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 60. anxiousness | anxious, anxiously, anxiety |
| 61. aortal | aorta, aortic |
| 62. apathist | apathy, apathetic, apathetically |
| 63. apocryphalness | Mamo jagħti *apocriphalness* [sic] |
| 64. apologetic | apology, apologetically, apologize |
| 65. apologetical | apology, apologetically, apologize |
| 66. apologise | apology, apologetically, apologize |
| 67. apologiser | apology, apologetically, apologize |
| 68. apologist | apology, apologetically, apologize |
| 69. apophtegmatical | apophtegm, apophtegmatic |
| 70. apoplectical | apoplexy, apoplectic, apoplectically |

| | |
|---|---|
| 71. apostemate | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 17. Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 72. aposteme | Kelma mejta reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 18. Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 73. apozem | Kelma mejta jew arkajka reġistrata l-aħħar fl-OED fis-seklu 19. Dun Karm ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 74. appall (n) | Mamo jagħti *appal* [sic] |
| 75. appallment | Mamo jagħti *appalment* [sic]. Dun Karm jagħti *appal, appaling, appalingly* |
| 76. appanagist | appanage |
| 77. apparency | Mamo jagħti *appearency*. Dun Karm jagħti *appearance* |
| 78. apparentness | apparent, apparently |
| 79. appealer | appeal, appealing, appealable |
| 80. appeallant | appeal, appealing, appealable |
| 81. appearer | apparition, apparitor |
| 82. appeasableness | appease, appeasable, appeasement, appeasive, appeasively |
| 83. appeaser | appease, appeasable, appeasement, appeasive, appeasively |
| 84. appeasing | appease, appeasable, appeasement, appeasive, appeasively |

| **Tabella 6: Lemmi li qegħdin fid-DIM imma mhux fid-DMM** | |
|---|---|
| **Lemma** | **X'jagħti Mamo u kummenti oħra** |
| 1. anguine | anguineal |
| 2. animalization | animal, animalise, animalism |
| 3. animatedly | animate, animated |
| 4. annalistic | annals, annalise |

| | |
|---|---|
| 5. announcer | announce, announcement |
| 6. annulation | annulate, annulated |
| 7. annunciator | annunciate, annunciation |
| 8. anomalously | anomalistic, anomalistical, anomalous, anomalism, anomality [sic] |
| 9. anomaly | Mamo jagħti *anomality* [sic] |
| 10. anopheles | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 11. antagonism | antagonise, antagonist, antagonistic, antagonistical |
| 12. antagonistically | antagonise, antagonist, antagonistic, antagonistical |
| 13. ante- | Mamo ma jagħtix definizzjoni tal-prefiss. |
| 14. antenatal | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 15. antennal | antenna |
| 16. antennary | antenna |
| 17. anthropologically | anthropology, anthropologic, anthropological |
| 18. anti- | Mamo ma jagħtix definizzjoni tal-prefiss. |
| 19. anti-aircraft | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. L-eqdem rekord li hemm fl-OED huwa tal-1911. Mamo kien qed idomm id-Dizzjunarju l-Manuskritt wara li ppubblika d-dizzjunarju tal-1885 u miet fl-1918. |
| 20. anticipant | anticipate, anticipator, anticipation, anticipatory |
| 21. anticipative | anticipate, anticipator, anticipation, anticipatory |
| 22. anticipatively | anticipate, anticipator, anticipation, anticipatory |
| 23. antimcassar | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 24. antiphonal | antiphon, antiphony |
| 25. antiphonally | antiphon, antiphony |
| 26. antipodean | antipodes, antipodal |
| 27. antiquate (aġġ) | antiquate (v) |

| | |
|---|---|
| 28. antiseptic | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 29. antiseptically | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 30. antithetically | antithesis, antithetic, antithetical |
| 31. antitoxin | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 32. antonym | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 33. anybody | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 34. anyone | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 35. ANZAC | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. L-Australian and New Zealand Army Corps magħrufin l-aktar għar-rwol tagħhom fil-Kampanja ta' Gallipoli fl-1915, meta Mamo kien għadu ħaj. |
| 36. aorist | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 37. aphorismic | aphorism, aphoristic, aphoristical, aphoristically |
| 38. aphyllous | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 39. apocalyptically | *apocalystical* [sic] |
| 40. apocope | Mamo jagħti *apocape* [sic] |
| 41. apologetics | apology, apologetic, apologetical, apologetically, apologize, apologizer, apologist |
| 42. apophtegmatically | apothegin [sic], apothegmatic [sic], apothegmatical [sic] |
| 43. apoplectically | apoplexy, apoplectic, apoplectical |
| 44. apostatical | apostate |
| 45. apostil | Mamo ma jkoprix dan l-ispazju lessikali. |
| 46. apostolate | apostle, apostleship, apostolic, apostolical, apostolically |
| 47. appalling | Dun Karm jagħti *appaling* [sic] u Mamo jagħti *appling* [sic] |
| 48. appallingly | Dun Karm u Mamo jagħtu *appalingly* [sic] |
| 49. appealing | appeal, appeallant [sic], appealer, appealable |
| 50. appease (n) | appease (v) |

| **Tabella 7: Kampjun ta' entrati[193] komuni bejn id-Dizzjunarju Manuskritt ta' Mamo u dak ta' Dun Karm** | | | |
|---|---|---|---|
| | **Mamo Manuskritt** | **Dun Karm** | **Kumment** |
| 1. anglomania | Anglomanija (ġenn għall-Ingliżi u għal kulma hu Ingliż) | Anglomanija (ġenn għall-Ingliżi u għal kulma hu Ingliż) | |
| 2. angular | Angulari; mnikkeb.<br>• *Angular irregularity*, xtur<br>• *Angular stone*, għareb | Mnikkeb; magħlub (bniedem); bil-ġogi mingħajr silta laħam fihom.<br>• *Angular stone*, għareb | Miżjuda t-tifsira ta' *wanting plumpness* li tinsab fl-*Oxford* (taħt "angular"). |
| 3. animadversion | Timgħir; megħra. | Tmegħir; megħra. | |
| 4. animate | Ħeja; ta l-ħajja, ir-ruħ. | Ħeja; ta l-ħajja, ir-ruħ. | |
| 5. animus | Animu; ħsieb; fehma. | Animu; bagħda; mibegħda. | Miżjuda t-tifsira ta' *animosity* li tinsab fl-*Oxford* (taħt "animus"). |
| 6. annals | Annali, kitba ta' ġrajjiet minn sena għal sena. | Annali, kitba ta' ġrajjiet ta' sena. | |

193 Dan huwa kampjun randomizzat tal-entrati li hemm komuni bejn iż-żewġ dizzjunarji. Fil-kampjun inqabdu kwart ta' dawn l-entrati, iżda l-qawwa rappreżentattiva ta' dan il-kampjun hija ferm akbar minħabba li, kif rajna, il-lessikografi ġieli għażlu li ma jiktbux entrata għal kull lemma.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. annex | (v) Annetta; waħħal; żied ma'. (n) Żjieda f'bini jew ħaġ'oħra. | (v) Żied, qiegħed ma'; waħħal; għaqqad. (n) Żjieda f'bini jew f'ħaġ'oħra. | Preferenza għall-kelma ta' nisel Semitiku (*għaqqad*) minflok *annetta* li skont Aquilina kien diġà taha Magro. |
| 8. anniversary | (n) Anniversarju, jum li fih tagħlaq sena xi ġrajja jew tiġġedded ta' kull sena t-tifkira tagħha. (ad) Anniversarju, ta' kull sena. | Anniversarju; għeluq is-sena ta' xi ġrajja jew it-tifkira tagħha ta' kull sena. | Ma tingħatax it-tifsira aġġettivali. |
| 9. announce | Annunzja; ħabbar; għarraf; avża. | Ħabbar; għarraf. | Tingħata preferenza lill-kelmiet ta' nisel Semitiku. |
| 10. annual | Annwali; ta' kull sena; li jsir f'sena, li jdum sena. • *Semi-annual*, ta' sitt xhur. | (a. & n.) Ta' kull sena; li jsir f'sena jew idum sena (siġar, kotba, eċċ.) | Bħal fl-*Oxford*, ma tingħatax *semi-annual* u jingħataw l-istess eżempji tal-*Oxford* bejn il-parentesi. |
| 11. annuitant | Min għandu jieħu xi annwalità. | Min għandu xi annwalità. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. annuity | Annwalità, għati, ħlas ta' kull sena.<br>• *Contingent annuity*, vitalizju (għotja ta' xi ħaġa ta' kull sena lil xi ħadd tul għomru).<br>• *Interminable annuity*, renta għal dejjem<br>• *To buy up an a.*, feda ċens.<br>• *To settle an annuity upon*, ħalla vitalizju lil.<br>• *To sink money in an annuity*, qiegħed flus bl-imgħax għal dejjem bla ma jista' jeħodhom lura. | Annwalità; somma ta' flus li titħallas, tingħata ta' kull sena.<br>• *Life annuity*, vitalizju (għoti ta' xi ħaġa ta' kull sena lil xi ħadd tul għomru).<br>• *Perpetual annuity*, renta għal dejjem.<br>• *To buy up an annuity*, feda ċens.<br>• *To settle a life annuity upon*, ħalla vitalizju lil. | Titħalla barra kelma arkajka. *Life annuity* u *perpetual annuity* jiġu aġġornati skont kif jidhru fl-*Oxford*. |
| 13. annulose | Magħmul ħolqa ġol-oħra jew ħoloq ħoloq. | Bħal ħolqa. | Issimplifikata bħal fl-*Oxford*, "*ring like*" (taħt "annulose"). |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. anodyne | Anodina (duwa ttaffi l-uġigħ); --ad. Li jtaffi l-uġigħ. | (a. & n.) (Mediċina) li ttaffi l-uġigħ; kull ħaġa li sserraħ il-moħħ. | Ma jingħatax terminu ekwivalenti, u, bħall-*Oxford*, tiżdied tikketta tat-tifsir u t-tifsira: "*anything mentally soothing*" (taħt "anodyne"). |
| 15. anonymous | Anonimu; bla isem. | Anonimu; bla isem; ta' awtur mhux magħruf (ktieb, ittra, eċċ.). | Tiżdied tifsira li tinsab fl-*Oxford*: "*of unknown autorship*" (taħt "anonymous". |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16. answer (n) | Tweġiba; risposta.<br>• *A quiet answer, turneth away wrath*, bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba.<br>• *No answer!* Xejn ma tirrispondi! Ma rrid nisma' xejn.<br>• *Stuffing answer*, risposta mgerxa [sic], ma tgħid xejn.<br>• *To give answers*, wieġeb waħda f'waħda bla nifs ta' xejn.<br>• *To send, return, an answer*, bagħat, ta risposta.<br>• *To wait for an answer*, stenna risposta. | Tweġiba; risposta.<br>• *To give an answer*, wieġeb; ta risposta.<br>• *In answer to your letter*, bi tweġiba għall-ittra tiegħek. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 17. answer (v) | (v.t.) Wieġeb; irrisponda; ħabat għal; għamel tajjeb, qabel ma'.<br>• *To answer a question*, wieġeb għal mistoqsija.<br>• *To answer a letter*, irrisponda ittra.<br>• *This will answer our business*, dan ikun jaħbtilna, jaqblilna.<br><br>(v.i.) Wieġeb; irrisponda; qabel; ħabat; xeraq; għamel tajjeb għal.<br><br>• *I will answer for him*, jiena nagħmillu tajjeb. | (v.t. & i.) Wieġeb; irrisponda; ħabat lil,<br>• *To answer for*, għamel tajjeb.<br>• *To answer to*, qabel ma'.<br>• *To answer to the name of X*, jismu X.<br>• *To answer the bell*, mar jiftaħ (il-bieb).<br>• *Answer the purpose of*, qeda ta'.<br>• *This will answer our business*, dan jaħbtilna, jaqblilna. | L-espressjoni bl-eżempju *answer to the name of X* turi kemm il-Kumitat kellu quddiemu l-*Oxford*. |
| 18. Antarctic | Antartiku (tan-Nofsinhar, l-opp. ta' Artiku). | Antartiku; ta' Nofsinhar (Sud).<br>• *Antartic Pol*, il-pol ta' Isfel. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 19. antechamber | Antikamra (kamra qabel ma tidħol fis-sala). | Antikamra (kamra qabel ma tidħol fis-sala jew fl-uffiċċju). | |
| 20. antemeridian | Antemeridjan; ta' qabel nofsinhar; ta' filgħodu. | (imqassra f'a.m.) Antimeridjan; ta' qabel nofsinhar; ta' filgħodu. | |
| 21. antepenult | Antepenultima, n. Antipenultima; is-sillaba ta' qabel l-aħħar tnejn. | Antipenultima; is-sillaba ta' qabel l-aħħar tnejn. | |
| 22. anthem | Antifona; metett; daqqa.<br>• *Anthemwise*, bħal antifona; bin-newba; darba iva u oħra le.<br>• *The national anthem*, id-daqqa tar-Re. | Antifona; mutett; daqqa; innu.<br>• *The national anthem*, l-innu nazzjonali. | Interessanti l-aġġornamenti li jagħmel il-Kumitat fi żmien meta kien diġà nkiteb l-Innu Malti. Idaħħal l-espressjoni *innu nazzjonali* minflok il-frażi li kienet saret kważi-idjomatika *d-daqqa tar-re*. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 23. anthology | Antoloġija, taħdit fuq il-ward; ġabra ward; ġabra taqbil sabiħ fi ktieb wieħed. | Antoloġija; ġabra ta' ward letterarju; ġabra ta' poeżijiet qosra, eċċ. | |
| 24. anthropology | antropoloġija (tagħlim fuq ġens il-bniedem) | Antropoloġija (tagħlim fuq ġens il-bniedem). | |
| 25. antichrist | Antikrist (għadu ta' Kristu, tal-Insara) | Antikrist (għadu ta' Kristu, tal-Insara, l-iżjed dak li hu mistenni fl-aħħar tad-dinja). | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *expected by early Church to appear before end of world* (taħt "antichrist"). |
| 26. anticipate | Antiċipa; beda qabel; bakar; fiet (o). | Basar; stenna; ħaseb, ra, hejja minn qabel; beda qabel; ta bil-quddiem; antiċipa. | Tiġi evitata l-kelma arkajka *fiet*. |
| 27. antidotal | Li jiswa bħala antidotu. | Li jiswa bħal antidotu. | |
| 28. antipapal, antipapastical | Kontra l-Papa. | Kontra l-Papa. | |
| 29. antipodal | Tal-antipodi. | Tal-antipodi. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 30. antiquary | Antikwarju (min mogħti għat-tagħlim ta' u jifhem fil-ħwejjeġ antiki). | Antikwarju; min hu mogħti għat-tagħlim ta' ħwejjeġ antiki u jifhem fihom; min jiġbor l-antikitajiet. | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *collector of antiquities* (taħt "antiquary"). |
| 31. antithesis | Antitesi (tmerija; il-maqlub, il-kuntrarju ta' kelma, ħaġa lil oħra) | Antitesi; il-kuntrast bejn żewġ kelmiet jew żewġ ħwejjeġ li ma jaqblux bejniethom. | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *Contrast of ideas expressed by parallelism of strongly contrasted words* (taħt "antithesis"). |
| 32. anus | Ano (toqbet maqgħad il-bniedem) | It-toqba jew il-fomm tal-musrana d-dritta. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 33. any | Xi; kull; koll; xi ftit daqsxejn; xejn.<br>• *Anything*, li jkun ikun.<br>• *Anything will do to me*, kollox jiswieli, kollox jgħodd għalija.<br>• *Any-wise*, b'kull mod.<br>• *At any time*, meta jkun ikun.<br>• *Have you any?* Għandek xi ftit?<br>• *Have you any money?* Għandek flus?<br>• *Have you anything to say?* Għandek xi tgħid?<br>• *I have not any*, ma għandi xejn.<br>• *In any place*, fejn ikun ikun.<br>• *When any one asks for me*, meta xi ħadd isaqsi għalija, ifittxni. | (pron. & adv.) Xi; kull; xi ftit; daqsxejn.<br>• *Any time*, kull żmien, ikun meta jkun.<br>• *Anything will do to me*, kollox jiswieli, kollox jgħodd għalija.<br>• *Any of these is enough*, Kull wieħed (waħda) minn dawn biżżejjed.<br>• *Have you any?* Għandek xi ftit?<br>• *I have not any*, ma għandi xejn.<br>• *Is that any better?* Taħseb li dak xi ftit aħjar? | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 34. anyhow | Hekk jew hekk; hu x'inhu; hu kif inhu.<br>*Though unasked anyhow I shall go*, għad li bla mistieden, hekk jew hekk immur. | (adj. & conj.) Hekk jew hekk; kien kif kien; hu kif inhu.<br>• *He does his work anyhow*, tajjeb jew ħażin, xogħlu jagħmlu. | Tiddaħħal espressjoni li qiegħda fl-*Oxford*. |
| 35. aorta | Aorta (l-eħxen arterja fil-ġisem). | Aorta; arterja ħoxna li toħroġ mill-ventrikolu tax-xellug tal-qalb. | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *Great artery or trunk of the arterial stystem, issuing from left ventricle of the heart* (taħt "aorta"). |
| 36. apace | Bilġri; malajr; fis; bil-għaġla f'daqqa.<br>• *To go apace*, mar bilġri, għaġġel.<br>• *To grow apace*, kiber malajr, bis-sigħat. | Bilġri; malajr; fis.<br>• *To grow apace*, kiber malajr, bis-sigħat. | |
| 37. apartment | Appartament (qatgħa kmamar minn dar). | Appartament; kamra; qatgħa kmamar minn dar. | Tiżdied tifsira li qiegħda fl-*Oxford: single room of a house* (taħt "apartment"). |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 38. ape | Xadin; ketmejmun. | Xadin (bla denb); gidmejmun. | Jiżdied dettall mill-*Oxford*: *tailless monkey* (taħt "ape"). |
| 39. apex | Quċċata; ras; tarf; ponta; għolja. | Quċċata; ras; tarf; ponta; għolja; il-ponta ta' qartas. | |
| 40. apiece | Kull biċċa, l-biċċa; kull wieħed; l-wieħed; kull ras, ir-ras.<br>• *Penny apiece*, sold il-biċċa. | Kull biċċa; il-biċċa; kull wieħed; il-wieħed; kull ras, ir-ras.<br>• *Penny apiece*, sold il-biċċa. | |
| 41. apocalypse | Apokalissi (lehmet San Ġwann). | Apokalissi; wirja ta' ħwejjeġ moħbija (l-iżjed dik ta' San Ġwann); ktieb tal-Għaqda l-Ġdida. | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *Revelation, especially that made to St John in island of Patmos; book recording this* (taħt "apocalypse"). |
| 42. apocrypha | Kotba apokrifi (bla mwettqin mill-Knisja). | Kotba apokrifi (mhumiex imwettqin mill-Knisja – mhux ta' min joqgħod jew jorbot fuqhom.) | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 43. apologize | Għamel apoloġija; talab mogħdrija, skuża. | Għamel apoloġija; talab skuża. | |
| 44. apoplectic, apoplectical | Ta' puplesija, koċċla, riħa-ta'-dik; pupletku, ikkuċċlat; għandu riħ-ta'-dik<br>• *To have an apoplexy, stroke*, tatu puplesija, koċċla, riħ-ta'-dik. | Ta' puplesija, koċċla; pupletku; ikkuċċlat. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 45. apoplexy | Puplesija; koċċla; riħ-ta'-dik.<br>• *Fulminant apoplexy*, puplesija fulminanti, taħtfek f'daqqa.<br>• *To be seized, struck with apoplexy*, tatu, qabditu koċċla; ikkoċċla.<br>• *To have an attack of apoplexy*, kellu kolp ta' puplesija, koċċla. | Puplesija; koċċla; riħ-ta'-dik; riħ ħażin.<br>• *To be seized, struck with apoplexy*, tatu, qabditu koċċla.<br>• *To have an attack of apoplexy*, kellu kolp ta' puplesija, koċċla; għaddieh riħ ħażin.<br>• *To have an apoplectic stroke*, tatu puplesija, koċċla, riħ-ta'-dik. | |
| 46. apostle | Appostlu; rasul (o). | Appostlu; rasul.<br>• *Apostles' Creed*, il-Kredu (ġabra fil-qasir tal-prinċipji tal-Fidi li ġejjin mill-Appostli). | Tinżamm kelma arkajka. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 47. apostrophe | Apostrofi (qtigħ id-diskors f'daqqa waħda minn min ikun jisma' b'tisjieħa lil min ma jkunx); apostrofu (taqsir kelma b'xi nuqqas ta' ittra jew ittri; l-għeliem (') għal dan-nuqqas. | Apostrofi; (Ret.) figura li biha min jitkellem jew jikteb, jitħaddet ma' min hu fil-bogħod jew mejjet u xi drabi ma' ħwejjeġ bla ruħ; appostrofu; għeliem (') li juri nuqqas ta' xi ittri f'kelma (bħal *don't*) jew ta' min hi l-ħaġa (bħal *boy's*). | Isir aġġornament li jsegwi l-*Oxford*: *(Rhet.) Exclamatory address, in course of public speech or in poem, to particular person (often dead or absent)* (taħt "apostrophe[1]")<br><br>*Sign of omission of letter, or of possessive case (e.g. can't, boy's)* (taħt "apostrophe[2]") |
| 48. apostrophic | Ta' apostrofu jew apostrofi. | Ta' appostrofi jew ta' appostrofu. | |
| 49. apparatus | Kulma hu meħtieġ għal għamil ta' xogħol; tagħmira, għodod, armar &. | Apparat; Kulma hu meħtieġ għall-għemil ta' xogħol; tagħmira, għodod, armar eċċ. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 50. apparent | Apparenti; dieher; li jidher biċ-ċar; li fil-għajn jidher bla ma hu tassew, donnu jidher. | Dieher; li jidher biċ-ċar; li jidher iżda ma hux.<br>• *Heir apparent*, (il-maqlub ta' *heir presumptive*), werriet (ta' kuruna, ta' titlu, eċċ.) li ma għandux min jirbaħlu l-jedd. | Jiżdiedu żewġ espressjonijiet li jagħti l-*Oxford*. |
| 51. Appeal (n) | Appell (ħaqq mill-ġdid); sejħa; tisjiħa.<br>• *Court of Appeal*, Qorti tal-Appell.<br>• *To lodge an appeal*, talab l-appell. | Appell; sejħa; tisjiħa.<br>• *Court of Appeal*, Qorti tal-Appell.<br>• *To lodge an appeal*, talab l-appell. | |
| 52. Appeal (v) | (v.i.) Appella; għamel appell.<br>• *I appeal to you*, jiena magħmlek [sic] imħallef, noqgħod għal li tgħid int.<br>(v.t.) Appella; ġieb fl-appell, sejjaħ. | (v.i.) Appella; għamel appell.<br>• *Appeal to the country*, ħall il-Parlament (biex issir elezzjoni oħra).<br>• *Appeal to*, għoġob lil. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 53. appear | Deher; tqaddam; feġġ; kien donnu.<br>• *He is to appear before*, għandu jidher quddiem.<br>• *It appears that*, donnu li.<br>• *To appear above ground*, nibet; feġġ.<br>• *To make appear*, wera; perreċ. | Deher; feġġ; kien donnu.<br>• *He is to appear before*, għandu jidher quddiem.<br>• *It appears that*, donnu li.<br>• *To appear above ground*, nibet; feġġ. | Titħalla barra kelma arkajka. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 54. appearance | Dehra; feġġa; xeħta; qatgħa; wiċċ.<br>• *At first appearance*, għall-ewwel, malli tarah.<br>• *He makes a good appearance*, jagħmel figura tajba fi.<br>• *Man of fine appearance*, raġel ta' għamla sabiħa; figurtu sabiħa.<br>• *Non-appearance in a court of justice*, nuqqas id-dehra fil-Qorti.<br>• *To make one's appearance*, deher; tqaddam. | Dehra; feġġa; xeħta; fatat; ruħ.<br>• *At first appearance*, għall-ewwel; mill-ewwel daqqa t'għajn.<br>• *He makes a good appearance*, jagħmel figura tajba.<br>• *Man of fine appearance*, raġel ta' bixra sabiħa.<br>• *Non-appearance in a Court of Justice*, nuqqas ta' dehra fil-Qorti.<br>• *Put in an appearance*, deher (fil-Qorti).<br>• *To all appearances*, milli jidher.<br>• *Save appearances*, għal għajn in-nies. | Jiżdiedu tliet espressjonijiet li qegħdin fl-*Oxford*. |
| 55. appeasement | Tihdija; tibrid; titfija. | Tibrid; titfija. | Titħalla barra kelma arkajka. |

# Biblijografija


Adamska-Sałaciak, A. "Between *designer drugs* and *afterburners*: A Lexicographic-Semantic Study of Equivalence" f'*Lexikos* 21 (AFRILEX-reeks/series 21: 2011): pp. 1-22.

Agius, D.A. "*Al-Miklem Malti*: *A Contribution to Arabic Lexical Dialectology." Bulletin (British Society for Middle Eastern Studies)* Vol. 17, nru 2, 1990, pp. 171-180.

Agius Muscat, D. *Il-Librerija u l-Arkivju tal-Akkademja tal-Malti.* Teżi ppreżentata għall-grad ta' Diploma fl-Istudji tal-Libreriji u tal-Informazzjoni, l-Università ta' Malta, 2007.

Aitchison, J. *Words in the Mind: An Introduction to the Mental Lexicon*. Ir-raba' edizzjoni John Wiley and Sons, 2012.

Atkins, B.T.S. u M. Rundell. *The Oxford Guide to Practical Lexicography.* Oxford: Oxford University Press, 2008.

Aquilina, Ġ. "Materjal għall-Istorja: Ittri ta' Dun Karm lil Ġużè Aquilina" f'*Leħen il-Malti*, Għaqda tal-Malti – Università, Ħarġa Speċjali, 1962, pp. 83-92.

---. "The Problems of a Bilingual Dictionary" f'*Mélanges Skok,* Zagreb: Jugoslavenska Akademija Znanosti i Umjetnosti, 1985, pp. 19-26.

---. "Maltese Lexicography" f'*Orbis – Bulletin International de Documentation Linguistique*, Vol. 2, nru 2, Louvain, 1953, pp. 474-483.

Bergenholtz, H. u S. Tarp "Two opposing theories: On H.E. Wiegand's recent discovery of lexicographic functions" f'*Journal of Language and Communication in Business* għadd 31, pp. 171-196. Hermes, 2003. Aċċessata fl-1 ta' April 2023 minn: https://www.researchgate.net/publication/281096011_Two_Opposing_Theories_On_HE_Wiegand's_Recent_Discovery_of_Lexicographic_Functions.

Brincat, J. *Maltese and Other Languages*. Malta: Midsea Books, 2011.

Cachia, L. *Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali*, 2011.

Camenzuli, Paul G. *Reforms in Local Education with Special Reference to Maltese, Malta 1900-1940*, teżi tal-M.A., 1971.

Caruana, F.S. "Dun Karm u Jien" f'*Leħen il-Malti*, Għaqda tal-Malti – Università, Ħarġa Speċjali, 1962, pp. 13-15.

Cassar, George. *L-Edukazzjoni Pubblika f'Malta Kolonja 1800-1964*. Kite Group, 2022.

Cassar, Mario. *Storja tal-Ilsien u l-Letteratura Maltija – Kronoloġija,* 2021.

Cassar, Marita. *Dun Karm: il-Proża bil-Malti Miġbura*. Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2021.

Cassar Pullicino, J. *Aquilina u l-Malti*. Klabb Kotba Maltin, 1974.

---. "Unpublished Maltese Dictionaries" *Scientia*, Vol XIII, nru 1, 1947, pp. 36-44.

---. "It-Twaqqif tal-Għaqda tal-Malti (Università) fil-Gazzetti Lokali" f'*Leħen il-Malti* għadd 28, 1992, pp. i-xii.

Cassola, A. *The Biblioteca Vallicelliana Regole Per La Lingua Maltese*. Said International Ltd, 1992.

Cremona, A. *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*. Oxford University Press, 1936.

Cruse, D. A. *Meaning in Language: An Introduction to Semantics and Pragmatics*. It-tieni edizzjoni, Oxford UP, 2004.

Dagut, M. "Semantic Voids as a Problem in the Translation Process" f'*Poetics Today* 2/4, 1981, pp. 61-71.

Duval, Alain, "L'équivalence dans le dictionnaire bilingue" f'*Dictionaries. An International Encyclopedia of Lexicography*, Walter De Gruyter 1991, pp. 2817-2823.

Ellul, D. "Ħarsa ħafifa lejn l-ewwel dizzjunarju Malti-Malti u teżawru miġbura minn Michael Agius" f'*Leħen il-Malti*, 2018.

---. "Proposta għall-kritika ta' xogħlijiet lessikografiċi u ħarsa kritika lejn it-teżawru manuskritt ta' Michael Agius" f'*Leħen il-Malti*, 2019.

---. "Sittax-il folja mid-dizzjunarju manuskritt mitluf ta' Salvatore Mamo: Storja tad-dizzjunarju manuskritt u tqabbil mad-dizzjunarju l-ieħor ta' Mamo stampat fl-1885" f'*Leħen il-Malti*, 2023.

Frendo, H. "Language and Nationality in an island colony: Malta" fil-*Canadian Review of Studies in Nationalism*, III, 1975.

Friggieri, O. *Dun Karm: Il-Bniedem fil-Poeta*. Klabb Kotba Maltin, 1980.

---. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*. PEG, 1995.

---. *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*. PEG, 1997.

Gabrovšek, D. "The General Thesaurus: The What and The Who of it." *Suvremena Lingvistika*, għadd 41-42, pp. 149-155. Hrvatsko filološko društvo, 1996.

Gouws, R.H. u Prinsloo, D.J. *Principles and Practice of South African Lexicography*. Sun Press, 2005.

Hartmann, R.R.K. u James, G. *Dictionary of Lexicography*. Routledge, 2002.

Julyan, P.G. *Report on the Civil Establishments of Malta*. Londra, W. Clowes & Sons 1879.

Keenan, P.J. *Report Upon the Educational System of Malta*, Dublin Alexander Thomas, 1879.

Kromann Hans-Peder, Riiber Theis u Rosbach Poul, "Principles of bilingual lexicography" f'*Dictionaries. An International Encyclopedia of Lexicography*, Walter De Gruyter 1991, pp. 2711-2728.

Lyons, J. *Language and Linguistics*. Cambridge UP, 1981.

NSO, *Malta Blue Book 1863*. Government Printing Office, 1864.

Portelli, L. "Tifkiriet ta' Katerina Ciantar" f'*Leħen il-Malti*, Għaqda tal-Malti – Università, Ħarġa Speċjali, 1962, pp. 68-71.

Privitera, V. *Id-Dizzjunarji Maltin*. Teżina tal-B.A. (Ġen.), l-U ta' Malta, 1964.

Psaila, Dun Karm. "Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin." Editorjal ta' *Il-Malti*, Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, Marzu 1933.

---. “Dizzjunarju tal-Malti.” Editorjal ta’ *Il-Malti*, Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, Settembru 1936.

Roudanovsky, Basil. *Quelques particularités du dialecte arabe de Malte,* 2nd edn. Beyrouth: Imprimerie Catholique, 1911.

Saydon, P.P. “Bibliographical Aids to the Study of Maltese” f’*Journal of Near Eastern Studies*, The University of Chicago Press, Vol. 12, nru 1, Jannar 1953, pp. 20-30.

Schiavone, M. *Dictionary of Maltese Biographies*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

Schnorr, V. “Translational Equivalent and/or Explanation? The Perennial Problem of Equivalence” f’*Lexicographica* vol. 2. 1986, pp. 53-60.

Vella, C. “L-Iskola Primarja tas-Siġġiewi u l-Kapijiet tagħha”, f’*Festa 2006*, Każin Banda Siġġiewi, 2006.

Vella, O. “L-Ewwel Sensiela ta’ Kotba tal-Iskola bil-Malti” f’*Minn Tagħna*, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2023, pp. 24-25.

Xerri, Joseph A. *L-Iżvilupp tal-Edukazzjoni f’Malta 1430-1924*. SKS, 2016.

Zammit Mangion, J. *L-Istorja tal-Edukazzjoni f’Malta*. PIN, 2000.

Zgusta, L. *Manual of Lexicography*. Mouton, The Hague u Pariġi, 1971.

**Manuskritti fl-Arkivji**

AKM: *Kollezzjoni tal-Mużew ta' Dun Karm.*

ANM: GMR 1304/1936, "Report on the working of the Government Printing Office" f'*Report on the Working of Government Departments during the financial year 1936-1937.*

ANM: GMR 1348/1938, "Report on the working of the Government Printing Office" f'*Report on the Working of Government Departments during the financial year 1937-1938.*

ANM: GMR 1624/1950, "Report on the working of the Government Printing Office" f'*Report on the Working of Government Departments during the financial year 1949-1950.*

ANM: GMR 1704/1951, "Report on the working of the Government Printing Office" f'*Report on the Working of Government Departments during the financial year 1950-1951.*

ANM: GMR 1675/1953, "Report on the working of the Government Printing Office" f'*Report on the Working of Government Departments during the financial year 1951-1952.*

ANM: *Reply to question no 302/1/2 by Dr Frendo Azopardi*

ANM: DOI 67/1966, *Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari ta' W. Abela lill-Prim Ministru*

ANM: CSG 01 2191/1937 *Maltese Dictionary*

ANM: EDU 01 523/1922 *Annual Report on the working of the Elementary Schools' Department during the financial year 1921-22.*

ANM: EDU 02 568/1946 *Publication of Maltese English – English Maltese Dictionary*

ANM: EDU 02 447/1948. *Dr Frendo Azzopardi – To ask the M. For E.*

ANM: GMR 1298. *Reports on the working of Government Departments during the financial year 1935-1936.* Malta Government Printing Office, 1937.

ANM: GMR 1775 *Report on the Department of Education for the Years 1948-1954.* Government Printing Office 1955.

AUM: Ms. 181, *Korrispondenza (14-il ittra) – Dun Karm lil Laurent Ropa*

AUM: Ms. 211/10, *Papers and Correspondance*

AUM, Ms. 214, *Peter Vassallo's Collection of Papers relating to Dun Karm.*

AUM: Ms. 216/1, *Dizzjunarju Ingliż-Malti: Erba' Kelmiet ta' Qabel*

AUM: Ms. 216/2, *Dizzjunarju Ingliż-Malti: Abbozz ta' Tifsir*

AUM: Ms. 216/3, *Maltese Dictionary: Its Scope and Progress*

AUM: Ms. 216/4, *Daħla għad-Dizzjunarju*

AUM: Ms. 216/5, *Kif Tnisslet l-Idea ta' dan id-Dizzjunarju*

AUM: Ms. 441, P.P. Saydon – *Collection of Letters to Ġużè Aquilina*

AUM: *Ġużè Chetcuti Collection*, PB 12c.

Parroċċa ta' Ħal Balzan, *Liber Baptisatorum*.

## Siti Elettroniċi

https://vassallohistory.wordpress.com/ministerial-cabinets-since-1921/

https://mut.org.mt/about/union-officials/

https://www.parlament.mt/en/members-group/pisani-nazzareno/

https://www.um.edu.mt/newspoint/news/2024/12/a-long-lost-maltese-dictionary-rediscovered

https://tvmnews.mt/news/jinstab-manuskritt-ta-dizzjunarju-mahsub-li-nqered-fit-tieni-gwerra-dinjija/

## Dizzjunarji Msemmija

Académie Française. *Dictionnaire de l'Académie Française*. It-tmien edizzjoni, 1931-1935.

Barbera, G. *Dizionario Maltese-Arabo-Italiano*. Bejrut, 1939-40.

Busuttil, V. *Diziunariu mill Malti ghall Inglis*. Malta, 1900.

---. *Diziunariu mill Inglis ghall Malti*. Malta, 1900.

Carabott, R., editriċi. *Damma tal-Kliem Kartaginis Mscerred fel Fom tal Maltin u Ghaucin*. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Librerija Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti, Heritage Malta, it-trust tad-Dipartiment tal-Innovazzjoni fir-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Università ta' Malta, BPC International u l-Ministeru ta' Għawdex. Firenze, 2016.

Caruana, A.E. *Vocabolario della Lingua Maltese*. Malta, 1903.

Falzon, G.B. *Dizionario Maltese-Italiano-Inglese*. Malta, 1845 (l-ewwel ed.) u 1882 (it-tieni ed.)

---. *Dizionario Italiano-Inglese-Maltese*. Malta, 1882.

Fowler, F.W. u H.G. Fowler (Ed.) *The Concise Oxford Dictionary of Current English*. Oxford: Clarendon Press, 1934 (it-tielet ed.)

Fowler, H.W. (Ed.) *A Dictionary of Modern English Usage*. Oxford University Press, 1926.

Gove, P.B. (Ed.) *Webster's New Dictionary of Synonyms*. Merriam-Webster, 1984.

Magro, E. *English and Maltese Dictionary*. L-ewwel parti, Malta, 1906.

Mamo, S. *English-Maltese Dictionary*. Aquilina e Co, 1885.

---. Dizzjunarju manuskritt mitluf fil-gwerra li 16-il folja minnhom huma riprodotti f'Ellul, D. "Sittax-il Folja mid-Dizzjunarju Mhux Ippubblikat ta' Salvatore Mamo" f'Għaqda tal-Malti – Università, *Leħen il-Malti*, 2023.

Psaila, C. *English-Maltese Dictionary*. Malta, 1936-1955.

Psaila, K. u Ġ. Diacono. *Dizzjunarju Ingliż-Malti*. 5 volumi. Valletta Publishing & Promotion Co. Ltd., 1991.

Roget, P.M. *Thesaurus of English Words and Phrases Classified and Arranged so as to Facilitate the Expression of Ideas and Assist in Literary Composition*. Longman, 1852.

Tommaseo, N. *Nuovo Dizionario dei Sinonimi della Lingua Italiana*. Firenze, 1838.

Vassalli, M.A. *Ktŷb yl Klŷm Mâlti 'mfysser byl-Latin u byt-Talyân*. Ruma, 1796.

Vella, F. *Dizionario Portatile delle Lingue Maltese-Italiana-Inglese*. Livorno, 1843.

Zecchini, S.P. *Dizionario dei Sinonimi della Lingua Italiana*. Turin, 1848.



Valletta
3rd May 1929

Sir,

With reference to the Government's intention of having a Standard Maltese ... compiled, I beg to bring to your ... that I am in possession of a ... manuscript of a Maltese English and English-Maltese dictionary in 2 Volumes.

This manuscript has been thoroughly inspected some time ago by ... the Editor of Govt. Maltese Publications, who is of opinion that the ... most useful both for common ... and as a reference book. He also recommends that the Public Library should ... the work which would otherwise likely be lost.

I may add that the work is

Ritratt 4: L-ewwel folja ta' ittra tat-3 ta' Mejju 1929 iffirmata minn Dr R. L. Casolani u indirizzata lill-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika Augustus Bartolo.



in very good condition and is now
property of the author's heirs,
Manno of Casal Balzan who
willing to dispose of it at a reasonable
price

I would be glad if you
refer the matter to Mr
can give you full details

Confidently hoping
Government will see its way
loose such a good opportunity
acquire an important and

I am
Sir
Yours very

The Hon'ble
The Minister of Public Instruction

Ritratt 5: It-tieni folja tal-istess ittra. Olvin Vella nnota xebh kbir bejn il-kaligrafija ta' din l-ittra u l-kaligrafija ta' Ninu Cremona.



75/34

35-

20th November, 1934.

Dear Mgr. Psaila,

A small Board is being formed to revise Mamo's dictionary and edit it for publication.

I should feel obliged if you would let me know whether you are willing to serve on the Board on the understanding that the work will be unremunerated.

Yours sincerely,

Director of Education.

Ritratt 6: L-ittra li biha Dr A. V. Laferla stieden lil Psaila jingħaqad mal-Bord li kellu jirrevedi d-Dizzjunarju Manuskritt ta' Salvatore Mamo


41

Malta Public Library,
Office of the District Circulating Libraries
Valletta, 21st Nov: 1934.

Dear Dr. Laferla,

With reference to your letter (N: 457/34) dated 20th instant, I feel that I should be undertaking much more than I can really do at present, if I were to accept service on the small Board instituted to revise Manno's Dictionary.

Nevertheless, I am quite prepared to help whenever I am able to do so.

Yrs very truly,
Mons. C. Psaila

Ritratt 7: It-tweġiba ta' Psaila lil Laferla fejn jinfurmah li se jagħti sehmu fil-Bord tad-Dizzjunarju


5/35.

52

2 nd January, 1935.

Dear Mr. Scicluna,

As the work of the Committee appointed to compile a Maltese dictionary will occupy two afternoons a week, may I ask you to allow Mgr. Psaila to attend the meetings on Tuesdays and Fridays at 3 p.m. ?

With anticipated thanks

Yours sincerely,

Ritratt 8: Ittra li Dr A. V. Laferla bagħat lid-Direttur tal-Libreriji Sir Hannibal P. Scicluna biex jitolbu permess iħalli lil Psaila jattendi l-laqgħat dwar id-Dizzjunarju



56

Malta Public Library.

Valletta, 3rd January, 1935.

Dear Dr Laferla,

There is no objection to Monsignor Psaila attending the meetings of the Committee appointed to compile a Maltese Dictionary, as suggested by you.

Yours sincerely,

Ritratt 9: It-tweġiba ta' Sir Hannibal P. Scicluna lil Dr A. V. Laferla

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1933

## DIZZJUNARJU TAS-SINONMI MALTIN.

Min iħobb il-kitba maltija ma jistax ma jitgħaxxaqx bil-ħarġa żgħażagħ, tfal ta' l'iskola, li mixgħulin bl-imħabba tal-Isien li hu tagħhom, u bil-ħrara tas-sengħa, qegħdin jitħarrġu xi wħud fil-kitba tal-proża u oħrajn f'dik tal-poeżija bil-malti.

Tistagħġeb xi drabi kemm għandhom ħabta jinsġulek ħrafa, jew rakkont, jew bozzett, u kif iqegħdulek quddiem għajnejk ix-xbieha ta' mara, ta' raġel, ta' xbejba jew ta' tifel b'erba' pinzellati fi proża ħafifa, mexxejja, ħierġa safja minn qalb li tħoss. Tistagħġeb, xi drabi oħra, liema xejra sabiħa għandhom xi wħud għall-versi.... versi li ma jkunu xejn li tarmihom, u tħoss li ġe' dawk is-sillabi hemm qalb li tħabbat, hemm fehma u rieda qawwija imħeġġin biex jirbħu it-tweġħir u l-qugħ li l-kittieba kollha, imma l-iżjed iż-żgħażagħ, jiltaqgħu miegħu: tistħajjilhom dawk il-versi bħal ħuġġieġa ward ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull daqs illi jlebleb, ilellex, ifewwaħ taħt iż-żiffa ta' dik in-nebħa sabiħa li bejn is-sittax u l-erbgħa-u-għoxrin sena iżżur lil kull min jifhem xi ftit il-ġmiel tal-ħolqien, il- ħlewwa ta' l-imħabba, in-nisġa ta' ferħ u ta' niket, ta' tama u ta' qtigħ il-qalb, fil-ħajja tal-bniedem.

Iżda ntbaħna mhux ftit drabi illi dawn iż-żgħażagħ xi daqqiet tonqoshom il-kelma li jkunu jeħtieġu, u jiġrilhom

Ritratt 10: Editorjal ta' Psaila fir-rivista *Il-Malti*

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1936

## DIZZJUNARJU MALTI

Bosta nies li jħobbu 'l Malti resqu fuqna u b'qalbhom f'idejhom qalulna: "Il-Malti miexi ġmielu: mijiet ta' żgħażagħ li ma kinux jaqraw ħlief bit-taljan jew bl-ingliż, il-lum jaqraw bil-malti wkoll u jitgħaxxqu bih, għax kulma jmorru aktar iħossu l-qawwa tiegħu, itiegħmu l-benna tiegħu, u jifhmu l-grammatka tiegħu. Għajb, jaħasra, li ma hawnx dizzjunarju tajjeb li, fil-waqt li jagħtik il-vokabolarju kollu tal-lsien malti, jagħtik ukoll is-suriet kollha li kelma tista' tieħu u l-frażijiet li jitnisslu minnha, bit-tifsir tagħhom."

Ħaġa sabiħa kemm tista' tkun dizzjunarju li jaqdik f'kull ma tista' teħtieġ fl-istudju ta' lsien; iżda min jitkellem hekk fuq dizzjunarju malti juri li qatt ma ħaseb, u bosta anqas ma fehem, ix-xogħol ta' ħsieb, ta' ħeġġa, ta' ġabra, ta' reqqa u ta' sabar li jitlob dizzjunarju ta' din il-għamla.

Dizzjunarju tajjeb hi dejjem ħaġa iebsa, imqar jekk ikun ta' lsien li għandu letteratura kbira, mibnija fuq sisien grammatikali li ma jiċċaqalqux u mwettqa minn l-użu ta' mijiet ta' snin: iżda meta l-lsien ikun għadu ma ħax dik il-qagħda sħiħa li tiġi mill-fehma għalenija ta' kittieba tajba u mid-drawwa twila ta' min jitkellem, u jaf jitkellem, b'dak il-lsien, ix-xogħol ta' dizzjunarju tajjeb jitqal bosta iżjed, u jitlob studju, ħsieb u reqqa li ħadd ma jifhimhom ħlief min imidd għonqu għal dak ix-xogħol.

Ritratt 11: Editorjal ta' Psaila fir-rivista *Il-Malti*



5

a) Bla tifsir mal-ħ, l-averbji u n-nomi astratti li ġejjin mill-aggettivi

Aggressive x Agile, Arid

x Bland  ~~Handy~~

x Bright x  ~~Happy~~

x Clever x  ~~Haggle~~

Compulsive

X Cruel x

Deep

Dizzy x

Extensive

Ferocious.

b) Bit-tifsir malli (averbji u n-nomi astratti li ġejjin) mill-aggettivi:

Fine. Boisterous.

Foul x  Kind, a.

Frail  Languid.

Immutable.  Large.

Independent  Lazy.

Musical  Imperishable

Musty  Inalienable

Narrative  Intrepid

Nasal.  Intricate

Nauseous.

Reluctant

Relative

Reciprocal x

c) Bit-tifsir malli. nomi astratti, li ġejjin mill-verbi:

Complete v.t. completeness a

Convey

Abrade. abrasion

Agitate. agitation

Interdepend.

Intern, v.t.

Cultivate, v.t.

~~Destroy~~.

214/2

Ritratt 12: Abbozzi tal-pjanijiet ta' Psaila għall-ħidma fuq id-Dizzjunarju



1 Giuseppe Barbera nel suo Dizionario Maltese-Arabo-Italiano Imprimerie Catholique Beyrouth (Liban). 1939 - XVII, chiama sempre la lingua o l'idioma maltese col nome Dialetto Maltese, come altri prima di lui la chiamarono, in Francia [illegible] (Roudanowsky ~~Dialecte~~ Quelques Particularités du Dialecte Arabe de Malte.

2. Dalla lettera del Prof. P.P. Saydon all'autore: (Malta, 28 maggio 1936): tanto il Dizionario del Vassallo (Lexicon Melitense Latino-Italum, Roma, 1796), come quello del Vella (Dizionario Maltese-Italiano-Inglese, Livorno 1843), del Caruana (Vocabolario della lingua maltese, Malta, 1903) e i due volumi del Falzon (Vol. I Dizionario Maltese-Italiano-Inglese, e vol. II Italiano-Maltese-Inglese, erano da vario tempo fuori mercato, esauriti....

3 Da: ora due parole sui pregi e difetti del Dizionario del Falzon, come pure su quello del Busuttil....

Pag. "Il Dizionario del Falzon, prima di tutto non è completo e molte voci mancano, facendone il paragone con quello del Busuttil e secondo le note e postille che il [illegible] Padre Emman. Magri S.J. lasciò nella sua copia in mio possesso.

Vassalli (born March 5th 1764)

Maltese Grammar in Latin 1791. Mylsen

"L-alfabett malti [illegible] fil-Malti u bil-Talian. Ktyb il-Ktyeb [illegible] [illegible]

" Alfabeto maltese spiegato in lingua maltese ed Italiana. Printed by Fulgoni in Rome, 1790.

" Grammatica della lingua maltese (1827)

Maltese-Latin-Italian Vocabulary, which was to be printed by the Printing Works of Fulgoni (Rome)

" A Petition to the Grand Master De Rohan for the opening of a public school to teach Maltese Reading and Writing (1794-95). Petition granted, but the school we are not in a position to say whether it was opened or not.

Ritratt 13: Noti ta' Psaila dwar id-dizzjunarji ta' qablu


Vassalli
Born. march 5th 1764
Dead 1829
36
29
65
7

Ritratt 14: Il-ħsibijiet ta’ Psaila dwar Vassalli



Id-Dizzjunarju Ingliż u Malti
Erba' Kelmiet ta' Qabel
l-aktar għaż-żgħażagħ

Il-Gżira ta' Malta, imqiegħda bħala ġawhra sabiħa fil-qalba tal-Baħar Mediterran, kienet minn dejjem ix-xewqa u mbagħad il-premju ta' dik in-nazzjon li bil-qawwa tal-għaqal u bil-qawwa tal-armi kienet tisboq lin-nazzjonijiet l-oħra ta' żmienha. Għalhekk l-istorja ta' Malta tfakkarna li bosta ġnus barranin kellhom f'idejhom, mal-mixja taż-żmien, il-kmand u l-ħakma tal-Gżejjer tagħna.

Ewlenin fost kulħadd kienu l-Feniċi, nies baħħara, qalbiena u ntelliġenti, li niżlu hawn Malta xi 1500 sena Q.K.: wara l-Feniċi, ġew f'Malta l-Kartaġiniżi, 668 Q.K., imbagħad ir-Rumani, 216, Q.K. u wara medda ta' snin ftit u xejn ikkura waslu l-Għarab, (870-1090 W.K.). Ġew imbagħad in-Normanni, l-Aragoniżi, il-Kavalieri ta' San Ġwann (1530-1798); wara ġew il-Franċiżi, u fl-aħħar l-Ingliżi (1799) li għadhom magħna sal-lum.

Għalhekk il-ħtieġa, jew il-bżonn, ta' vokabolarju, jew aħjar, ta' dizzjunarju tal-ilsien Malti mxebbek ma' xi lsien ieħor, l-aktar mal-ilsien ta' xi nazzjon li magħha Malta kellha xi relazzjonijiet speċjali, nħasset minn bosta u bosta żmien ilu; u xi dizzjunarji ta' din is-xorta nkitbu sa mis-seklu XVII. minn nies għorrief Maltin u, xi drabi, barranin, illi għarfu kemm l-ilsna huma għodda meħtieġa biex in-nies ta' pajjiżi ikunu jistgħu jiftiehmu kif jixraq, mhux biss bil-fomm,

Ritratt 15: Verżjoni bikrija tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel"
fejn Psaila jikkonsidra li jsemmi liż-żgħażagħ fit-titlu



Ritratt 16: Noti ta' Psaila bi tħejjija għall-kitba tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (1)



Ritratt 17: Noti ta' Psaila bi tħejjija għall-kitba tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (2)


3

Dizzjunarju, ktieb li jiġbor fih [illegible] l-ordni tal-alfabet il-kliem ta' lsien bit-tifsir tagħhom u [illegible] dawk il-frażijiet, jew espressjonijiet li [illegible] jew [illegible] ma' dak il-kliem.

Storja. Skond ma jifhimha Cuvier, Ġorġ Leopoldu, Kristjan Federiku, baruni ta' Dagobertu, famuż naturalista franċiż, [illegible] ġenerali tal-istudji u membru tal-Akkademja tax-xjenzi. Kien Aristotele l-ewwel wieħed li ~~[illegible]~~ [illegible] u [illegible] li [illegible] [illegible] it-tagħrif kollu li hu kien kiseb fuq ix-xjenzi ta' żmienu fuq l-ordni tal-alfabet. Oħrajn warajh bħal Kallimaku, Varroni, Esikju u Kalepin u oħrajn ordnaw uħud l-istudji li kienu [illegible] skond l-alfabet, u kkompilaw bħal dizzjunarji. Fuq l-eżempju ta' dawn il-[illegible] moderni [illegible] il-vokabularji u d-dizzjunarji [illegible]

Ritratt 18: Noti ta' Psaila bi tħejjija għall-kitba tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (3)


Storja tad-Dizzjunarji Maltin. 4
1 Mikiel Anton Vassallo (o Vassalli) Lexicon Melitense Latino-Italum, Roma, 1796.
2. Vella (Dizzionario Maltese-Italiano-Inglese — Livorno, 1843.
3. Caruana E. Vocabolario della Lingua Maltese, Malta 1903.
4. Falzon Vol I Dizzionario Maltese-Italiano Inglese Vol. II Diz. Italiano, Maltese-Inglese — Vol III Diz. Inglese Maltese-Italiano, 1882.
5. Busuttil, V. Dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti 1937. Diz. mill-Malti għall-Ingliż 1900.

Ritratt 19: Noti ta' Psaila bi tħejjija għall-kitba tal-"Erba' Kelmiet ta' Qabel" (4)



The Government is about to begin the publication in parts of a Maltese Dictionary which is being compiled by the Director of Education, the Mgr. C. Psaila, Mr. F. S. Caruana, Mr. A. Cremona, the Revd. Prof. P. P. Saydon, Mr. Emmanuele Vella, and the Revd. [illegible] Farrugia assisted by Messrs. Joseph Ebejer, John Cilia, Nazzareno Pisani, Godfrey Zarb Adami, Joseph Chetcuti, Joseph Aquilina, Salvatore Galt and Gaetano Cauchi.

The first part will be published by the Government Printing Press—Price 1d. It is hoped that subsequent parts will follow at intervals of between a fortnight and a month.

3rd July, 1936.

Il-Gvern se jibda joħroġ fi bċejjeċ Dizzjunarju Malti li qiegħed jinħadem mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, mill-Wisq Reverendu Monsinjur C. Psaila, mis-Sur F. S. Caruana, mis-Sur A. Cremona, mir-Reverendu Prof. P. P. Saydon, mis-Sur Emmanuele Vella u mir-Reverendu C. Farrugia megħjunin mis-Sinjuri Joseph Ebejer, John Cilia, Nazzareno Pisani, Godfrey Zarb Adami, Joseph Chetcuti, Joseph Aquilina, Salvatore Galt u Gaetano Cauchi.

L-ewwel biċċa toħroġ mill-Istamperija tal-Gvern f'Lulju—Prezz 1.—Nittamaw illi l-bċejjeċ ta' wara joħorġu f'tul ta' bejn ħmistax-il-ġurnata u xahar.

It-3 ta' Lulju, 1936.

Ritratt 20: Abbozz tal-avviż li kellu jħabbar il-ħidma fuq id-Dizzjunarju fil-*Gazzetta tal-Gvern* tat-3 ta' Lulju 1936.



3rd July, 1936.]

625

[Nru. 247.]

IL-GVERNATUR għoġbu jaħtar lis-Sur Carmelo Cassar, M.D., bħala Tabib Distrettwali fid-Dipartiment ta' l-Istituti tal-Karità mill-1 ta' Lulju, 1936.

It-3 ta' Lulju, 1936.

[Nru. 248.]

IL-GVERN se jibda joħroġ fi bċejjeċ Dizzjunarju Malti li qiegħed jinħadem mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, mill-Wisq Reverendu Monsinjur C. Psaila, mis-Sur F. S. Caruana, mis-Sur A. Cremona, mir-Reverendu Prof. P. P. Saydon, mis-Sur Emmanuele Vella u mir-Reverendu C. Farrugia megħjunin mis-Sinjuri Joseph Ebejer, John Cilia, Nazzareno Pisani, Godfrey Zarb Adami, Joseph Chetcuti, Joseph Aquilina, Salvatore Galt u Gaetano Cauchi.

L-ewwel biċċa toħroġ mill-Istamperija tal-Gvern f'Lulju—Prezz 1. Nittamaw illi l-bċejjeċ ta' wara joħorġu f'tul ta' bejn ħmistax-il-ġurnata u xahar.

It-3 ta' Lulju, 1936.

[Nru. 249.]

NGĦARRFU, skond dak li hemm imsemmi fil-Liġijiet tal-Pulizija dwar il-Pjani Regolaturi, illi kopja ta' Pjan Regolatur, għall-Belt il-Ġdida u biċċa mill-Marsa, magħmul mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, sejra tinqiegħed fl-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi, sabiex ikun jista' jaraha kulħadd fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju, u kopja oħra fil-Għassa tal-Pulizija tal-Marsa, għal żmien ta' ħmistax il-ġurnata tax-xogħol, li jibdew mis-6 ta' dan ix-xahar, għall-finijiet ta' l-Artiklu 5 tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Ma' tul iż-żmien li hu msemmi hawn fuq, kull min għandu interess fil-proprjetà li sejra tintmess [illegible] mill-Pjan Regolatur, u jixtieq jagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-pjanta, għandu jibgħat dawn l-osservazzjonijiet tiegħu lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn juri bic-ċar kif dawn l-interessi tiegħu sejrin [illegible] jitilfu.

Wara ż-żmien imsemmi hawn fuq ma jittieħed ebda kalklu ta' l-osservazzjonijiet li jaslu.

It-3 ta' Lulju, 1936.

Bi Kmand,

ARTH. GALEA,
Aġent Segretarju tal-Gvern.

Uffiċċju tal-[illegible] Gvernatur.

Ritratt 21: Avviż 248 tal-*Gazzetta tal-Gvern* li jħabbar il-ħidma fuq id-Dizzjunarju u l-pubblikazzjoni tiegħu f'faxxikli



The Malta Government Gazette

PUBLISHED BY AUTHORITY

8186 ] Friday, 3rd July, 1936. | Price 2d.

ANNO DOMINI 1936.] [No. XVII.

PROCLAMATION

By His Excellency Lieutenant-General Sir CHARLES BONHAM-CARTER, Knight Commander of the Most Honourable Order of the Bath, Companion of the Most Distinguished Order of Saint Michael and Saint George, Companion of the Distinguished Service Order, Governor and Commander-in-Chief in and over the Island of Malta and its Dependencies and Commander of the Troops serving within the same.

WHEREAS in the exercise of the powers conferred upon the Governor by Section 12 of His Majesty's Letters Patent bearing date the 14th of April, 1921, constituting the office of Governor and Commander-in-Chief of Malta and by Section 41 (1) of the Malta Constitution Letters Patent, I have on the 3rd day of July, 1936, made four laws the title whereof is set out in the Schedule hereto; and whereas in my judgment immediate promulgation thereof is indispensably necessary for the welfare of His Majesty's subjects residing within Malta;

NOW, therefore, I, in the exercise of the powers vested in me by Section 3 (5) of the Instructions under the Royal Sign Manual and Signet dated the 14th day of April, 1921, do hereby promulgate the said laws and notify that they shall take effect from this date and be observed as law in these Islands.

SCHEDULE.

An Ordinance to amend the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, 1935.

An Ordinance to amend the Criminal Laws.

An Ordinance to regulate the Importation, Sale and Disposal of Methylated Spirits.

An Ordinance to amend the Import and Export Duties Ordinance, 1934.

The Palace, Valletta, this 3rd day of July, 1936.

By Command,

ARTH. GALEA,

Acting Secretary to Government.

GOD SAVE THE KING.

Ritratt 22: L-ewwel faċċata tal-*Gazzetta tal-Gvern* li fiha tħabbret il-ħidma fuq id-Dizzjunarju



Ritratt 23: Prova mid-Dizzjunarju ta' Psaila fejn jidhru xi korrezzjonijiet



The English-Maltese Dictionary
Its Scope and Progress

When Maltese was by the Imperial Government declared to be, along with English, the official language of the Island of Malta and its Dependencies; and especially after its introduction as a subject for exams. in the Lyceum classes, the want of a good English-Maltese Dictionary was very naturally felt by all who in one way or another were interested in the matter; and appeals to the local Authorities were made in this respect.

To comply with this request the Government issued a Notice in the Gazette of the 3rd July 1936, announcing that a Committee of several students of Maltese under the presidency of Dr. A. V. Laferla was asked to undertake the compilation of an English-Maltese Dictionary to be published by instalments, one in between a fortnight and a month. But as nearly all the members of the committee happened to be civil servants and as such consequently engaged in other official work, the compilation of the Dictionary could not proceed very steadily, and up to the end of November (four months) only two instalments of 16 pages each, had been prepared and published.

It was then suggested that some competent person should be particularly entrusted with the compilation of the Dictionary, the work to be submitted to a Revising Committee at regular intervals; and Mons. E. Psaila, who had just retired from the post of Asst. Librarian, was asked to accept this task; which he did.

Ritratt 24: Abbozz ta' Psaila għal stqarrija għall-istampa dwar l-iskop tad-Dizzjunarju u kif kien miexi x-xogħol fuqu



Id-Dizzjunarju Ingliż-Malti li aħna nagħrfuh bħala d-dizzjunarju ta' Dun Karm, li llum qed jiġi aġġornat u/ miżjud minn Ġużè Diacono (Valletta Publishing & Promotion Co. Ltd.) għandu storja waraħ. Fit-3 ta' Lulju, 1936, il-Gvern ħareġ avviż fil-Gazzetta tiegħu fejn ħabbar li kien sejjer jitlaqqa' kumitat ta' xi nies imħarrġin fl-istudju tal-Malti u tal-Ingliż, taħt il-presidenza ta' Dr. Alb. V. Laferla, Direttur, dik il-ħabta, ta' l-Edukazzjoni, bil-ħsieb li jieħdu f'idejhom il-kompilazzjoni jew id-demma ta' Dizzjunarju Ingliż-Malti li jkun ippubblikat f'taqsimiet ta' sittax-il paġna l-waħda, bejn wieħed u ieħor kull xahar. Dan il-Kumitat li kien format bejn wieħed u ieħor minn tnax-il membru ltaqa' fl-uffiċċju ta' Dr. Laferla, Auberge de France, Sda. Mezzodì, il-Belt. Niftakar kull tnejn minna ħadna l-inkarigu li nifformaw ittra tad-dizzjunarju, jien u l-Professur Aquilina ħassna l-ittra "B". Ħabat li Dun Karm irtira bil-pensjoni minn Assistent Bibljotekarju. Ix-xogħol kollu ntreħa minn idejna. Dun Karm jgħidilna: "…. ħafna mill-membri tal-Kumitat kellhom fiduċja fija, talbuni li nindaħal jien għal dan ix-xogħol, u jiena, b'ħafna taqtiq ta' qalb, aċċettajt."

Fid-Daħla ta' dan id-Dizzjunarju Dun Karm ikid jgħidilna : " Nawnhekk inħoss li għandi ngħid li, għalkemm dawn l-Erba' Kelmiet ta' Qabel jidhru fuq l-isem tiegħi, jiena nagħraf, fis-sewwa, ix-xogħol li għamlu l-membri tal-Kumitat Ewlieni fit-tħejjija ta' l-ewwel fażżikoli, u l-għajnuna li tawni l-membri tal-Kumitat tar-Reviżjoni, u nagħraf ukoll l-għajnuna li xi ħbieb oħra tawni, bil-kelma tal-fomm jew bil-kelma miktuba, fil-ħidma tiegħi."

Din hi fil-qosor l-istorja ta' kif beda jifforma ruħu dan id-dizzjunarju Ingliż-Malti.

Niftakar ukoll meta t-tabib Ġużè Bonnici għamel il-ħsieb li jiġbor fi ktieb il-poeżiji kollha ta' Dun Karm, għal Dun Karm kien diffiċli ferm li jsib il-poeżiji kollha mxerrdin f'ħafna riviżti, opuskoli u ġurnali. Jien u Ġużè Bonnici fittixna fil-Bibljoteka u għand il-ħbieb u sibna l-biċċa l-kbira tal-poeżiji li Dun Karm ma setax isib.

Meta Ġużè Bonnici u Dun Karm dehrilhom li l-ġabra kienet sħiħa, fis-sena 1939 mill-Excelsior Press, Triq St. Ursla, il-Belt, Ġużè Bonnici ħareġ din il-ġabra mqassma fi tliet kotba: 1) X'Ħabb u x'Ħaseb il-Poeta; 2) X'Emmen il-Poeta; 3) X'Għamel Iżjed il-Poeta.

Bħalma għamilt fir-rumanzi kollha li ħarġu fis-sensiela "Ġabra ta' Kitba Maltija" jien tajt l-għajnuna tiegħi wkoll fit-tliet kotba "Għana ta' Dun Karm" bil-korrezzjoni tal-provi.

Ritratt 25: Kitba ta' Ġużè Chetcuti dwar l-involviment tiegħu fix-xogħol tad-Dizzjunarju



Ritratt 26: Parti minn ittra li Dun Karm bagħat
lil Ġużè Bonnici f'Lulju tal-1940